



Brussell, 13 ta' Novembru 2025  
(OR. en)

15018/25

ENV 1171  
CLIMA 509

### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	6 ta' Novembru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 668 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL Rapport ta' Progress tal-UE dwar l-Azzjoni Klimatika 2025

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 668 final.

Mehmuż: COM(2025) 668 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 6.11.2025  
COM(2025) 668 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-  
KUNSILL**

**Rapport ta' Progress tal-UE dwar l-Azzjoni Klimatika 2025**

{SWD(2025) 347 final}

## Werrej

1. Azzjoni klimatika: avvanzi u sfidi ..... **Error! Bookmark not defined.**
  - 1.1 Impatti tat-tibdil fil-klima u emissjonijiet ta' gassijiet serra: xejriet reċenti ..... **Error! Bookmark not defined.**
  - 1.2 Lejn l-oġġettivi klimatiċi ..... **Error! Bookmark not defined.**
  - 1.3 Progress fuq il-politiki u l-leġiżlazzjoni dwar il-klima **Error! Bookmark not defined.**
  - 1.4 Il-progress fl-Istati Membri ..... **Error! Bookmark not defined.**
  - 1.5 Opinjoni pubblika dwar it-tibdil fil-klima ..... **Error! Bookmark not defined.**
2. Is-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet .... **Error! Bookmark not defined.**
  - 2.1 Limitu massimu fuq l-emissjonijiet skont l-EU ETS .. **Error! Bookmark not defined.**
  - 2.2 Ix-xejriet tal-emissjonijiet ..... **Error! Bookmark not defined.**
  - 2.3 Dħul mill-irkant ..... **Error! Bookmark not defined.**
  - 2.4 Avjazzjoni..... **Error! Bookmark not defined.**
  - 2.5 Trasport marittimu ..... **Error! Bookmark not defined.**
  - 2.6 Bini, trasport u industrija żgħira ..... **Error! Bookmark not defined.**
3. Emissjonijiet tal-kondiviżjoni tal-isforzi ..... **Error! Bookmark not defined.**
  - 3.1 Miri għall-kondiviżjoni tal-isforzi ..... **Error! Bookmark not defined.**
  - 3.2 Progress lejn il-miri tal-kondiviżjoni tal-isforzi ..... **Error! Bookmark not defined.**
  - 3.3 Ix-xejriet tal-emissjonijiet skont it-tip ta' gass..... **Error! Bookmark not defined.**
  - 3.4 Trasport bit-triq ..... **Error! Bookmark not defined.**
4. Settur tal-użu tal-art..... **Error! Bookmark not defined.**
  - 4.1 Il-mira tal-LULUCF ..... **Error! Bookmark not defined.**
  - 4.2 Valutazzjoni tal-progress ..... **Error! Bookmark not defined.**
  - 4.3 Azzjoni biex jiżdied il-monitoraġġ tal-art..... **Error! Bookmark not defined.**
  - 4.4 Inizjattivi relatati rilevanti għall-agrikoltura u l-forestrija ..... **Error! Bookmark not defined.**
  - 4.5 Inċentivi għall-assorbimenti tal-karbonju u prattiki sostenibbli.... **Error! Bookmark not defined.**
5. Ġestjoni tal-karbonju industrijali ..... **Error! Bookmark not defined.**
6. Reżiljenza u adattament għat-tibdil fil-klima ..... **Error! Bookmark not defined.**
  - 6.1 Perikli klimatiċi u telf ekonomiku..... **Error! Bookmark not defined.**

- 6.2 Azzjoni tal-UE biex tingħata spinta lir-reżiljenza għall-klima .. **Error! Bookmark not defined.**
- 6.3 Progress fl-Istati Membri dwar il-politiki u l-leġiżlazzjoni dwar ir-reżiljenza u l-adattament għat-tibdil fil-klima.....**Error! Bookmark not defined.**
- 6.4 Azzjoni reġjonali u lokali .....**Error! Bookmark not defined.**
7. Investimenti fl-azzjoni klimatika .....**Error! Bookmark not defined.**
- 7.1 Ħtiġijiet ta' investiment .....**Error! Bookmark not defined.**
- 7.2 Mobilizzazzjoni tal-investiment tas-settur privat .....**Error! Bookmark not defined.**
- 7.3 Finanzjament mis-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet . **Error! Bookmark not defined.**
- 7.4 In-nefqa fuq il-klima fil-baġit tal-UE.....**Error! Bookmark not defined.**
8. Azzjoni internazzjonali dwar il-klima .....**Error! Bookmark not defined.**
- 8.1 Impenn multilaterali .....**Error! Bookmark not defined.**
- 8.2 Impenn bilaterali .....**Error! Bookmark not defined.**
- 8.3 Finanzjament għall-klima u kooperazzjoni internazzjonali..... **Error! Bookmark not defined.**

### **Għaliex nippublikaw dan ir-rapport?**

Il-Kummissjoni Ewropea timmonitorja u tivvaluta l-progress fl-ilħuq tal-miri klimatiċi, kif meħtieġ mil-leġiżlazzjoni tal-UE. Skont l-Artikoli 29(1) u 29(5) tar-[Regolament dwar il-Governanza](#), hija trid tivvaluta u tirrapporta dwar il-progress kull sena sal-aħħar ta' Ottubru, billi tibda mill-2021. Dan ir-Rapport ta' Progress dwar l-Azzjoni Klimatika jservi bħala din il-valutazzjoni.

# 1. Azzjoni klimatika: avvanzu u sfidi

## Punti ewlenin

- Fl-2024, l-Ewropa reġgħet esperjenzat l-effett devastanti tat-tibdil fil-klima, b'temperaturi rekord u avvenimenti estremi tat-temp, li affettwaw eluf ta' ħajjiet, l-ekonomija u ssottolinjaw il-ħtieġa urġenti għal azzjoni klimatika.
- L-UE għamlet progress billi naqqset l-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra bi 2,5 % mill-2023.
- Dan ifisser li l-UE tinsab fit-triq it-tajba biex tilħaq il-mira tagħha ta' tnaqqis tal-emissjonijiet bi 55 % sal-2030 meta mqabbla mal-livelli tal-1990, sakemm il-miżuri ta' politika eżistenti u ppjanati jiġu implimentati bis-sħiħ mill-UE u mill-Istati Membri.
- L-UE u l-Istati Membri qed iżidu wkoll l-isforzi tagħhom fuq ir-reżiljenza u l-adattament għat-tibdil fil-klima.
- L-Ewropej ikomplu jesprimu tħassib dwar it-tibdil fil-klima, b'appoġġ qawwi kontinwu għall-għanijiet u l-politiki tal-UE dwar il-klima.
- L-emissjonijiet globali ta' gassijiet serra komplew jżiedu fl-2024, u laħqu 53,2 biljun tunnellata ta' ekwivalenti ta' CO<sub>2</sub>.

## 1.1 Impatti tat-tibdil fil-klima u emissjonijiet ta' gassijiet serra: xejriet reċenti

L-2024 kienet globalment l-aktar sena sħuna rreġistrata u l-ewwel waħda li fiha t-temperatura medja qabżet 1,5 °C 'il fuq mil-livell preindustrijali<sup>1</sup>. L-Ewropa tkompli tkun il-kontinent li qed jisħon l-aktar malajr u s-sena 2024 kienet ikkaratterizzata minn kuntrast ċar bejn il-Lvant u l-Punent fix-xejriet tat-temp. L-Ewropa tal-Lvant kienet fil-biċċa l-kbira sħuna, b'ħafna temperaturi rekord, filwaqt li t-temperaturi fl-Ewropa tal-Punent kienu aktar varjabbli, b'xi xhur aktar friski jew qrib il-medja.

Hekk kif it-tibdil fil-klima intensifika, is-sena 2024 rat żieda f'avvenimenti estremi tat-temp b'impatti serji u mifruxa<sup>2</sup>. L-Ewropa tax-Xlokk iffaċċjat l-itwal mewġa ta' sħana li qatt ġiet irreġistrata. In-nirien fis-selvaġġ affettwaw aktar minn 40 000 persuna. F'Lulju, nar kbir fil-Lvant tal-Attika, il-Greċja, ħaraq madwar 110 km<sup>2</sup> u f'Settembru, diversi nirien kbar fis-selvaġġ faqqgħu fil-Portugall f'perjodu qasir. Il-Bulgarija u r-Rumanija esperjenzaw numru ta' nirien 'il fuq mill-medja matul is-sajf. Din kienet ukoll waħda mill-10 snin li fihom għamlet l-aktar xita fl-Ewropa tal-Punent mill-1950. Il-maltempati u l-għargħar affettwaw aktar minn 400 000 persuna, li rriżultaw f'mill-inqas 335 mewta. Serje ta' maltempati f'Mejju kkawżaw għargħar mifrux madwar il-Lvant ta' Franza, il-Punent tal-Ġermanja, il-Belġju u n-Netherlands. F'Settembru, il-maltempata Boris

<sup>1</sup> L-Organizzazzjoni Meteoroloġika Dinjija (WMO, World Meteorological Organisation), State of the Global Climate 2024, 2025. <https://wmo.int/publication-series/state-of-global-climate-2024>

<sup>2</sup> Is-Servizz dwar it-Tibdil fil-Klima ta' Copernicus (C3S) u l-Organizzazzjoni Meteoroloġika Dinjija (WMO), 2025: European State of the Climate 2024. <https://climate.copernicus.eu/esotc/2024>

kaxkret l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, u l-ammont rekord ta' xita fix-Xlokk ta' Spanja wassal għal għargħar katastrofiku f'Ottubru, li kkawża bosta fatalitajiet u telf ekonomiku sever. Il-ġlacieri madwar l-Ewropa qed ikomplu jdubu, b'dawk fl-Alpi fost dawk li qed jiċkien u bl-aktar rata mgħaġġla fid-dinja.

Dawn l-avvenimenti u l-projezzjonijiet jenfasizzaw il-ħtieġa urġenti għal azzjoni klimatika kontinwa, ambizzjuża u kkoordinata biex jitnaqqsu r-riskji, jiġu protetti n-nies u l-ekonomija, u tinbena r-reżiljenza kontra l-impatti dejjem jikbru tat-tibdil fil-klima.

Sakemm ma jitteħdux miżuri b'saħħithom ta' mitigazzjoni u adattament, it-tibdil fil-klima huwa pproġettat li jirriżulta f'aktar imwiet relatati mat-temperatura fl-Ewropa, speċjalment fil-Mediterran u fil-Lvant tal-Ewropa<sup>3</sup>. It-temperaturi globali dejjem jogħlew huma wkoll ipproġettati li jesponu frazzjonijiet dejjem jikbru tal-popolazzjoni għal estremi klimatiċi mingħajr preċedent f'ħajjithom<sup>4</sup>.

### **Xejriet tal-emissjonijiet fl-UE**

Id-data provviżorja għall-2024 turi li, fl-UE, l-emissjonijiet netti totali ta' gassijiet serra, inklużi l-emissjonijiet marittimi u tal-avjazzjoni internazzjonali taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-UE fil-mira, **naqsu bi 2,5 % meta mqabbla mal-2023**. L-emissjonijiet qed ikomplu fix-xejra 'l isfel osservata wara t-tnaqqis eċċezzjonali miksub fl-2023. L-emissjonijiet kienu 37,2 % aktar baxxi milli kienu fl-1990 (jew 39 % meta jitqiesu biss l-emissjonijiet netti domestiċi), filwaqt li l-PDG kien 71 % oġhla, li jfisser li t-tkabbir ekonomiku jkompli jiddiżakkoppja mill-emissjonijiet<sup>5</sup>.


---

<sup>3</sup> Masselot *et al.*, "Estimating future heat-related and cold-related mortality under climate change, demographic and adaptation scenarios in 854 European cities", *Nature Medicine*, 2025, <https://doi.org/10.1038/s41591-024-03452-2>

<sup>4</sup> Grant *et al.*, Global emergence of unprecedented lifetime exposure to climate extremes, *Nature*, 2025, <https://doi.org/10.1038/s41586-025-08907-1>

<sup>5</sup> L-ċifra għall-bidla ġenerali fl-emissjonijiet meta mqabbla mal-linja bażi tal-1990 għall-emissjonijiet tal-2024 f'dan ir-rapport tidher simili ħafna għaċ-ċifra fis-CAPR tas-sena li għaddiet, minkejja li l-emissjonijiet naqsu bi 2,5 % bejn l-2023 u l-2024. Dan huwa primarjament dovut għar-reviżjoni tal-2025 tad-data tal-inventarju tal-gassijiet serra tal-UE, li naqqset il-linja bażi tal-emissjonijiet netti tal-1990 (b'madwar 15 MtCO<sub>2</sub>-eq) u żiedet l-emissjonijiet netti għas-snin reċenti (sa 60 MtCO<sub>2</sub>-eq) meta mqabbla mal-inventarju tal-gassijiet serra tal-2024 użat fir-Rapport ta' Progress dwar l-Azzjoni Klimatika tal-2024. Dan huwa primarjament dovut għal aġġustamenti sinifikanti fid-data storika tal-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija (LULUCF, land-use, land-use change and forestry) fl-inventarju tal-gassijiet serra tal-2025 (għal aktar dettalji, ara l-kaxxa dwar ir-reviżjonijiet tal-inventarju tal-gassijiet serra tal-2025 fil-Kapitolu 3 tad-dokument ta' ħidma tal-persunal ta' akkumpanjament). Innota li kieku l-inventarju tal-gassijiet serra tal-2024 kien intuża bħala l-bażi (jiġifieri bħal fil-każ tas-CAPR tas-sena l-oħra), it-tnaqqis bejn l-2023 u l-2024 kien jirriżulta fi tnaqqis totali tal-emissjonijiet netti taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-UE fil-mira ta' 38,5 % meta mqabbel mal-1990.

## Illustrazzjoni 1: Emissjonijiet netti ta' gassijiet serra tal-UE (2018-2024)



Nota: Dawn iċ-ċifri huma bbażati fuq l-aħħar inventarju tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, inklużi l-valuri approssimati għall-2024, kif irrapportati mill-Istati Membri tal-UE. L-emissjonijiet mill-attivitàjiet tal-avjazzjoni u marittimi internazzjonali, kif irregolati fid-dritt tal-Unjoni, huma stmati mill-Kummissjoni Ewropea (ara l-Kapitolu 2 tad-dokument ta' ħidma tal-persunal ta' akkumpanjament).

L-aktar tnaqqis sinifikanti fl-emissjonijiet inkiseb fis-**settur tal-enerġija**, bl-emissjonijiet jonqsu bi 8,6 % (ekwivalenti għal 66 MtCO<sub>2</sub>-eq) meta mqabbla mal-2023 (Illustrazzjoni 2). Fattur ewlieni f'dan it-tnaqqis kien is-**settur tal-enerġija**, fejn l-emissjonijiet mill-produzzjoni tal-elettriku naqsu b'10,7 % meta mqabbla mal-livelli tal-2023<sup>6</sup>. Dan huwa dovut l-aktar għal żieda ta' 8 % fl-elettriku ġġenerat minn sorsi rinnovabbli u żieda ta' 5 % fl-enerġija nukleari, flimkien ma' tnaqqis fil-gass bi 8 % u fil-faħam bi 12 %. Fi hndan is-settur tas-sorsi rinnovabbli, l-enerġija solari rat tkabbir notevoli ta' 19 %, filwaqt li l-enerġija idroelettrika żdiedet bi 12 %<sup>7</sup>. L-enerġija ġġenerata mir-riħ żdiedet b'mod aktar moderat b'madwar 2 %. B'mod ġenerali, il-produzzjoni tal-elettriku żdiedet bi 2 % fl-2024.

B'mod ġenerali, l-**emissjonijiet industrijali** totali fl-2024 baqgħu ġeneralment stabbli meta mqabbla mal-2023. Is-settur industrijali għandu żewġ sorsi ewlenin ta' emissjonijiet: l-emissjonijiet mill-kombustjoni tal-fjuwil għas-sħana, l-istim u l-enerġija fuq il-post; u l-emissjonijiet minn proċessi industrijali mhux relatati mal-enerġija (eż., kalċinazzjoni tal-klinker tas-siment, produzzjoni tal-ġir, u manifattura ta' metalli jew sustanzi kimiċi). Filwaqt li l-emissjonijiet mill-kombustjoni tal-fjuwil żdiedu bi ftit b'0,4


<sup>6</sup> Abbażi tal-emissjonijiet mill-ġenerazzjoni tal-elettriku u tas-sħana fis-sistema tal-UE għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (EU ETS, EU emissions trading system) (data estratta mir-Reġistru tal-Unjoni fit-30 ta' Settembru 2025). 2 % ta' dan it-tnaqqis huwa ġġustifikat ukoll minn inkonsistenzi fid-data li jaffettwaw il-qasma bejn l-enerġija u l-emissjonijiet industrijali, mhux mix-xejriet tas-suq. Ara r-Rapport dwar is-Suq tal-Karbonju 2025 għad-dettalji.

<sup>7</sup> Abbażi tas-sett ta' data tal-Eurostat '[Net electricity generation by type of fuel - monthly data](#)', [nrg\_cb\_pem].

%, l-emissjonijiet mill-proċessi mhux relatati mal-enerġija naqsu b'0,5 %. Dan jirrifletti l-interazzjoni bejn ix-xejriet settorjali annwali, ix-xejriet tal-produzzjoni industrijali (tnaqqis ta' 2,6 % meta mqabbel mal-2023 <sup>8</sup>) u l-kisbiet fl-effiċjenza enerġetika. L-emissjonijiet mill-industriji li jużaw ħafna enerġija ġeneralment baqgħu stabbli, għalkemm b'varjazzjonijiet bejn is-setturi. Pereżempju, l-emissjonijiet mill-proċess industrijali fis-settur tas-sustanzi kimiċi żdiedu bi 8,2 %, filwaqt li daww fis-settur tal-minerali, inkluż is-siment, naqsu bi 2,5 %, li fil-biċċa l-kbira jirriflettu l-bidliet fil-volumi tal-produzzjoni.

Is-settur **agrikolu** kkontribwixxa wkoll għat-tnaqqis ġenerali fl-emissjonijiet fl-2024, u wera tnaqqis ta' 1,2 % (madwar 4 MtCO<sub>2</sub>-eq) meta mqabbel mas-sena ta' qabel, filwaqt li l-emissjonijiet mill-**bini** u mill-**iskart** baqgħu ġeneralment l-istess. B'kuntrast għal dan, l-emissjonijiet mis-settur tat-**trasport** komplew jżdiedu, bit-transport domestiku jżdied b'0,7 % u t-transport marittimu u tal-avjazzjoni internazzjonali bi 3 %. B'risultat ta' dan, it-transport issa huwa l-akbar sors settorjali ta' emissjonijiet tal-Ewropa.

**Illustrazzjoni 2: Bidla fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-UE fl-2024 skont is-settur**



*Noti: (1) Is-settur tal-enerġija jirreferi għall-produzzjoni tal-elettriku u tas-sħana u għar-raffinar tal-petroleum (1.A.1 il-kodiċi tal-inventarju ta' gassijiet serra). Dan jinkludi wkoll l-emissjonijiet indiretti ta' CO<sub>2</sub>, l-emissjonijiet minn setturi oħrajn (1.A.5 il-kodiċi tal-inventarju ta' gassijiet serra), u l-emissjonijiet maħruba (1.B il-kodiċi tal-inventarju ta' gassijiet serra) (2) L-industrija tinkludi l-kombustjoni tal-fjuwil fil-manifattura u l-kostruzzjoni (1.A.2) u l-emissjonijiet fil-proċessi industrijali u l-użu tal-prodotti. (3) Il-bini jinkludi emissjonijiet mill-użu tal-enerġija f'bini residenzjali u terzjarju, u l-użu tal-enerġija fis-setturi tal-agrikoltura u s-sajd (1.A.4 il-kodiċi tal-inventarju ta' gassijiet serra).*

Fl-2024, l-**Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet** (EU ETS) kisbet tnaqqis ulterjuri fl-emissjonijiet minn installazzjonijiet tal-enerġija u tal-industrija, bi tnaqqis ta' 5,8 % meta mqabbel mal-livelli tal-2023. Dan iġib dawn l-emissjonijiet għal madwar 50 % taħt il-livelli tal-2005. L-emissjonijiet mill-**avjazzjoni** koperti mill-EU ETS

<sup>8</sup> Abbażi tas-sett ta' data tal-Eurostat '[Production in industry - annual data](#)' [sts\_inpr\_a].

żdieđu meta mqabbla mal-2023 b' madwar 15 %, għalkemm madwar nofs din iż-żieda kienet dovuta għal ambitu ġeografiku estiż <sup>9</sup>.


Fis-**setturi tal-Kondiviżjoni tal-Isforzi**, l-emissjonijiet baqgħu f'livell simili meta mqabbla mal-2023. Id-data provviżorja tal-2024 għall-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra mis-settur tal-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija (**LULUCF**) turi żieda fil-bjar netti tal-karbonju ta' madwar 7 % (jew 15 MtCO<sub>2</sub>-eq) meta mqabbla mal-2023, għalkemm id-data approssimata tibqa' soġġetta għal reviżjonijiet.

### Xejriet globali

Skont [ir-rapport EDGAR tal-Kummissjoni tal-2025](#), **l-emissjonijiet globali ta' gassijiet serra komplew jżiedu fl-2024**, u laħqu 53,2 biljun tunnellata ta' ekwivalenti CO<sub>2</sub> (Illustrazzjoni 3). Dan huwa 1,3 % oġhla milli fl-2023 u 4,7 % oġhla milli fl-2019, qabel il-pandemija.

Fl-2024, is-settur tal-enerġija kien l-ixprunatur ewlieni tal-emissjonijiet globali (+1,5 %, jew 235 MtCO<sub>2</sub>-eq), minħabba domanda oġhla għat-tkessiħ, żieda fil-konsum tal-enerġija fl-industrija, il-bidla għat-trasport elettriku u t-tkabbir taċ-ċentri tad-data <sup>10</sup>. It-tieni l-akbar sors ta' emissjonijiet oġhla kien għall-kombustjoni tal-fjuwil fl-industrija (+2,1 %, jew 131 MtCO<sub>2</sub>-eq) u mbagħad għat-trasport (+1,2 %, jew 99 MtCO<sub>2</sub>-eq).

Illustrazzjoni 3: Emissjonijiet globali ta' gassijiet serra (1990-2024)



<sup>9</sup> L-inklużjoni mill-ġdid ta' titjriet mhux domestiċi lejn u minn ajruporti fir-reġjuni ultraperiferiċi.

<sup>10</sup> AIE (2025), [Global Energy Review 2025](#).









L-istimi tal-gassijiet serra ta' **EDGAR iverjaw** mill-emissjonijiet ta' gassijiet serra rrapportati uffiċjalment (jiġifieri l-inventarji tal-gassijiet serra sottomessi mill-partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC, United Nations Framework Convention on Climate Change) għal raġunijiet differenti:

- Is-sors tad-data;
- Il-metodoloġija tal-istima.

Ta' min jinnota li **d-data rrapportata uffiċjalment** sottomessa lill-UNFCCC biss għandha tintuża biex jiġi vvalutat il-progress tal-UE fir-rigward tal-klima.

Għal informazzjoni aktar dettaljata ara l-[analiżi komparattiva](#) tal-inventarji tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-EDGAR u tal-UNFCCC.

**Tabella 1: Bidla annwali fl-emissjonijiet globali (%  
2023-2024)**

Pajjiż	Emissjonijiet ta' gassijiet serra % tal-bidla (2023-2024)
 EU-27	-1,8 %
 Iċ-Ċina	+0,8 %
 L-Istati Uniti	+0,4 %
 L-Indja	+3,9 %
 Ir-Russja	+2,5 %
 L-Indoneżja	+5,0 %
 Il-Brażil	+0,2 %
 Il-Ġappun	-2,8 %
<i>Il-bqija tad-dinja</i>	+1,8 %
Total globali	+1,3 %

L-akbar emittenti huma ċ-Ċina, b'29 % tal-emissjonijiet globali, l-Istati Uniti (11 %), l-Indja (8 %), l-UE (6 %), ir-Russja (5 %) u l-Indoneżja, il-Brażil u l-Ġappun (kollha bi 2 %). Flimkien, dawn ipproduċew 66 % tal-emissjonijiet globali fl-2024.

Fost dawn l-emittenti, l-UE u l-Ġappun biss naqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom, filwaqt li l-Indoneżja u l-Indja raw l-aktar tkabbir mgħaġġel fl-emissjonijiet. L-emissjonijiet prodotti fiċ-Ċina u fl-Istati Uniti żdiedu wkoll, iżda b'pass aktar bil-mod milli fis-snin reċenti (Tabella 1).

## 1.2 Lejn l-oġettivi klimatiċi

Kif stabbilit fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima, l-UE għandha l-għan li ssir **newtrali għall-klima sal-2050**. Dan ifisser li, sa dak iż-żmien, l-UE mhux se żżid aktar gassijiet serra fl-atmosfera minħabba li l-emissjonijiet jew se jitnaqqsu għal zero jew inkella jiġu bbilanċjati bl-assorbimenti.

Sabiex tikseb dan, l-UE stabbiliet mira intermedja biex tnaqqas l-emissjonijiet tagħha sal-2030 u l-Kummissjoni pproponiet mira oħra għall-2040 li għandha tiġi stabbilita fil-Liġi dwar il-Klima. Il-mira għall-2030 tirrikjedi li l-emissjonijiet netti totali ta' gassijiet serra fl-UE jitnaqqsu b'mill-inqas **55 % taħt il-livelli tal-1990 sal-2030**. Il-Kummissjoni Ewropea pproponiet mira għall-2040 li għandha l-għan li tnaqqas l-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra b'**90 % sal-2040** (ara l-Illustrazzjoni 4). Bħalissa, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill qed jikkunsidraw din il-proposta (il-Kunsill laħaq Approċċ Ġenerali fil-5 ta' Novembru 2025).

Tliet politiki ewlenin jiżguraw li l-UE tilħaq il-mira tagħha li tnaqqas l-emissjonijiet b'55 % sal-2030:


- **L-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS)** għandha l-għan li tnaqqas l-emissjonijiet bi **62 %** meta mqabbla mal-livelli tal-2005 (ara l-[Kapitolu 2](#)).

- **Ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi (ESR, Effort Sharing Regulation)** jistabbilixxi mira ta' tnaqqis ta' **40 %** meta mqabbel mal-livelli tal-2005 (ara l-[Kapitolu 3](#)).
- **Ir-Regolament dwar l-Użu tal-Art, it-Tibdil fl-Użu tal-Art u l-Forestrija (LULUCF)** jipprevedi assorbiment nett addizzjonali ta' 42 MtCO<sub>2</sub>-eq ibbażat fuq l-art meta mqabbel mal-medja tal-2016-2018. Madankollu, il-Liġi Ewropea dwar il-Klima tistabbilixxi kontribuzzjoni massima għall-mira tal-2030 għall-ekonomija kollha tal-UE ta' 225 MtCO<sub>2</sub>-eq għall-assorbimenti bbażati fuq l-art (ara l-[Kapitolu 4](#)).


Politiki oħrajn jappoġġaw ukoll in-newtralità klimatika u l-miri intermedji:

- **Is-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għall-bini u t-trasport (ETS2)** għandha l-għan li tnaqqas l-emissjonijiet bi 42 % meta mqabbla mal-livelli tal-2005 (ara l-[Kapitolu 2](#)), flimkien ma' politiki oħrajn.
- Politiki biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' **idrofluworokarburi (HFCs, hydrofluorocarbons)** b'madwar 95 % meta mqabbla mal-livelli tal-2015 (ara l-[Kapitolu 3](#)).
- **Il-mira ta' injezzjoni ġeoloġika u kapaċità ta' ħżin tas-CO<sub>2</sub>** ta' mill-inqas 50 miljun tunnellata fis-sena sal-2030 (ara l-[Kapitolu 5](#)).

Illustrazzjoni 4: Miri klimatiċi ewlenin tal-UE



## Illustrazzjoni 5: Miri tal-UE għall-2030





### Lejn il-mira tal-UE għall-2030

B'mod ġenerali, **l-UE tinsab fit-triq it-tajba biex tilħaq il-mira għall-2030**. L-aħħar projezzjonijiet tal-Istati Membri minn Marzu 2025 juru diskrepanza qrib punt perċentwali wieħed għall-mira tal-UE, f'konformità mal-[valutazzjoni](#) reċenti tal-pjanijiet nazzjonali dwar il-klima u l-enerġija.

**Sabiex tintlaħaq il-mira tal-UE, jeħtieġ li l-UE u l-Istati Membri jimplimentaw kemm il-politiki u l-miżuri kurrenti kif ukoll dawk addizzjonali bis-sħiħ.**

Il-projezzjonijiet ibbażati biss fuq il-politiki u l-miżuri eżistenti qed ikomplu jonqsu b'madwar 8 punti perċentwali. L-estrapolazzjoni tax-xejra minn matul l-aħħar 5 snin sal-2030 tindika diskrepanza ta' 6 punti perċentwali. B'5 snin biss li fadal sal-mira *interim* biex tintlaħaq in-newtralità klimatika, dawn is-sejbiet jenfasizzaw l-importanza kritika ta' monitoraġġ mill-qrib, azzjoni sostnuta u investiment suffiċjenti sabiex l-UE tilħaq il-mira tal-2030 (Illustrazzjoni 6).

**Illustrazzjoni 6: Tnaqqis ipproġettat fl-emissjonijiet fil-perjodu 1990–2030 u diskrepanza sal-mira skont il-politiki ewlenin**



*Noti: (1) Id-diskrepanzi fil-mira huma bbażati fuq: i) il-projezzjonijiet tal-gassijiet serra tal-Istati Membri tal-2025, kemm "b'miżuri eżistenti" (WEM, with existing measures) kif ukoll "b'miżuri eżistenti u addizzjonali" (WAM, with existing and additional measures); u, ii) l-estrapolazzjoni lineari tax-xejra osservata matul l-aħħar 5 snin. (2) Il-kamp ta' applikazzjoni tal-mira tal-UE għall-2030 jinkludi l-assorbimenti u l-emissjonijiet netti tal-LULUCF mill-attivajiet marittimi u tal-avjazzjoni internazzjonali regolati skont id-dritt tal-Unjoni. Dawn tal-aħħar huma inklużi fl-emissjonijiet ipproġettati tal-EU ETS. (3) Għal-LULUCF, id-diskrepanza tirreferi hawnhekk għall-kontribuzzjoni massima ta' assorbimenti netti ta' 225 MtCO<sub>2</sub>-eq kif previst fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima. Ix-xejra u l-WAM juru bir ogħla mill-WEM. (4) Id-diskrepanzi fil-miri ta' politika huma ppreżentati bħala firxa ta' valuri pproġettati bbażati kemm fuq il-projezzjonijiet tal-gassijiet serra kif ukoll fuq ix-xejriet lineari.*

Hemm differenzi bejn is-setturi u l-politiki. Bil-kontribuzzjoni mill-bir tal-LULUCF limitata għal 225 MtCO<sub>2</sub>-eq mil-Liġi Ewropea dwar il-Klima <sup>11</sup>, id-diskrepanza pproġettata fil-mira tal-UE għall-2030 hija prinċipalment spjegata mill-isfidi u n-nuqqas ta' ambizzjoni fit-tnaqqis tal-emissjonijiet fis-setturi koperti mir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi (ESR), eż. it-trasport domestiku, il-bini, l-agrikoltura u l-iskart. Id-diskrepanza pproġettata tvarja bejn 2 u 9 punti perċentwali, meta jitqies l-impatt tal-politiki u l-miżuri eżistenti u addizzjonali u skont il-politiki kurrenti, rispettivament. L-implimentazzjoni tal-miżuri ppjanati hija kruċjali minħabba li l-estrapolazzjoni tax-xejra osservata matul l-aħħar 5 snin tindika diskrepanza saħansitra ogħla għall-ESR (12-il ppt). L-emissjonijiet mill-attivajiet marittimi u tal-avjazzjoni internazzjonali koperti taħt l-EU ETS jirrappreżentaw sfida akuta oħra, minħabba li l-emissjonijiet minn dawn is-setturi qed jiżdiedu u huma diffiċli li jitnaqqsu (ara l-Kapitolu 3 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal għal aktar dettalji).

### Lejn in-newtralità klimatika u r-reżiljenza tal-UE

Fil-15 ta' Marzu 2025, l-Istati Membri tal-UE rrapportaw il-progress tagħhom lejn l-għanijiet deskritti fil-pjanijiet nazzjonali tagħhom dwar l-enerġija u l-klima (NECPR,

<sup>11</sup> L-Artikolu 4 tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima (ir-Regolament (UE) 2021/1119).

national energy and climate progress report) <sup>12</sup>. **Numru dejjem jikber ta' pajjiżi tal-UE impenjaw ruħhom li jiksbu n-newtralità klimatika sal-2050 jew qabel** <sup>13</sup>. L-Istati Membri stabbilew jew aġġornaw ukoll miri nazzjonali biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra sal-2050 <sup>14</sup>. Meta dawn il-miri nazzjonali jiġu aggregati għall-UE kollha <sup>15</sup>, dawn ikunu 6 punti perċentwali inqas mill-mira ta' emissjonijiet żero netti ta' gassijiet serra stabbilita għall-2050.

F'Diċembru 2023, il-Kummissjoni Ewropea rakkomandat li 10 Stati Membri jaġġustaw il-miżuri tagħhom biex jagħmluhom aktar konsistenti mal-objettiv tan-newtralità klimatika. Il-Kummissjoni toħroġ tali rakkomandazzjonijiet jekk il-miżuri tal-Istat Membru jkunu inkonsistenti mal-objettiv tan-newtralità klimatika.

Ir-rakkomandazzjonijiet primarjament ħeġġew lill-Istati Membri biex iżidu l-azzjoni dwar il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u biex jallinjaw il-politiki tagħhom mal-objettiv tan-newtralità klimatika. Setturi speċifiċi bħat-trasport, l-agrikoltura u l-użu tal-art (LULUCF) ġew enfasizzati għal titjib f'ċerti pajjiżi. Fir-rapporti ta' progress tal-pjan nazzjonali għall-enerġija u l-klima (NECP, national energy and climate plan) sussegwenti tagħhom, l-Istati Membri kollha nnotifikaw lill-Kummissjoni kif qiesu dawn ir-rakkomandazzjonijiet. Xi Stati Membri introduċew miżuri ġodda, b'enfasi partikolari fuq l-enerġija rinnovabbli; oħrajn iddeskrivew firxa ta' pjanijiet u strateġiji. Diversi Stati Membri nnotaw li huma jinsabu fil-proċess li jirrevedu l-istrateġiji fit-tul tagħhom biex jallinjaw mal-objettivi tal-UE (aktar dettalji fil-Kapitolu 3 tad-dokument ta' ħidma tal-persunal ta' akkumpanjament).

Minbarra r-rakkomandazzjonijiet relatati man-newtralità klimatika, il-Kummissjoni ħarġet rakkomandazzjonijiet lil 26 Stat Membru dwar ir-reżiljenza u l-adattament għat-tibdil fil-klima fl-istess pakkett. Dawn ikopru l-ispettru sħiħ tal-aspetti tal-politika ta' adattament, mil-leġiżlazzjoni, il-valutazzjonijiet tar-riskju u tal-vulnerabbiltà, u l-użu ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura, għall-koordinazzjoni tal-politika, il-finanzjament u t-trasparenza.

Sussegwentement, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri kkonfermaw li se jindirizzaw dawn l-isfidi bħala parti mill-isforzi kontinwi tagħhom biex itejbu r-reżiljenza tagħhom u l-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-politika ta' adattament tagħhom. Ħafna aġġornaw il-valutazzjonijiet tar-riskju tagħhom fl-2023-2025 u numru dejjem jikber ħejjew valutazzjonijiet tematiċi u settorjali. Madankollu, huma meħtieġa oqfsa ta' monitoraġġ, rapportar u evalwazzjoni aħjar fil-livelli kollha biex ikunu jistgħu jivvalutaw b'mod aktar

---

<sup>12</sup> Għal aktar dettalji, ara d-dokument ta' ħidma tal-persunal dwar il-Valutazzjoni tal-progress lejn l-objettivi tal-Unjoni tal-Enerġija u l-Azzjoni Klimatika li jakkumpanja l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija 2025.

<sup>13</sup> Il-Bulgarija, Ċipru, Malta, in-Netherlands u r-Rumanija rrapportaw formalment, għall-ewwel darba, sena fil-mira biex tinkiseb in-newtralità klimatika. Ir-Rumanija stabbiliet mira bikrija tal-2045.

<sup>14</sup> Kif irrapportat fl-Anness I, it-Tabella 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2299 tal-15 ta' Novembru 2022. Ara d-dokument ta' ħidma tal-persunal dwar il-Valutazzjoni tal-progress lejn l-objettivi tal-Unjoni tal-Enerġija u l-Azzjoni Klimatika li jakkumpanja l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija 2025.

<sup>15</sup> Fejn disponibbli, il-valuri neqsin tal-NECPR ġew sostitwiti mill-miri nazzjonali tal-gassijiet serra li qabel kienu ġew sottomessi mill-Istati Membri lill-Kummissjoni (eż. għall-NECPR tal-2023 jew għall-istrateġiji nazzjonali fit-tul).

akkurat l-effiċjenza u l-effettività tal-politiki ta' reżiljenza u adattament u l-implimentazzjoni tagħhom fil-livell tal-Istati Membri (ara l-Kapitolu 11 tad-dokument ta' ħidma tal-persunal ta' akkumpanjament).

### 1.3 Progress fuq il-politiki u l-leġiżlazzjoni dwar il-klima

Bl-adozzjoni tal-**Liġi Ewropea dwar il-Klima** fl-2021, l-objettiv tal-UE li sal-2050 tilħaq emissjonijiet żero netti sar legalment vinkolanti, l-istess bħall-mira tal-UE għall-2030 li tnaqqas l-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra b'mill-inqas 55 % meta mqabbla mal-livelli tal-1990. Il-liġi tirrikjedi wkoll li l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri jagħmlu progress kontinwu fl-adattament għat-tibdil fil-klima, it-tishiġ tar-reżiljenza u t-tnaqqis tal-vulnerabbiltà.

L-enfasi fl-2024 u fl-2025 kienet fuq **azzjoni biex tintlaħaq il-mira tal-2030** fil-livell tal-Istati Membri, fuq **l-istabbiliment ta' mira għall-UE kollha għall-2040** bħala l-pass li jmiss fit-triq lejn in-newtralità klimatika u fuq l-iżgurar li d-dekarbonizzazzjoni tkun **xprunatur b'saħtu għal Ewropa aktar kompetittiva u reżiljenti**.

F'Lulju 2025, il-Kummissjoni adottat proposta biex temenda r-Regolament dwar il-Liġi Ewropea dwar il-Klima biex tistabbilixxi **mira għall-2040** biex tnaqqas l-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra (GHG, greenhouse gas) tal-UE b'90 % sal-2040 mil-livelli tal-1990, inkluż l-użu possibbli ta' xi krediti internazzjonali. Din il-mira se tagħti lin-nies, lin-negozji u lill-investituri prevedibbiltà akbar biex jippjanaw bil-quddiem. Il-proposta issa qed tiġi diskussa mill-koleġiżlaturi. F'Novembru 2025, il-Ministri fil-Kunsill Ambjentali qablu fuq mira intermedja legalment vinkolanti ta' 90 % għall-2040, b'mira domestika ta' 85 % u sa 5 % ta' krediti tal-karbonju internazzjonali.

Bdiet il-ħidma fuq **qafas integrat ġdid għar-reżiljenza klimatika**, b'sejħa pubblika għal evidenza maħruġa fl-aħħar ta' Lulju 2025. L-implimentazzjoni tal-Istrateġija ta' Adattament tal-UE mxiet 'il quddiem, u tirrifletti s-sejbiet tal-ewwel Valutazzjoni tar-Riskju Klimatiku fl-Ewropa, u l-Komunikazzjoni tal-2024 dwar il-ġestjoni tar-riskji klimatiċi, appoġġata minn data u għodod mill-pjattaforma Climate-ADAPT u mill-Osservatorju Ewropew tal-Klima u tas-Saħħa.

F'Jannar 2025, il-Kummissjoni stabbiliet **Boxxla għall-Kompetittività** li tenfasizza kif hija pplanat li tappoġġa t-tranżizzjoni lejn ekonomija kompetittiva u reżiljenti dekarbonizzata. Għaldaqstant, fi Frar 2025, il-Kummissjoni ppreżentat il-**Patt għal Industrija Nadifa**, pjan direzzjonali konġunt għall-kompetittività u d-dekarbonizzazzjoni u pjan ta' negozju trasformattiv biex jappoġġaw l-industrija tal-UE. Dan għandu l-għan li jaċċellera l-proċess tad-dekarbonizzazzjoni, filwaqt li jiggarrantixxi l-futur tal-manifattura fl-Ewropa. Il-Patt jiffoka prinċipalment fuq żewġ setturi marbuta mill-qrib: l-industriji li jużaw haġna enerġija u t-teknoloġija nadifa. Waħda mill-azzjonijiet diġà kompluti hija l-Qafas għall-Għajnuna mill-Istat tal-Patt għal Industrija Nadifa ppubblikat f'Ġunju 2025. Element importanti tal-Patt għal Industrija Nadifa huwa l-**Pjan ta' Azzjoni għall-Enerġija Affordabbli**, li fih miżuri speċifiċi biex jitnaqqsu l-kostijiet tal-enerġija fl-UE. Din l-inizjattiva se jkollha impatt sinifikanti kemm fuq il-kompetittività industrijali kif

ukoll fuq l-għoli tal-ħajja. Barra minn hekk, l-**Unjoni tal-Ħiliet** immedija f'Marzu ssaħħa l-għanijiet tal-Patt għal Industrija Nadifa billi tippromwovi l-iżvilupp u l-investment fil-ħiliet biex tindirizza n-nuqqas ta' ħiliet u biex tiżgura li ħadd ma jitħalla lura fil-kuntest tat-tranżizzjoni nadifa.

Il-Kummissjoni kompliet tfejji l-**leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni** li tirriżulta mir-reviżjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-klima bħala parti mill-**pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %"**.

Dan jinkludi atti biex jiġu implimentati:

- ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi;
- ir-regolament dwar l-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija (LULUCF);
- ir-regolament dwar l-istandards tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> għall-karozzi u l-vannijiet;
- l-EU ETS (inklużi r-regoli riveduti għall-avjazzjoni) u biex l-iskema tiġi estiża sabiex tkopri s-settur marittimu, u b'hekk l-UE ssir l-ewwel ġurisdizzjoni globalment li tpoġġi prezz espliċitu tal-karbonju fuq l-emissjonijiet mis-settur marittimu;
- l-ETS 2 għall-bini u t-trasport bit-triq; u
- l-Fond Soċjali għall-Klima.

F'Marzu 2024 daħlu fis-seħħ **regolamenti ġodda dwar il-gassijiet serra fluworinati u s-sustanzi li jnaqqsu l-ożonu**. Dawn daħħlu fis-seħħ miżuri ġodda li se jeliminaw 500 MtCO<sub>2</sub>-eq addizzjonali ta' emissjonijiet sal-2050 meta mqabbla ma' miżuri adottati qabel dwar dawn is-sustanzi kimiċi. Fl-2025, il-Kummissjoni Ewropea adottat leġiżlazzjoni sekondarja biex timplimenta regoli ġodda dwar dawn is-sustanzi, li huma saħansitra aktar ambizzjużi mill-impjenji li saru skont il-Protokoll ta' Montreal.

Bħala parti mill-aġenda usa' ta' simplifikazzjoni tagħha, f'Mejju 2025, il-Kummissjoni Ewropea ressqet [proposta](#) biex tissimplifika, fost l-oħrajn, ir-[Regolament dwar il-gass F](#). Il-proposta se tnaqqas il-piż amministrattiv fuq l-importaturi u l-esportaturi billi tillimita r-rekwiżiti ta' reġistrazzjoni għall-importaturi ta' prodotti u tagħmir li fihom gassijiet F 'il fuq minn ċerti limiti annwali u għal dawk l-esportaturi li jesportaw tagħmir stazzjonarju b'gassijiet F b'tiżhin relattivament għoli <sup>16</sup>.

Fl-1 ta' April 2025, bħala parti mill-pjan ta' azzjoni industrijali tal-Kummissjoni għas-settur Ewropew tal-karozzi u wara d-Djalogu Strateġiku dwar il-Futur tal-Industrija tal-Karozzi, il-Kummissjoni pproponiet li temenda r-[regolament](#) li jstabbilixxi **l-istandards ta' rendiment għall-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> għal karozzi u vannijiet ġodda**. Din l-emenda ġġib magħha flessibbiltà addizzjonali ta' darba biex jintlaħqu l-miri tas-CO<sub>2</sub> fl-2025-2027, filwaqt li jinżamm il-livell ġenerali ta' ambizzjoni tal-miri. F'Ġunju, l-emenda ġiet adottata mill-Parlament u mill-Kunsill u ġiet [ippubblikata](#).

---

<sup>16</sup> Din tal-aħħar normalment tkun koperta minn projbizzjoni fuq l-esportazzjoni, li għaliha tiġi applikata eżenzjoni għal dik il-projbizzjoni.

## 1.4 Il-progress fl-Istati Membri

### Pjanijiet nazzjonali għall-enerġija u l-klima

**Il-pjanijiet nazzjonali dwar l-enerġija u l-klima (NECPs)** huma dokumenti strateġiċi ta' 10 snin li fihom l-Istati Membri jistabbilixxu miri, kontribuzzjonijiet u politiki nazzjonali u l-miżuri meħtieġa biex jintlaħqu l-għanijiet klimatiċi tal-UE. F'Mejju 2025, il-Kummissjoni ppubblikat il-[valutazzjoni tagħha tal-NECPs madwar l-UE kollha](#), wara l-aġġornamenti tagħhom biex jitqiesu l-miri għall-2030. Il-valutazzjoni kienet akkumpanjata minn [dokument ta' ħidma tal-persunal](#) li jipprovdi valutazzjoni individwali tal-ewwel 23 pjan sottomessi. Sussegwentement, il-Kummissjoni ppubblikat il-valutazzjoni tagħha tal-NECPs finali mill-Estonja u mis-Slovakkja f'Ottubru 2025. Il-Belġju ssottometta l-NECP finali tiegħu f'Ottubru 2025 u l-Polonja hija l-aħħar Stat Membru li għadu ma ssottomettix il-pjan tiegħu.




























Il-valutazzjoni tal-pjanijiet turi li l-implimentazzjoni sħiħa tagħhom iġġib lill-UE qrib li tilħaq l-oġettivi tagħha, u turi li l-UE tinsab fit-triq it-tajba biex tilħaq il-mira tal-2030 li tnaqqas l-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra b'mill-inqas 55 % meta mqabbla mal-livelli tal-1990. B'mod ġenerali, l-Istati Membri huma mħeġġa jimplimentaw miżuri addizzjonali fis-setturi tat-trasport u tal-bini biex jilħqu l-miri tal-ESR tagħhom, u biex ikomplu jżidu l-azzjoni fit-tnaqqis tal-emissjonijiet mill-avjazzjoni, mis-settur marittimu, u biex iżidu l-assorbimenti, jew inaqqsu l-emissjonijiet, fis-settur tal-LULUCF. Huma meħtieġa aktar sforzi biex tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta u jiġu indirizzati l-impatti soċjali. Il-pjanijiet spiss ma jkollhomx strateġiji komprensivi għall-mobilizzazzjoni ta' finanzi pubbliċi u privati għall-investimenti meħtieġa. Fir-rigward tal-adattament għat-tibdil fil-klima, xi pjanijiet biss ikopru biżżejjed it-tnejn u r-reżiljenza għall-impatti klimatiċi. Ftit pjanijiet jinkludu miżuri dwar ir-reżiljenza tal-ilma (ara l-Kapitolu 6).

### Semestru Ewropew

F'Ġunju 2025, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat il-[Pakkett tar-Rebbiegħa](#) tagħha taħt is-**Semestru Ewropew**, li jinkludi rapporti tal-pajjiżi u rakkomandazzjonijiet għal kull Stat Membru. Il-Kummissjoni appellat lill-pajjiżi biex jappoġġaw is-swieq ewlenin għal prodotti dekarbonizzati nodfa u jistabbilixxu pjanijiet għal infrastruttura żero netta, speċjalment f'oqsma bħan-networks tal-enerġija, il-ġbir u l-ħżin tal-karbonju, u l-idroġenu. Hija tenfasizza wkoll il-ħtieġa urġenti li l-industrija u t-trasport jiġu dekarbonizzati u jsiru aktar nodfa, u li jiżiedu l-azzjonijiet biex jitneħħew gradwalment is-sussidji fuq il-fjuwils fossili. Il-ġestjoni tal-ilma, bħala parti mill-adattament għat-tibdil fil-klima, tibqa' prijorità ewlenija għal ħafna Stati Membri. It-Tabella 2 tiġbor fil-qosor ir-rakkomandazzjonijiet għal kull pajjiż.

Tabella 2: Rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi tas-Semestru Ewropew tal-2025 skont l-Istat Membru

Rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi								
Stat Membru	Sorsi rinnovabbli, networks tal-enerġija	Fjuwils fossili	L- effiċjenza enerġetika	Trasport	Industrija, teknoloġija nadifa	Adattament u ilma	Agrikoltura	Oħra

 Il-Belġju	✓	✓	✓	✓	✓			✓
 Il-Bulgarija	✓	✓	✓	✓				✓
 Iċ-Ċekja	✓	✓	✓	✓	✓			
 Id-Danimarka	✓	✓	✓				✓	✓
 Il-Ġermanja	✓	✓		✓				✓
 L-Estonja	✓	✓	✓	✓	✓			✓
 L-Irlanda	✓	✓	✓	✓		✓		✓
 Il-Greċja	✓	✓		✓		✓		✓
 Spanja	✓					✓		✓
 Franza	✓	✓	✓	✓				
 Il-Kroazja	✓	✓	✓	✓				✓
 L-Italja	✓	✓				✓		✓
 Ċipru	✓	✓	✓	✓		✓		✓
 Il-Latvja	✓	✓	✓	✓				✓
 Il-Litwanja	✓	✓	✓	✓	✓			✓
 Il-Lussemburgu	✓	✓	✓	✓				✓
 L-Ungerija	✓	✓				✓		✓
 Malta	✓	✓	✓	✓				✓
 In-Netherlands	✓	✓	✓					
 L-Awstrija	✓	✓	✓	✓	✓			✓
 Il-Polonja	✓	✓	✓			✓		✓
 Il-Portugall	✓	✓	✓	✓		✓		✓
 Ir-Rumanija	✓	✓	✓					✓
 Is-Slovenja	✓		✓	✓		✓		✓
 Is-Slovakkja	✓	✓	✓	✓	✓	✓		✓
 Il-Finlandja	✓	✓		✓	✓			
 L-Iżvezja	✓	✓	✓	✓				

Nota: Il-kategorija Oħrajn tinkludi appoġġ ta' emerġenza, ċirkolarità u skart, appoġġ għar-reġjuni tal-faħam, appoġġ soċjali, ħiliet ekoloġiċi, tassazzjoni u ppjanar strateġiku.

## Appoġġ tekniku

Fl-2024, il-Kummissjoni appoġġat lill-Istati Membri permezz tal-[Istrument ta' Appoġġ Tekniku](#), billi pprovdiet għajnuna esperta għat-tfassil u t-twettiq ta' riformi. Il-proġetti ffokaw fuq soluzzjonijiet ta' adattament u mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, permessi aktar mgħaġġla għall-enerġija rinnovabbli, l-applikazzjoni tal-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti”, u r-rinnovazzjoni tal-bini. Il-Kummissjoni għenet ukoll lill-Istati Membri jimplementaw is-Sistema riveduta tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet u jħejju Pjanijiet Soċjali għall-Klima nazzjonali taħt il-Fond Soċjali għall-Klima.

Fl-2025, il-Kummissjoni tkompli tappoġġa l-ħidma fuq ir-reżiljenza tar-riżorsi naturali, il-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri, u l-immodernizzar tas-sistemi tal-enerġija. Il-Kummissjoni qed tgħin ukoll sabiex l-amministrazzjonijiet pubbliċi jsiru aktar ekoloġiċi u jtejbu l-ħiliet tagħhom, ittejjeb ir-rapportar dwar is-sostenibbiltà tan-negozju u tavvanza l-qbid, l-użu u l-ħżin tal-karbonju. L-appoġġ ikopri wkoll l-implimentazzjoni tal-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti u tal-Liġi tal-UE dwar ir-Restawr tan-Natura.



L-[iskedi informattivi tal-pajjiżi](#) jipprovdu sommarju tal-proġetti ta' riforma kompluti u li għadhom għaddejjin f'kull Stat Membru.

## Politiki u miżuri


Sabiex jintlaħqu l-oġġettivi klimatiċi, **hija meħtieġa enfasi aktar qawwija, kemm fuq livell tal-UE kif ukoll fil-politiki u l-miżuri nazzjonali**. Il-fehim ta' kif dawn il-politiki jaħdmu individwalment u flimkien huwa essenzjali. Fl-2025, bħala parti mir-Rapportar Nazzjonali dwar il-Progress fl-Enerġija u l-Klima, l-Istati Membri tal-UE rrapportaw progress fuq aktar minn 3,5 elef politika u miżura individwali fil-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija <sup>17</sup>. Din hija żieda ta' 16 % meta mqabbla mal-2023, l-aħħar sena ta' rapportar. L-għadd ta' miżuri rrapportati żdied fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi. L-ogħla żidiet ġew irrapportati mill-Awstrija, il-Bulgarija, l-Ungerija u l-Litwanja. F'xi każijiet, dan huwa dovut għall-adozzjoni ta' miżuri ġodda bejn is-sentejn ta' rapportar, iżda jista' jkun ukoll minħabba emendi, jew bidliet fid-disinn, ta' miżuri eżistenti (Illustrazzjoni 7). Bil-maqlub, Malta, Spanja u d-Danimarka rrapportaw għadd sinifikanti aktar baxx ta' miżuri, meta mqabbla mal-2023. Madankollu, l-għadd ta' politiki u miżuri uniċi mhux bilfors huwa indikatur tajjeb tal-ambizzjoni tal-passat, tal-preżent u tal-futur tal-Istati Membri. Il-Belġju huwa l-uniku pajjiż li ma għamilx sottomissjoni sal-mument tal-abbozzar ta' dan ir-rapport. Għal dan l-Istat Membru, ir-rapport juża informazzjoni mimlija diskrepanzi mis-sena tar-rapportar 2023.

Madwar terz tal-politiki u l-miżuri kollha rrapportati ġew implimentati mill-ġdid jew ipplanati mill-2023 'il quddiem. Dan in-numru għoli jista' jirrifletti ż-żieda fl-

<sup>17</sup> Din iċ-ċifra tinkludi 241 politika u miżura sottomessi mill-Belġju fl-2023, is-sena tar-rapportar preċedenti.

ambizzjonijiet klimatiċi tal-UE u l-isforzi tal-Istati Membri biex jilhqg l-oġġettivi klimatiċi u enerġetiċi ta' għom għall-2030<sup>18</sup>. Il-biċċa l-kbira tal-politiki u l-miżuri rrapportati għandhom oġġettiv ta' dekarbonizzazzjoni, li jfisser li għandhom l-għan li jnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, itejbu l-assorbimenti tal-karbonju, jew iżidu l-użu ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli.

**Illustrazzjoni 7: L-għadd totali ta' politiki u miżuri uniċi (id-dimensjonijiet kollha), is-snin ta' rapportar 2025 u 2023**




*Nota: id-data dwar il-politiki u l-miżuri hija bbażata fuq sett ta' data preliminari tar-rapporti ta' progress tal-NECP tal-2025 (l-Anness IX). Minħabba dewmien fis-sottomissjoni, id-data għall-Belġju tirreferi għar-rapporti ta' progress tal-NECP tal-2023.*

Minn dawn il-miżuri relatati mad-dekarbonizzazzjoni, il-biċċa l-kbira ta' għom huma fis-setturi tal-provvista tal-enerġija (23 %), tal-konsum tal-enerġija (22 %) u tat-trasport (21 %), li jirriflettu l-fatt li dawn is-setturi huma sfidi u prijoritajiet sinifikanti għall-azzjoni (Illustrazzjoni 8). Hemm ukoll ħafna miżuri fis-setturi tal-agrikoltura, tal-art u tal-foresti (19 %). Is-sitwazzjoni tvarja madwar l-Istati Membri. Ċipru, l-Italja, il-Bulgarija, il-Portugall u l-Polonja jirrapportaw l-oġġla sehem ta' politiki u miżuri li jaffettwaw is-settur tal-provvista tal-enerġija. Il-konsum tal-enerġija huwa mmirat speċifikament fl-Irlanda u fil-Ġermanja, filwaqt li fi Spanja u Franza, l-enfasi hija aktar fuq is-settur tat-trasport. Stati Membri oħrajn irrapportaw numri relattivament għoljin ta' politiki u miżuri għas-settur tal-agrikoltura u tal-art (eż. il-Latvja, il-Litwanja u s-Slovakkja).

<sup>18</sup> Għal aktar dettalji, ara d-dokument ta' ħidma tal-persunal dwar il-Valutazzjoni tal-progress lejn l-oġġettivi tal-Unjoni tal-Enerġija u l-Azzjoni Klimatika li jakkumpanja l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija 2025.

### Illustrazzjoni 8: L-għadd ta' politiki u miżuri uniċi mis-settur affettwat (objettiv ta' dekarbonizzazzjoni)



Nota: iċ-ċifri dwar il-politiki u l-miżuri huma bbażati fuq sett ta' data preliminari tar-rapporti ta' progress tal-NECP tal-2025 (l-Anness IX). Dawn jinkludu politiki u miżuri sottomessi mill-Belġju fir-rapporti ta' progress tal-NECP tal-2023.


F'termini ta' strumenti ta' politika, aktar minn 34 % tal-politiki u l-miżuri b'objettiv ta' dekarbonizzazzjoni huma ekonomiċi (eż. sussidji, tariffi "feed-in", irkantijiet, tariffi tal-iskart, imposti tal-konġestjoni, eċċ.), u 27 % huma regolatorji (eż. rekwiżiti ta' effiċjenza, regolamenti tal-bini, standards tal-ekodisinn, proċeduri ta' spezzjoni, eċċ.). Relattivament inqas miżuri huma tat-tip ta' ppjanar (10 %) (eż. ippjanar urban, eċċ.), informattivi (9 %) (eż. tikkettar, żieda fl-għarfien, eċċ.) jew fiskali (7 %). Madankollu, hemm differenzi notevoli bejn l-Istati Membri. Il-pajjiżi Baltiċi, pereżempju, adottaw għadd relativament għoli ta' miżuri ekonomiċi, filwaqt li fir-Rumanija u fil-Bulgarija, il-biċċa l-kbira tal-miżuri huma regolatorji (Illustrazzjoni 9).

B'mod ġenerali, il-kompletezza tal-informazzjoni rrapportata dwar il-politiki u l-miżuri nazzjonali tgiebet meta mqabbla ma' eżerċizzji ta' rapportar preċedenti. Dan it-titjib huwa attribwit għal dialoġu akbar mal-Istati Membri, taħriġ għal reporters ewlenin, u sforzi biex tittejjeb iċ-ċarezza kemm tal-linji gwida kif ukoll tat-tabelli ta' rapportar, inkluż l-aġġornament tal-kontrolli ta' twissija u ta' żbalji eżistenti f'imblokkaturi fl-għodda ta' rapportar (kontrolli awtomatizzati tal-kwalità fl-għodda li jeħtieġu r-risoluzzjoni tal-kwistjoni qabel ma jkun jista' jiġi rilaxxat il-fluss tad-data).

Madankollu, hemm ħtieġa ċara għal titjib fil-kwantifikazzjoni tal-impatt tal-politiki u tal-miżuri. Dan jinkludi kemm l-effetti miksuba kif ukoll dawk mistennija fuq l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, kif ukoll il-kostijiet u l-benefiċċji tagħhom. Pereżempju, bħal fl-2023, waħda minn kull ħamsa biss tal-politiki u l-miżuri rrapportati jispeċifikaw it-tnaqqis mistenni fl-emissjonijiet sal-2030. Barra minn hekk, fi ftit każijiet biss (il-Kroazja, l-Irlanda, il-Polonja, il-Latvja) hemm konsistenza wiesgħa bejn it-tnaqqis mistenni fl-emissjonijiet mill-miżuri rrapportati u l-projezzjonijiet tal-gassijiet serra (b'xenarju ta' miżura addizzjonali) sottomessi mill-Istati Membri. Dan in-nuqqas ta' data jagħmilha diffiċli biex jiġi vvalutat l-impatt ġenerali tal-miżuri implimentati, li jenfasizza l-ħtieġa

għal evalwazzjoni aktar sistematika tal-effettività tal-politika kemm qabel kif ukoll wara l-implimentazzjoni (għal aktar dettalji, ara d-dokument ta' ħidma tal-persunal dwar il-Valutazzjoni tal-progress lejn l-oġettivi tal-Unjoni tal-Enerġija u l-Azzjoni Klimatika li jakkumpanja l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija 2025).

**Illustrazzjoni 9: L-għadd totali ta' politiki u miżuri skont it-tip ta' strument ta' politika (dimensjoni tad-dekarbonizzazzjoni)**



*Nota: id-data dwar il-politiki u l-miżuri hija bbażata fuq sett ta' data preliminari tar-rapporti ta' progress tal-NECP tal-2025 (l-Anness IX). Id-data għall-Belġju tirreferi għall-politiki u l-miżuri rrapportati fir-rapporti ta' progress tal-NECP tal-2023. Il-pajjiżi huma elenkati fl-ordni tas-sehem ta' politiki u miżuri bbażati fuq strument ekonomiku.*

## 1.5 Opinjoni pubblika dwar it-tibdil fil-klima

In-nies madwar l-Ewropa esprimew tħassib qawwi dwar it-tibdil fil-klima u appoġġ mifruħ għall-azzjoni klimatika, wara l-aħħar stħarriġ tal-Ewrobarometru tal-2025.

**Maġġoranza sinifikanti (85 %) taċ-ċittadini tal-UE jemmnu li t-tibdil fil-klima huwa problema serja**, u dan jindika livelli għoljin ta' għarfien u sens ċar ta' urġenza. It-tħassib huwa partikolarment evidenti fost in-nisa u ż-żgħażaġħ (fl-età ta' bejn il-15 u l-24 sena).

L-istħarriġ żvela wkoll li 84 % tal-Ewropej jattribwixxu t-tibdil fil-klima primarjament għall-attivitajiet tal-bniedem, u dan juri fehim kondiviż tal-kawżi ewlenin tal-kwistjoni.

L-appoġġ għal politiki deċiżivi dwar il-klima għadu b'saħħtu. B'mod ġenerali, **81 % tar-rispondenti jappoġġaw l-objettiv tal-UE li tikseb in-newtralità klimatika sal-2050**. Madankollu, il-livell ta' appoġġ ivarja bejn il-pajjiżi, bl-Estonja tispikka bħala l-uniku Stat Membru b'inqas minn nofs (46 %) taċ-ċittadini li jappoġġaw din il-mira.

L-istħarriġ żvela qbil qawwi (88 %) li l-UE għandha tippromwovi b'mod attiv l-enerġija rinnovabbli u ttejjeb l-effiċjenza enerġetika u li tħejjija aħjar għall-impatti klimatiċi se ttejjeb il-ħajja ta' kuljum (83 %).

## 2. Is-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet

### Punti ewlenin

- Sa tmiem l-2024, l-EU ETS kienet għenet biex jitnaqqsu l-emissjonijiet mill-ġenerazzjoni tal-elettriku u tas-sħana u mill-manifattura industrijali b'50 % meta mqabbla mal-livelli tal-2005.
- L-emissjonijiet mill-ġenerazzjoni tal-elettriku u tas-sħana fl-2024 komplew jonqsu sena wara sena, l-aktar minħabba żieda sostanzjali fis-sehem ta' sorsi rinnovabbli u nukleari fit-taħlita tal-elettriku, riflessa minn dipendenza mnaqqsa ta' fjuwils fossili ewlenin bħall-gass naturali u l-faħam.
- L-ETS żiedet aktar minn EUR 245 biljun fi dħul bi kważi EUR 39 biljun fl-2024 biss. Dan id-dħul iffinanzja primarjament miżuri dwar il-klima u l-enerġija permezz ta' baġits nazzjonali, iżda wkoll permezz tal-Fond għall-Innovazzjoni, il-Fond għall-Modernizzazzjoni u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, f'konformità mal-Pjan RepowerEU.
- Fl-2024, l-emissjonijiet tat-trasport marittimu ġew inklużi fl-EU ETS għall-ewwel darba. Meta mqabbla mal-2023, l-emissjonijiet irrapportati żdiedu bi 13 %, b'mod partikolari minħabba l-impatti tal-kriżi tal-Baħar l-Aħmar u r-riprogrammar tar-rota sussegwenti.
- Hija meħtieġa azzjoni urġenti għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tal-avjazzjoni. Sabiex din tiġi appoġġata, mill-2024 kien hemm fis-seħħ sistema ddedikata biex taċċellera l-adozzjoni ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli.
- Il-konformità fl-EU ETS kienet għolja ħafna, inkluż għas-settur marittimu fl-ewwel ċiklu ta' konformità tiegħu.

Is-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) hija pedament tal-azzjoni klimatika tal-UE. Din tpoġġi limitu massimu fuq l-emissjonijiet mill-ġenerazzjoni tal-elettriku u tas-sħana, mill-manifattura industrijali, mill-avjazzjoni fl-Ewropa u mis-setturi tat-trasport marittimu, li jirriżulta fi prezz fuq l-emissjonijiet f'konformità mal-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas". Il-prezz joħloq inċentiv għall-kumpaniji f'dawn is-setturi biex jużaw soluzzjonijiet u jinvestu fit-tnaqqis tal-emissjonijiet maż-żmien. L-EU ETS tiġbor ukoll id-dħul biex tgħin fil-finanzjament ta' dawn l-azzjonijiet.

### 2.1 Limitu massimu fuq l-emissjonijiet skont l-EU ETS

L-EU ETS hija strument ibbażat fuq is-suq. Hija tistabbilixxi limitu massimu fuq l-emissjonijiet mis-setturi koperti mill-iskema u kull sena l-limitu massimu huwa aktar baxx, b'mira ta' tnaqqis ta' 62 % sal-2030 meta mqabbel mal-livelli tal-emissjonijiet tal-2005. Il-limitu massimu huwa espress fi kwoti, li l-kumpaniji jridu jirrinunzjaw kull sena biex ikopru l-emissjonijiet tagħhom. Il-kumpaniji primarjament jixtru kwoti fl-irkantijiet, li jiġbru d-dħul għall-Istati Membri biex jiffinanzjaw aktar azzjoni klimatika u tranżizzjoni tal-enerġija. Bil-prezz tal-kwoti stabbilit mis-suq, l-EU ETS tinċentiva t-tnaqqis tal-emissjonijiet fejn ikun jiswa l-inqas li jsir dan, b'mod teknoloġikament newtrali.

Filwaqt li l-irkantar huwa l-metodu primarju għad-distribuzzjoni tal-kwoti fl-EU ETS, volum sinifikanti ta' kwoti jiġi allokati bla ħlas lill-installazzjonijiet biex jindirizzaw ir-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju<sup>19</sup>. F'ċerti setturi tal-industrija koperti mill-EU ETS (siment, aluminju, fertilizzanti, idroġenu, haċċid u azzar), il-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri (CBAM, Carbon Border Adjustment Mechanism) se jissostitwixxi gradwalment l-allokazzjoni bla ħlas mill-2026 'il quddiem. Dawn is-setturi jirrappreżentaw madwar 54 % tal-allokazzjoni totali bla ħlas fl-2021-2025.



Aktar informazzjoni dwar il-funzjonament tal-EU ETS fir-[Rapport dwar is-Suq tal-Karbonju 2025](#).

## 2.2 Ix-xejriet tal-emissjonijiet

Sa tmiem l-2024, l-EU ETS kienet għenet biex **jitnaqqsu l-emissjonijiet** mill-ġenerazzjoni tal-elettriku u tas-sħana u mill-manifattura industrijali **b'50 %** meta mqabbla mal-livelli tal-2005. B'dan il-progress, is-sistema tinsab fit-triq it-tajba biex tilħaq il-mira tal-2030 ta' tnaqqis ta' 62 %.

Fl-2024, l-emissjonijiet mis-setturi tal-enerġija u tal-industrija komplew jonqsu wara tnaqqis annwali rekord fl-2023. L-emissjonijiet mill-ġenerazzjoni tal-elettriku u tas-sħana naqsu b'10,7 %<sup>20</sup>, l-aktar minħabba żieda sostanzjali fis-sehem ta' sorsi rinnovabbli u nukleari fit-taħlita tal-elettriku, flimkien ma' dipendenza mnaqqsa fuq fjuwils fossili ewlenin bħall-gass naturali u l-faħam. Fl-2024, is-sorsi rinnovabbli u l-bijofjuwils kienu s-sorsi ewleni tal-elettriku fl-UE, tant li koprew 47,2 % tas-sehem, bl-output globali tal-elettriku rinnovabbli żdied b'7,6 % fl-2024. It-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-enerġija fl-2024 jimmarka tnaqqis ta' 30 % mill-2021.


L-emissjonijiet mill-installazzjonijiet industrijali fl-2024 naqsu b'0,8 % meta mqabbla mal-2023<sup>21</sup>. Ġew osservati diversi xejriet (minbarra d-dekarbonizzazzjoni tal-provvista tal-enerġija) – it-tnaqqis tal-output fil-produzzjoni industrijali f'xi setturi, l-irkupru tal-output f'setturi intensivi fl-enerġija bħall-azzar, il-fertilizzanti u s-sustanzi kimiċi, u t-titjib fl-effiċjenza enerġetika.

<sup>19</sup> Matul il-perjodu 2021-2030, sa 57 % tal-kwoti ġenerali se jiġu rkantati, filwaqt li l-kwoti li jifdal se jiġu allokati bla ħlas.

<sup>20</sup> Abbażi tal-emissjonijiet mill-ġenerazzjoni tal-elettriku u tas-sħana fl-EU ETS (data estratta mir-Reġistru tal-Unjoni fit-30 ta' Settembru 2025). 2 % ta' dan it-tnaqqis huwa ġġustifikat ukoll minn inkonsistenzi fid-data li jaffettwaw il-qasma bejn l-enerġija u l-emissjonijiet industrijali, mhux mix-xejriet tas-suq. Ara r-Rapport dwar is-Suq tal-Karbonju 2025 għad-dettalji.

<sup>21</sup> Abbażi tal-emissjonijiet mill-manifattura industrijali fl-EU ETS (data estratta mir-Reġistru tal-Unjoni fit-30 ta' Settembru 2025). Ara r-Rapport dwar is-Suq tal-Karbonju 2025 għad-dettalji.

Illustrazzjoni 10: Emissjonijiet taħt l-EU ETS fl-UE skont is-settur




Sors: EEA

### 2.3 Dħul mill-irkant

Sa nofs l-2025, l-EU ETS kienet **gäbret aktar minn EUR 245 biljun** permezz tal-bejgħ ta' kwoti tal-emissjonijiet. Fl-2024, id-dħul mill-ETS laħaq kważi EUR 39 biljun. Dan mar primarjament għall-baġits nazzjonali (EUR 24,4 biljun), iżda ffinanzja wkoll il-programmi tal-ETS għal tranżizzjoni nadifa (jiġifieri l-Fond għall-Innovazzjoni u l-Fond għall-Modernizzazzjoni), kif ukoll parti mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza f'konformità mal-Pjan RepowerEU. Fl-2025, porzjon ta' kwoti mill-EU ETS beda wkoll jiġi rkantat biex jiffinanzja l-Fond Soċjali għall-Klima (ara l-[Kapitolu 6](#)).

Illustrazzjoni 11: L-użu mill-Istati Membri tad-dħul mill-ETS bi skopijiet differenti kif irrapportat għall-2024 (meta jitqies id-dħul żborżat)



L-Istati Membri jridu jużaw id-dħul kollu tagħhom mill-ETS (jew ammont ekwivalenti) biex jiffinanzjaw l-azzjoni klimatika u t-trasformazzjoni tal-enerġija, inklużi miżuri biex jindirizzaw l-aspetti soċjali. L-unika eċċezzjoni minn din ir-regola hija l-possibbiltà għall-Istati Membri li jużaw id-dħul mill-ETS biex jipprovdu għajnuna lill-industriji li

jikkonsmaw ħafna elettriku għall-kostijiet indiretti tal-karbonju. Fl-2024, 15-il Stat Membru użaw id-dħul tagħhom għal dan l-iskop. Minn EUR 24,4 miġbura fl-2024, l-Istati Membri użaw EUR 3,2 biljun għal kumpens tal-kostijiet indiretti għall-industriji intensivi fl-enerġija. Il-EUR 21,2 biljun li jifdal iridu jintużaw għall-azzjoni klimatika u għat-trasformazzjoni tal-enerġija, iżda ma hemmx bżonn li jintefqu f'sena waħda <sup>22</sup>.

Kull sena, l-Istati Membri jirrapportaw lill-Kummissjoni dwar kif użaw id-dħul tagħhom mill-ETS. L-Istati Membri dderiġew il-biċċa l-kbira tad-dħul tagħhom mill-ETS fl-2024 għal proġetti fl-użu ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli, grilji u ħżin (20 %), it-titjib tal-effiċjenza enerġetika fl-industriji u l-bini (20 %) u l-iżvilupp ta' trasport pubbliku u mobbiltà nodfa (22 %). Eżempji jinkludu għotjiet għall-aġġornament tal-impjanti tar-riħ u tal-bijogass lil hinn mill-kosta fid-Danimarka, proġetti ta' modifika retroattiva profonda bi tnaqqis ta' mill-inqas 40 % fil-konsum tas-sħana f'bini residenzjali fil-Litwanja u investimenti fit-trasport bil-ferrovija u mogħdijiet għaċ-ċiklisti fis-Slovenja.

Għal aktar informazzjoni dwar kif kull Stat Membru uża d-dħul tiegħu mill-ETS fl-2024, ara l-Kapitolu 8 fid-dokument ta' ħidma tal-persunal ta' akkumpanjament. Għall-analiżi tal-EU27, ara r-Rapport dwar is-Suq tal-Karbonju 2025.

## 2.4 Avjazzjoni

Fl-2024, l-emissjonijiet mill-avjazzjoni taħt l-ETS komplew jizdedu, u laħqu 62,6 miljun tunnellata ta' CO<sub>2</sub> <sup>23</sup>. Dan huwa madwar 15 % oġhla milli fl-2023 <sup>24</sup>.

Għalhekk, id-dekarbonizzazzjoni tas-settur tal-avjazzjoni hija meħtieġa b'mod urġenti. Il-prezz tal-karbonju tal-ETS diġà jagħti inċentiv ta' madwar EUR 200 għal kull tunnellata <sup>25</sup> ta' fjuwil sostenibbli għall-avjazzjoni użat, meta mqabbel mal-kerosin fossili.

Madankollu, fl-2024, il-Kummissjoni introduċiet mekkaniżmu ta' appoġġ addizzjonali taħt l-EU ETS biex tippromwovi l-użu ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli, li l-impatt tiegħu għadu mhux rifless f'dan ir-rapport. Total ta' 20 miljun kwota (b'valur ta' madwar EUR 1,5 biljun) huma riżervati għal dan l-appoġġ u l-linji tal-ajru jistgħu jitolbu appoġġ ta' madwar EUR 500 sa EUR 7 000 għal kull tunnellata ta' fjuwil sostenibbli eliġibbli użat fuq rotta tal-ETS <sup>26</sup>. Fl-2025, il-Kummissjoni [qassmet](#) madwar EUR 100 miljun bejn 53 operatur ta' inġenji tal-ajru minn Stati Membri tal-UE u żewġ operatori min-Norveġja.

---

<sup>22</sup> Għall-2024, EUR 16,4 biljun ġew irrapportati bħala żborżati.

<sup>23</sup> Dan jinkludi titjiriet fiż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) (domestiċi u bejn pajjiżi taż-ŻEE) u titjiriet li jitolqu miż-ŻEE lejn l-Iżvizzera u r-Renju Unit. Dan jinkludi titjiriet mhux domestiċi minn pajjiż taż-ŻEE lejn u minn reġjun ultraperiferiku (eż. il-Finlandja – il-Gżejjer Kanarji).

<sup>24</sup> Fl-2023, is-settur iġġenera emissjonijiet li jammontaw għal total ta' 54,4 miljun tunnellata ta' CO<sub>2</sub>. Data estratta mir-Regjistru tal-Unjoni u mir-Regjistru Żvizzeru fit-30 ta' Settembru 2025.

<sup>25</sup> L-ETS "tikklassifika bħala zero" dawn il-fjuwils, li jfisser li ma jħallsu l-ebda prezz tal-karbonju. B'kuntrast għal dan, il-kerosin għandu fattur ta' emissjonijiet ta' 3,16 tCO<sub>2</sub>/tunnellata: Prezz tal-ETS x 3,16 = inċentiv tal-prezz, għalhekk, għal prezz tal-karbonju tal-ETS ta' EUR 70, dan huwa inċentiv tal-prezz ta' EUR 221 għal kull tunnellata ta' fjuwil użat.

<sup>26</sup> Din is-sistema ta' appoġġ tkopri d-differenza fil-prezz kollha li jifdal, jew parti minnha, bejn il-kerosin fossili u l-fjuwils tal-avjazzjoni eliġibbli użati minn operatori individwali ta' inġenji tal-ajru kummerċjali fuq it-titjiriet tagħhom koperti minn ipprezzar effettiv tal-karbonju permezz tal-EU ETS, u thegħġegħ lil dawn l-operaturi tal-inġenji tal-ajru jużaw għażliet ta' fjuwil aktar nodfa.

Il-Kummissjoni adottat [regoli ġodda](#) biex timmonitorja, tirrapporta u tivverifika l-emissjonijiet għal titjiriet tal-linji tal-ajru tal-UE li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-EU ETS <sup>27</sup>. L-adozzjoni ta' dawn ir-regoli tissottolinja l-impenn tal-UE li tapplika l-Iskema ta' Kumpens u Tnaqqis tal-Karbonju għall-Avjazzjoni Internazzjonali (CORSIA, Carbon Offsetting and Reduction Scheme for International Aviation). L-UE hija waħda mill-ewwel ġurisdizzjonijiet fid-dinja li jdaħħlu l-CORSIA fil-liġi. L-iskop tal-CORSIA huwa li tikkompensa l-emissjonijiet tal-avjazzjoni minn titjiriet internazzjonali 'l fuq minn ċertu livell <sup>28</sup>. Huwa mistenni ħafna li dan il-livell intlaħaq fl-2024, għalhekk il-linji tal-ajru jistennew li jġarrbu obbligi ta' kumpens taħt il-CORSIA għall-ewwel darba għas-sehem tal-emissjonijiet tal-2024 'il fuq mil-linja bażi.

Għalkemm bħalissa l-EU ETS tkopri biss l-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub>, l-impatt globali tal-avjazzjoni fuq il-klima bħalissa huwa stmat li huwa darbtejn sa erba' darbiet ogħla minħabba l-emissjonijiet mhux tas-CO<sub>2</sub>, inklużi ossidi tan-nitroġenu (NO<sub>x</sub>) u ossidi tal-kubrit (SO<sub>x</sub>) <sup>29</sup>. L-UE hija l-ewwel ġurisdizzjoni li tintroduċi qafas ta' monitoraġġ, rapportar u verifika (MRV, monitoring, reporting and verification) għall-effetti mhux tas-CO<sub>2</sub> fl-avjazzjoni. Mill-1 ta' Jannar 2025, l-operaturi tal-inġenji tal-ajru huma meħtieġa jimmonitorjaw u jirrapportaw l-impatti tal-emissjonijiet mhux tas-CO<sub>2</sub> għal kull titjira kull sena <sup>30</sup>. Sal-31 ta' Diċembru 2027, abbażi tar-riżultati taħt il-qafas ta' monitoraġġ mhux tas-CO<sub>2</sub>, il-Kummissjoni se tissottometti rapport u, fejn xieraq, proposta leġiżlattiva biex jittaffew l-effetti mhux tas-CO<sub>2</sub> fl-avjazzjoni.

## 2.5 Trasport marittimu

It-trasport marittimu jiġġenera madwar 3-4 % tal-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> tal-UE. L-2024 kienet l-ewwel sena li t-trasport marittimu kien inkluż fis-sistema tal-EU ETS. L-emissjonijiet marittimi totali kienu 148,7 MtCO<sub>2</sub>-eq taħt is-sistema MRV <sup>31</sup> meta jitqiesu l-emissjonijiet kollha minn vjaġġi li jinvolvu portijiet fl-UE, fl-Iżlanda u fin-Norveġja. Minn dawn, 89,8 MtCO<sub>2</sub> kienu koperti mill-ETS meta jitqiesu biss 50 % tal-emissjonijiet minn vjaġġi li jibdew jew jintemmu barra mill-UE, l-Iżlanda u n-Norveġja <sup>32</sup>.

---

<sup>27</sup> L-EU ETS tkopri t-titjiriet fiż-ŻEE (EU27, in-Norveġja, l-Iżlanda), u t-titjiriet li jitolqu lejn l-Iżvizzera u r-Renju Unit. Dan ifisser li r-regoli l-ġodda jkopru titjiriet tal-linji tal-ajru tal-UE miż-ŻEE lejn pajjiżi barra miż-ŻEE, u t-titjiriet tagħhom bejn żewġ pajjiżi barra miż-ŻEE.

<sup>28</sup> Il-livell li 'l fuq minnu l-linji tal-ajru għandhom jibdew jikkompensaw l-emissjonijiet huwa stabbilit bħala 85 % tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> tal-2019 għas-sinjura 2024-2035 (fejn l-2019 kienet is-sena bl-ogħla emissjonijiet tal-avjazzjoni internazzjonali li qatt kien hemm).

<sup>29</sup> Aviation and the Global Atmosphere, IPCC, 1999, <https://www.ipcc.ch/site/assets/uploads/2018/03/av-en-1.pdf>

<sup>30</sup> Is-sistema MRV tkopri t-titjiriet lejn, minn u fl-Ewropa. Sabiex jiġi ffaċilitat il-bidu, ir-rapportar huwa obligatorju biss għal titjiriet fl-Ewropa. Madankollu, fl-2025 u fl-2026 huwa mħeġġeġ ir-rapportar volontarju dwar ir-rotot kollha. Mill-2027, l-obbligu ta' rapportar japplika awtomatikament għat-titjiriet kollha. Leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni: [Emenda tar-Regolament dwar il-Monitoraġġ u r-Rapportar tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet \(ETS\) b'reazzjoni għar-reviżjoni tal-ETS \(europa.eu\)](#).

<sup>31</sup> L-emissjonijiet marittimi totali huma koperti mir-Regolament (UE) 2015/757.

<sup>32</sup> Il-kamp ta' applikazzjoni tal-EU ETS għas-settur marittimu għandu diversi eżenzjonijiet u differenzi oħrajn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-MRV tas-settur marittimu. Għal aktar informazzjoni dwar id-definizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni rilevanti, ara t-Taqsima 2.3 tad-Dokument ta' gwida ġenerali għall-kumpaniji tat-tbaħħir: [https://climate.ec.europa.eu/document/download/31875b4f-39b9-4cde-a4e2-fbb8f65ee703\\_en?filename=policy\\_transport\\_shipping\\_gd1\\_maritime\\_en.pdf](https://climate.ec.europa.eu/document/download/31875b4f-39b9-4cde-a4e2-fbb8f65ee703_en?filename=policy_transport_shipping_gd1_maritime_en.pdf)

L-emissjonijiet tal-metan u tal-ossidu nitruż ġew irrapportati għall-ewwel sena fl-2024 taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-MRV, li jammontaw għal 1,6 MtCO<sub>2</sub>-eq (għall-metan) u 2,2 MtCO<sub>2</sub>-eq (għall-ossidu nitruż), rispettivament <sup>33</sup>.

Meta wieħed iħares biss lejn id-diossidu tal-karbonju, l-emissjonijiet tal-MRV għall-2024 huma 13 % ogħla milli kienu fl-2023, l-aktar minħabba ż-żieda fl-attività tal-bastimenti, wara ridirezzjonar tar-rota mqanqal mill-kriżi tal-Baħar l-Aħmar matul l-2024.

Il-konformità wara l-ewwel sena ta' applikazzjoni tal-ETS għat-trasport marittimu kienet għolja, minħabba li l-kumpaniji tat-tbaħħir ċedew il-kwoti għal aktar minn 99 % tal-emissjonijiet tagħhom fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni.

Fil-livell internazzjonali, f'April 2025, l-UE laqgħet l-approvazzjoni tal-Qafas Żero Nett biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mit-tbaħħir internazzjonali fl-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI), li jinkludi standard globali għat-tnaqqis gradwali tal-intensità tal-gassijiet serra tal-fjuwils tal-baħar u element ta' pprezzar għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra mit-tbaħħir internazzjonali. Il-ftehim, sakemm jiġi adottat, huwa pass sinifikanti lejn l-għan ta' emissjonijiet zero netti mit-trasport marittimu sa jew madwar, jiġifieri qrib, l-2050 kif stabbilit fl-istrateġija tal-2023 tal-OMI dwar il-gassijiet serra. Id-diskussjonijiet dwar l-adozzjoni tal-ftehim ġew posposti għal Ottubru 2026.

## 2.6 Bini, trasport u industrija żgħira

Fl-2023, ġiet miftiehma sistema ġdida għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (ETS2) biex tkopri l-emissjonijiet mill-kombustjoni tal-fjuwil fil-bini, fit-trasport u fl-industrija żgħira, li ma kinux koperti mill-EU ETS kurrenti. Filwaqt li hija wkoll sistema ta' "limitu u skambju", hija separata mill-EU ETS kurrenti. Hija se tgħin lill-Istati Membri jilħqu l-miri tagħhom ta' tnaqqis tal-emissjonijiet skont ir-[Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi](#) (ara l-[Kapitolu 3](#)).

B'ħidma flimkien ma' miżuri oħrajn għal dawn is-setturi, il-limitu massimu fl-ETS2 huwa mistenni li jnaqqas l-emissjonijiet bi 42 % sal-2030 meta mqabbel mal-livelli tal-2005. Il-kwoti kollha se jinbiegħu f'irkantijiet, bid-dħul imur għall-baġits nazzjonali u għall-[Fond Soċjali għall-Klima](#). Il-prezz tal-karbonju se jipprovdi inċentiv għall-investiment f'soluzzjonijiet ta' effiċjenza enerġetika, fir-rinnovazzjonijiet tal-bini u fil-mobilità mingħajr emissjonijiet, inkluż it-trasport pubbliku. Il-Fond Soċjali għall-Klima se jappoġġa unitajiet domestiċi vulnerabbli, utenti tat-trasport u mikrointrapriżi, b'enfasi biex jgħinhom jiffinanzjaw dawk l-investimenti.

L-ETS2 se tkopri l-emissjonijiet upstream. Dan ifisser li l-fornituri tal-fjuwil, mhux il-konsumaturi, iridu jitraċċaw l-emissjonijiet mill-fjuwils li jqiegħdu fis-suq u jixtru kwoti

---

<sup>33</sup> L-emissjonijiet tal-ossidu nitruż u tal-metan se jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-EU ETS għall-attivitajiet marittimi mill-2026.

biex ikopruhom. Il-monitoraġġ u r-rapportar tal-emissjonijiet bdew fl-2025, u s-sistema se ssir kompletament operazzjonali fis-snin li ġejjin.

### 3. Emissjonijiet tal-kondiviżjoni tal-isforzi

#### Punti ewlenin

- F'konformità mal-valutazzjoni tal-Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima, l-emissjonijiet aggregati pproġettati tal-ESR abbażi tal-miżuri ppjanati huma mistennija li jonqsu b'madwar 38 % fl-2030 meta mqabbla mal-livelli tal-2005, li xorta għadhom taħt il-mira ta' tnaqqis ta' 40 % fl-emissjonijiet tal-ESR madwar l-UE kollha.
- Madankollu, l-ESR tfassal biex jipprovdi flessibbiltà biex jiġi żgurat li l-mira tkun tista' tintlaħaq b'mod kosteffettiv.
- Matul il-perjodu 2021-2030, xi Stati Membri b'politiki ppjanati jistennaw li jiġġeneraw surplus ta' madwar 125 sa 175 MtCO<sub>2</sub>-eq allokkazzjonijiet tal-emissjonijiet, li jippermetti lill-Istati Membri kollha jikkonformaw bl-użu tal-flessibbiltajiet disponibbli. Issa huwa essenzjali li l-Istati Membri jimplimentaw dawn il-miżuri bis-sħiħ.
- Fl-2024, l-emissjonijiet proviżorji mis-setturi tal-kondiviżjoni tal-isforzi baqgħu relattivament stabbli meta mqabbla mal-2023 u kienu madwar 20 % inqas milli kienu fl-2005.
- L-emissjonijiet żdiedu b'1 % fit-trasport, l-akbar settur tal-kondiviżjoni tal-isforzi. L-emissjonijiet baqgħu f'madwar l-istess livell fil-bini u fl-iskart, u naqsu b'1 % fl-agrikoltura u fl-industrija żgħira.
- Terz tal-emissjonijiet tal-kondiviżjoni tal-isforzi huma emissjonijiet mhux tas-CO<sub>2</sub>, li naqsu bi 23 % bejn l-2005 u l-2023.
- Fl-2024, l-emissjonijiet medji tas-CO<sub>2</sub> ta' karozzi u vannijiet ġodda żdiedu bi ffit, iżda xorta kienu 28 % u 8 % taħt il-livelli tal-2019, għall-karozzi u l-vannijiet rispettivament, prinċipalment minħabba l-użu ta' vetturi b'emissjonijiet żero.
- Fil-perjodu ta' rapportar 2023, l-emissjonijiet medji tas-CO<sub>2</sub> ta' vetturi heavy-duty ġodda komplew jonqsu, bl-emissjonijiet 11,4 % taħt il-livelli tal-2019. Ir-rekwiżiti tad-Direttiva dwar il-kwalità tal-fjuwil żguraw li jinbiegħu fjuwils ta' kwalità għolja fl-UE.

Ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi (ESR) ikopri l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mit-trasport domestiku, mill-bini, mill-agrikoltura, mill-industrija żgħira u mill-iskart. Flimkien, dawn l-emissjonijiet jammontaw għal 66 % tal-emissjonijiet domestiċi tal-UE.


Fl-2024, abbażi ta' data approssimata, l-emissjonijiet minn dawn is-setturi għadhom f'livell simili meta mqabbla mal-2023, jiġifieri 20 % inqas milli fl-2005<sup>34</sup>. Is-sena 2024

<sup>34</sup> L-emissjonijiet tal-ESR tal-2024 huma approssimati u huma 19,9 % aktar baxxi mil-livelli tal-2005. L-emissjonijiet tal-ESR tal-2023 ġew stabbiliti fl-2025 wara rieżami komprensiv u huma 19,8 % aktar baxxi mil-livelli tal-2005. Fir-Rapport ta' Progress dwar l-Azzjoni Klimatika tal-2024, l-emissjonijiet tal-ESR tal-2023 ġew approssimati u wrew tnaqqis iżgħar ta' 19,2 % meta mqabbla mal-livelli tal-2005.

hija l-ewwel waħda fejn l-emissjonijiet fil-livell tal-UE huma ogħla mil-limitu aggregat tal-emissjonijiet tal-UE, fejn jaqbżuh b'1,6 %.

Filwaqt li l-emissjonijiet tal-kondiviżjoni tal-isforzi fil-livell tal-UE baqgħu ġeneralment l-istess bejn l-2023 u l-2024, fil-livell settorjali, l-emissjonijiet tat-trasport żdiedu b'1 % u l-emissjonijiet mill-agrikoltura u mill-industrija żgħira naqsu b'1 %. L-emissjonijiet mill-bini u mill-iskart kienu relattivament stabbli. Fl-2024, it-trasport kien l-akbar settur tal-kondiviżjoni tal-isforzi u kien jikkostitwixxi 39 % tal-emissjonijiet tal-ESR tal-UE, segwit mill-bini (22 %), l-agrikoltura (18 %), l-industrija żgħira (16 %) u l-iskart (5 %).

**Illustrazzjoni 12: L-emissjonijiet fis-setturi koperti mil-leġiżlazzjoni dwar il-kondiviżjoni tal-isforzi 2005-2030 u l-allokazzjonijiet ta' emissjonijiet annwali, EU-27**



*Nota: id-data dwar l-emissjonijiet maqsuma bejn is-setturi tar-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi (ESR) għall-2021-2023 ġeja mill-inventarju tal-gassijiet serra tal-2025, għall-2024 minn inventarji approssimati, u għall-2025-2030 minn projezzjonijiet irrapportati mill-Istati Membri fl-2025 skont l-Artikolu 18 tar-Regolament dwar il-Governanza. L-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet (AEAs, annual emission allocations) huma l-limiti annwali tal-emissjonijiet kif stabbiliti fl-ESR u fil-prekursur tal-ESR, jgħidli d-Deċiżjoni dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi (ESD). Iċ-ċifra turi kif l-emissjonijiet storiċi u pproġettati tal-kondiviżjoni tal-isforzi tal-UE huma maqsuma bejn is-setturi u kif jitqabblu mal-limiti annwali tal-emissjonijiet.*

### 3.1 Miri għall-kondiviżjoni tal-isforzi

L-ESR jstabbilixxi l-mira tal-UE li l-emissjonijiet fis-setturi tal-kondiviżjoni tal-isforzi jitnaqqsu b'40 % sal-2030 meta mqabbla mal-livelli tal-2005. Din il-mira globali tissarraf f'miri nazzjonali għall-2030 li jvarjaw minn tnaqqis ta' 10 % sa 50 % u limiti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-2021 sal-2030 espressi f'allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet. Il-Kummissjoni se tivverifika jekk l-Istati Membri ssodisfawx il-limiti tal-emissjonijiet tagħhom f'żewġ rawnds – l-ewwel fl-2027 (għas-snin 2021-2025) u mbagħad fl-2032 (għas-snin 2026-2030).

L-Istati Membri jistgħu jużaw, sa ċertu punt, flessibiltajiet biex jibqgħu fil-limiti annwali tal-emissjonijiet tagħhom u jilħqu l-miri tagħhom għall-2030. Dawn il-flessibiltajiet jinvolvu l-kreditur, is-self, ix-xiri u l-bejgħ tal-allokazzjonijiet tal-emissjonijiet, bl-użu ta' surplus (krediti) mis-settur tal-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija (LULUCF) u, għal xi Stati Membri, l-għażla li jiġu kkanċellati kwoti mill-EU ETS għall-allokazzjonijiet

tal-emissjonijiet tal-ESR (għal aktar dettalji ara l-Kapitolu 9 tad-dokument ta' ħidma tal-persunal ta' akkumpanjament).

L-Iżlanda u n-Norveġja qablu li japplikaw, bi ftit adattamenti, l-ESR, kif adottat fl-2018 <sup>35</sup>. Il-progress u l-iżviluppi tagħhom huma riflessi fir-[Rapport annwali dwar il-Progress fil-Klima](#) mħejji mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.

## 3.2 Progress lejn il-miri tal-kondiviżjoni tal-isforzi

### Miri ta' tnaqqis tal-emissjonijiet għall-2030

L-ESR jistabbilixxi mira ta' tnaqqis tal-emissjonijiet għall-2030 għall-UE u għal kull Stat Membru (meta mqabbla mal-livelli tal-2005). Il-[valutazzjoni](#) mill-Kummissjoni tal-pjanijiet nazzjonali aġġornati finali dwar l-enerġija u l-klima (NECPs) ippubblikata f'Mejju 2025 turi li l-emissjonijiet tal-kondiviżjoni tal-isforzi huma mistennija jonqsu b'madwar 38 % fl-2030 meta mqabbla mal-2005, madwar 2 punti perċentwali inqas mill-mira tal-UE. Dan jimmarka titjib sostanzjali meta mqabbel mad-diskrepanza madwar l-UE ta' aktar minn 6 punti perċentwali murija fil-[valutazzjoni](#) mill-Kummissjoni tal-abbozzi tal-NECPs aġġornati. Huwa kruċjali li l-politiki ambizzjużi stabbiliti fl-NECPs jiġu implimentati bis-sħiħ u li l-Istati Membri jżommu l-momentum u l-azzjoni tagħhom biex jilhqqu l-miri tal-ESR. Fil-valutazzjoni tagħha, il-Kummissjoni pprovdiet gwida mmirata lill-Istati Membri biex tiffaċilita l-implimentazzjoni rapida tal-pjanijiet.


Is-sejbiet ta' hawn fuq huma kkonfermati mill-aħħar projezzjonijiet tal-Istati Membri ta' Marzu 2025 (ara l-Illustrazzjoni 13). Qabel kwalunkwe użu tal-flessibbiltajiet tal-ESR mill-Istati Membri biex jilhqqu l-miri tagħhom, il-Ġermanja, l-Irlanda u Malta juru l-akbar diskrepanzi pproġettati fl-2030, filwaqt li l-Bulgarija, il-Greċja u l-Portugall juru l-akbar superament tal-miri tagħhom għall-2030.

Sabiex inaqqsu dawk id-diskrepanzi, l-Istati Membri għandhom iżidu l-azzjoni flimkien mal-implimentazzjoni sħiħa tal-politiki klimatiċi kurrenti u ppjanati kollha jew jużaw il-kamp ta' applikazzjoni għall-flessibbiltajiet disponibbli.

---

<sup>35</sup> L-Iżlanda u n-Norveġja għadhom ma inkorporawx il-bidliet wara r-reviżjoni tal-ESR fl-2023.

**Illustrazzjoni 13: Bidla pproġettata tal-emissjonijiet tal-ESR u diskrepanza sal-mira fl-2030 (%)**



*Nota: Id-diskrepanza sal-mira ta' Malta hija ta' 49 u 61 punt perċentwali, li taqbeż il-mira ta' tnaqqis tagħha ta' 19 %. Dan ifisser li Malta hija pproġettata li jkollha aktar emissjonijiet fl-2030 milli fl-2005.*

### Tnaqqis fl-emissjonijiet fl-2021-2030

L-ESR jstabilixxi wkoll limiti tal-emissjonijiet tal-Istati Membri għal kull sena fil-perjodu mill-2021 sal-2030, bi flessibbiltajiet biex jintlaħqu dawn il-limiti tal-emissjonijiet. Il-Kummissjoni vvalutat il-progress tal-Istati Membri lejn l-obbligi tal-ESR tagħhom billi qabblat l-emissjonijiet u l-allokazzjonijiet għal kull sena fil-perjodu 2021-2030 abbażi tal-aħħar informazzjoni u l-użu potenzjali ta' xi wħud mill-flessibbiltajiet disponibbli skont l-ESR.

Il-Kummissjoni tassumi li l-Istati Membri se jimplimentaw il-miżuri addizzjonali tagħhom kif inklużi fil-projezzjonijiet tagħhom “b’ miżuri addizzjonali” (WAM). Fir-rigward tal-użu tal-flessibbiltajiet, il-Kummissjoni tassumi li l-Istati Membri se jużaw l-allokazzjonijiet tal-emissjonijiet iffrankati f’ sena waħda għall-konformità fis-snin futuri (kreditar) u jużaw l-allokazzjonijiet tal-emissjonijiet minn sena futura jekk ikun meħtieġ fis-sena preċedenti (teħid b’ self). Hija tassumi wkoll li l-Istati Membri li nnotifikaw l-intenzjoni tagħhom li jużaw il-flessibbiltà tal-ETS se jagħmlu dan meta jkun hemm bżonn.

Il-Kummissjoni ssib li 10 Stati Membri xorta jaqbz u l-limiti tagħhom f’ mill-inqas sena waħda matul il-perjodu 2021-2030. Ċipru, il-Kroazja, l-Italja u r-Rumanja diġà jkollhom emissjonijiet żejda fl-ewwel perjodu ta’ konformità (2021-2025), filwaqt li l-Awstrija, l-Estonja, il-Ġermanja, Malta, l-Irlanda u l-Iżvezja huma pproġettati li jkollhom

emissjonijiet żejda fit-tieni perjodu ta' konformità (2026-2030). Is-17-il Stat Membru li ma għandhom l-ebda diskrepanza matul il-perjodu totali 2021-2030 jiġġeneraw aktar surplus milli jkunu jeħtieġu l-10 Stati Membri biex ikopru d-diskrepanzi tagħhom. Anki jekk l-Istati Membri kollha jakkwistaw allokazzjonijiet tal-emissjonijiet mingħand oħrajn meta jkun meħtieġ, fil-livell tal-UE, huwa mistenni surplus ta' madwar 125 sa 175 MtCO<sub>2</sub>-eq allokazzjonijiet matul il-perjodu 2021-2030.

Is-surplus ipproġettat tal-allokazzjonijiet tal-emissjonijiet fl-ESR minn xi Stati Membri huwa biżżejjed biex jitnaqqsu d-diskrepanzi minn Stati Membri oħrajn. It-trasferimenti tal-allokazzjonijiet tal-emissjonijiet bejn l-Istati Membri jsaħħu l-kisba kosteffettiva tal-objettiv tal-UE f'konformità mal-arkitettura tal-ESR. Minħabba d-daqs tas-surplus tal-ESR ipproġettat u l-possibbiltajiet li jiġu nnegożjati s-surpluses kemm skont l-ESR kif ukoll skont ir-Regolament tal-LULUCF, f'dan l-istadju, il-Kummissjoni ma tistax tikkonkludi li l-Istati Membri mhux qed jagħmlu biżżejjed progress biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont l-ESR.

Barra minn hekk, arranġament flessibbli ieħor biex jgħin lill-Istati Membri jikkonformaw mal-ESR jinvolveja t-trasferiment ta' superament fis-settur tal-LULUCF biex ikopri għadd limitat ta' emissjonijiet fis-setturi tal-kondiviżjoni tal-isforzi <sup>36</sup>. Xi Stati Membri diġà rrapportaw l-intenzjoni tagħhom li jużaw dawn il-flessibbiltajiet <sup>37</sup>. Madankollu, id-data limitata u preliminari disponibbli dwar ix-xejriet tas-settur tal-użu tal-art sa issa tissuġġerixxi li xi Stati Membri se jkollhom diffikultajiet biex jilħqu l-miri tagħhom tal-LULUCF (ara l-Kapitolu 4). Dawn l-Istati Membri jistgħu jikkumpensaw id-diskrepanza fil-LULUCF billi jużaw l-allokazzjonijiet tal-emissjonijiet tal-ESR (l-Artikolu 12 tar-Regolament LULUCF), li se jkunu awtomatiċi għall-perjodu 2021-2025 (l-Artikolu 9 tal-ESR).

### 3.3 Ix-xejriet tal-emissjonijiet skont it-tip ta' gass


Żewġ terzi tal-emissjonijiet kollha mis-setturi tal-kondiviżjoni tal-isforzi huma emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub>, it-terz li jifdal huma emissjonijiet mhux tas-CO<sub>2</sub> (Illustrazzjoni 14). Bejn l-2005 u l-2023, **l-emissjonijiet mhux tas-CO<sub>2</sub> mis-setturi tal-kondiviżjoni tal-isforzi naqsu bi 23 %**. Il-gassijiet serra mhux tas-CO<sub>2</sub> jinkludu l-metan (CH<sub>4</sub>), l-ossidu nitruż (N<sub>2</sub>O) u l-gassijiet fluworinati (NF<sub>3</sub>, HFCs, PFCs, SF<sub>6</sub>). Filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-emissjonijiet fis-settur tal-enerġija huma koperti mill-EU ETS, l-emissjonijiet tal-metan f'dan is-settur jaqgħu taħt l-ESR.

---

<sup>36</sup> Għal aktar dettalji dwar il-flessibbiltajiet disponibbli skont l-ESR, ara l-Kapitolu 9 tad-dokument ta' ħidma tal-persunal ta' akkumpanjament.

<sup>37</sup> Id-Danimarka, il-Litwanja u l-Polonja rrapportaw l-intenzjoni li jużaw il-flessibbiltà tal-LULUCF u l-Kroazja rrapportat intenzjoni li tinnegożja l-allokazzjonijiet tal-emissjonijiet. Il-Finlandja rrapportat ukoll li tista' tuża l-flessibbiltajiet tal-ESR kif xieraq, inkluż biex tinnegożja l-allokazzjonijiet tal-emissjonijiet. Dawn huma intenzjonijiet u ma jorbtux lill-Istati Membri.

Illustrazzjoni 14: Emissjonijiet skont l-ESR fl-2005 u fl-2023, skont it-tip ta' gass




Dawn il-gassijiet mhux tas-CO<sub>2</sub> jiġu emessi minn firxa ta' setturi u proċessi, u kollha għandhom potenzjal ta' tisħin globali ferm akbar mis-CO<sub>2</sub> bi gradi ta' għexieren sa għexieren ta' eluf, skont il-gass. B'riżultat ta' dan, l-emissjonijiet mhux tas-CO<sub>2</sub> għandhom impatt importanti fuq it-tibdil fil-klima u huma sorsi ewlenin ta' tnaqqis potenzjali tal-emissjonijiet f'diversi setturi. It-tnaqqis tal-emissjonijiet mhux tas-CO<sub>2</sub> huwa wkoll kruċjali biex nilħqu l-miri tagħna skont l-ESR.

Madwar nofs l-emissjonijiet mhux tas-CO<sub>2</sub> jiġu mis-settur agrikolu. Is-setturi kollha naqqsu l-emissjonijiet mhux tas-CO<sub>2</sub> mill-2005 sal-2023, iżda l-aktar tnaqqis sinifikanti kien sar fl-enerġija mhux tal-ETS ("enerġija oħra"), fl-industrija żgħira u fis-settur tal-iskart. Matul l-istess perjodu, l-emissjonijiet mhux tas-CO<sub>2</sub> mill-agrikoltura, mit-trasport u mill-bini naqsu biss bi ftit. Il-biċċa l-kbira tat-tnaqqis kien emissjonijiet tal-ossidu nitruż mill-industrija mhux tal-ETS, u t-tnaqqis fil-metan fis-settur tal-iskart u fl-enerġija mhux tal-ETS. Il-livell tal-emissjonijiet tal-gassijiet F naqas iżda sa ċertu punt (Illustrazzjoni 15).

L-istrateġija tal-UE dwar il-metan għandha l-għan li tnaqqas l-emissjonijiet tal-metan fis-setturi tal-enerġija, tal-agrikoltura u tal-iskart, u b'hekk tappoġġa l-ilħuq tal-miri tal-ESR.

Illustrazzjoni 15: Emissjonijiet mhux tas-CO<sub>2</sub> skont l-ESR fl-2005 u fl-2023, skont is-settur



### Gassijiet fluworinati

Il-gassijiet serra fluworinati (gassijiet F) għandhom l-ogħla potenzjal ta' tişhin globali tal-gassijiet serra kollha, li jfisser li jikkawżaw l-aktar ħsara lill-klima. Fosthom, l-idrofluworokarburi (HFCs) għandhom rwol ewlieni. L-HFCs jintużaw fi prodotti, tagħmir u proċessi ta' kuljum, bħar-refriġerazzjoni, l-arja kundizzjonata, il-pompi tas-sħana, l-iżolament, il-protezzjoni kontra n-nirien, il-linji tal-elettriku jew il-proċessi industrijali u jammontaw għal madwar 90 % tal-emissjonijiet kollha tal-gassijiet F.

**L-emissjonijiet totali tal-UE mill-gassijiet F ilhom jonqsu mill-2015**, prinċipalment minħabba li dik is-sena daħlu fis-seħħ regoli ġodda għall-eliminazzjoni gradwali tal-HFCs. Sal-2030, l-ammont ta' HFCs irid jitnaqqas b'madwar 95 % meta mqabbel mal-2015, b'eliminazzjoni gradwali ppjanata sal-2050.

Bejn l-2015 u l-2023, fl-UE, l-emissjonijiet totali tal-gassijiet F naqsu bi 32,8 %, u l-emissjonijiet tal-HFCs b'31,4 %. Mill-2022 sal-2023 biss, l-emissjonijiet naqsu b'7,4 % għall-gassijiet F kollha u b'5,5 % għall-HFCs. Dan it-tnaqqis jgħin lill-Istati Membri jilthqu l-miri tagħhom skont ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi.

### 3.4 Trasport bit-triq

L-emissjonijiet tat-trasport jammontaw għal kwart tal-emissjonijiet kollha ta' gassijiet serra (GHG) tal-UE u għal 39 % tal-emissjonijiet tal-ESR. It-trasport huwa l-uniku settur ewlieni fl-ekonomija tal-UE fejn l-emissjonijiet għadhom ogħla milli kienu fl-1990 (+18

%) u naqsu biss marġinalment mill-2005 (ara l-Kapitolu 4 tad-dokument ta' ħidma tal-persunal għal aktar dettalji). **Id-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport trid taċċellera biex jintlaħqu l-għanijiet klimatiċi tal-UE għall-2030 u l-2050.**

It-trasport bit-triq huwa l-kontributor primarju għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra f'dan is-settur, li jiġġenera madwar 95 % tal-emissjonijiet, jew 73 % meta jiġu inklużi l-emissjonijiet marittimi u tal-avjazzjoni internazzjonali. Aktar minn 70 % tal-emissjonijiet tat-trasport bit-triq jiġu minn karożżi tal-passiġġieri u vetturi kummerċjali ħfief (vannijiet). Mill-2005 sal-2023, l-emissjonijiet tat-trasport bit-triq naqsu b'inqas minn 5 %. Dan jindika li l-kisbiet fl-effiċjenza tal-vetturi u ż-żieda fil-vetturi b'emissjonijiet żero rreġistrati kienu kważi kompletament ikkumpensati miż-żieda kontinwa fl-attività tat-trasport bit-triq.


**L-istandards tal-UE dwar l-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> għal karożżi, vannijiet u vetturi heavy-duty ġodda** (jiġifieri trakkijiet, xarabanks, kowċis u trejlers) **huma politiki ewlenin għat-tnaqqis gradwali tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> mit-trasport bit-triq.** Dawn jistabbilixxu miri għat-tnaqqis tal-emissjonijiet għall-flotta kollha tal-UE, li minnhom jiġu kkalkolati miri speċifiċi annwali għall-emissjonijiet għal kull manifattur individwali jew grupp ta' manifatturi. Il-konformità mal-miri speċifiċi tiġi vvalutata fil-livell tal-flotta ta' vetturi rreġistrati f'sena kalendarja partikolari minn manifattur jew grupp ta' manifatturi (mhux fil-livell ta' vettura individwali).

Skont id-[data ta' monitoraġġ](#) proviżorja, l-emissjonijiet medji ta' CO<sub>2</sub> minn karożżi ġodda u vannijiet ġodda rreġistrati fl-UE, fl-Iżlanda u fin-Norveġja żdiedu bi ftit fl-2024, għall-karożżi għal 106,8 gCO<sub>2</sub>/km, minn 106,4 gCO<sub>2</sub>/km fl-2023, u għall-vannijiet għal 185,4 gCO<sub>2</sub>/km, minn 180,8 gCO<sub>2</sub>/km fl-2023.


Iż-żieda żgħira sena wara sena fl-emissjonijiet hija tnaqqis żgħir fix-xejra qawwija 'l isfel fl-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> ta' karożżi u vannijiet ġodda osservati mill-2020, meta daħlu fis-seħħ miri aktar stretti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub>. Din iż-żieda seħħet fl-aħħar sena kalendarja qabel ma jibdeu japplikaw il-miri aktar stretti tal-2025. Żieda simili fl-emissjonijiet ġiet irreġistrata wkoll fis-snin qabel ma daħlu fis-seħħ il-miri aktar stretti tal-2020.

Fl-2024, l-emissjonijiet medji tas-CO<sub>2</sub> kienu taħt il-miri tal-UE (ara l-Illustrazzjoni 16), u dan jimmarka tnaqqis ta' 28 % għall-karożżi u 8 % għall-vannijiet meta mqabbla mal-2019. Dan il-progress huwa prinċipalment dovut għan-numru dejjem jiżdied ta' vetturi b'emissjonijiet żero. Fl-2024, 14,5 % tal-karożżi ġodda u 7,2 % tal-vannijiet ġodda ma kellhomx emissjonijiet mit-tailpipe – żieda qawwija minn 2,2 % u 1,4 % biss fl-2019. Madankollu, ir-rata ta' użu ta' vetturi b'emissjonijiet żero tvarja ħafna bejn l-Istati Membri (ara l-Illustrazzjoni 17). Fid-Danimarka, kważi 52 % tal-karożżi tal-passiġġieri ġodda kienu b'emissjonijiet żero fl-2024. B'kuntrast ma' dan, is-sehem baqa' baxx ħafna f'diversi pajjiżi, pereżempju 2,3 % biss fis-Slovakkja, 2,8 % fil-Kroazja u 3 % fil-Polonja.

Illustrazzjoni 16: Emissjonijiet medji tas-CO<sub>2</sub> (tikek) u miri tal-UE għall-flotta kollha (linji) għall-karozzi u l-vannijiet



Illustrazzjoni 17: Sehem ta' karozzi tal-passiġġieri b'emissjonijiet zero fir-reġistrazzjonijiet ta' karozzi tal-passiġġieri ġodda (% , 2024)



Sors: Osservatorju tal-Fjuwils Alternattivi

Minkejja l-progress konsiderevoli li sar f'dawn l-aħħar snin, huwa meħtieġ aktar tnaqqis fl-emissjonijiet sabiex l-UE tilħaq il-miri futuri. Sal-2030, l-emissjonijiet medji jridu jonqsu b'55 % meta mqabbla mal-linja bażi tal-2021 għal karozzi ġodda (għal 49,5 gCO<sub>2</sub>/km) u b'50 % għal vannijiet ġodda (għal 90,6 gCO<sub>2</sub>/km).


Il-**vetturi heavy-duty**, bħal trakkijiet, xarabanks, kowċis u trejlers, jiġġeneraw kważi 30 % tal-emissjonijiet kollha tas-CO<sub>2</sub> mit-trasport bit-triq. Fl-2024, l-UE adottat standards riveduti tas-CO<sub>2</sub> għal vetturi heavy-duty ġodda biex tkompli tissikka l-istandards eżistenti u testendi l-kamp ta' applikazzjoni għal trakkijiet, xarabanks urbani, kowċis u trejlers medji. Ir-Regolament rivedut jirrikjedi tnaqqis fl-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> ta' 15 % sal-2025 (mhux mibdul mir-reviżjoni), 45 % mill-2030, 65 % mill-2035, u 90 % mill-2040 'il quddiem meta mqabbla mal-linja bażi tal-2019. Dan jistabbilixxi wkoll mira ta' 100 % ta' emissjonijiet zero għax-xarabanks urbani ġodda mill-2035.

Fil-perjodu ta' rapportar 2023, li fil-fatt ikopri l-perjodu minn Ġunju 2023 sa Lulju 2024, l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' **CO<sub>2</sub> ta' vetturi heavy-duty ġodda** <sup>38</sup> rreġistrati fl-UE **naqsu b'4,3 %**. Dan jissuġġerixxi li x-xejra ta' tnaqqis aktar qawwi, li bdiet fil-perjodu ta' rapportar 2022 (-6,6 %) wara l-uniku tnaqqis marġinali taż-żewġ perjodi ta' rapportar preċedenti, qed tkompli (Illustrazzjoni 18) <sup>39</sup>.

**B'mod ġenerali, fil-perjodu ta' rapportar 2023, l-emissjonijiet kienu 11,4 % taħt il-livelli tal-2019.** Filwaqt li dan ifisser li l-mira ta' tnaqqis ta' 15 % għall-flotta kollha għall-2025 diġà qiegħda qrib li tintlaħaq, se jkun meħtieġ aktar tnaqqis fl-emissjonijiet fil-perjodi ta' rapportar li ġejjin, b'mod partikolari fid-dawl tal-miri aktar ambizzjużi mill-2030 'il quddiem.

**L-għadd ta' trakkijiet ġodda b'emissjonijiet żero rreġistrati fil-perjodu ta' rapportar 2023 kważi rdoppja** fir-rigward tal-perjodu ta' rapportar preċedenti, madankollu, is-sehem tagħhom fil-gruppi ta' vetturi inizjalment regolati għadu baxx, ta' 1,1 %.

Illustrazzjoni 18: Emissjonijiet speċifiċi medji ta' CO<sub>2</sub> (tikek) u miri għall-flotta kollha tal-UE (linji) għal vetturi heavy-duty ġodda tal-gruppi ta' vetturi inizjalment regolati



Id-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Fjuwil tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tat-trasport billi tistabbilixxi rekwiżiti ta' kwalità għall-fjuwils tat-trasport bit-triq. Il-konformità mal-limiti tal-kwalità tal-fjuwil hija għolja fl-UE. Kważi l-parametri ewlenin kollha tal-fjuwil fil-kampjuni meħuda fl-2023 ġew irrapportati li kienu fi ħdan il-limiti ta' tolleranza (inkluż il-kontenut massimu ta' kubrit), u l-Istati Membri rrapportaw l-azzjonijiet meħuda meta ġew identifikati kampjuni mhux konformi. Dan jista' jikkonferma li s-sistema ta' monitoraġġ tal-kwalità tal-fjuwils fis-seħħ tiżgura li jinbiegħu

<sup>38</sup> Il-gruppi ta' vetturi 4, 5, 9 u 10 fil-kamp ta' applikazzjoni tal-istandards inizjali tas-CO<sub>2</sub> qabel ir-reviżjoni msemmija hawn fuq jinkludu ċerti tipi ta' trakkijiet tqal. L-analiżi li ġejja tirreferi għal dawn il-gruppi ta' vetturi attwalment regolati.

<sup>39</sup> Minħabba bidla fil-metodu ta' simulazzjoni biex jiġu ddeterminati l-emissjonijiet ta' vetturi heavy-duty ġodda, it-tnaqqis fil-perjodu ta' rapportar 2022 huwa kemxejn stmat iżżejjed, bit-tnaqqis reali stmat li huwa ta' madwar 4 %. Dan l-effett huwa ferm inqas rilevanti għall-perjodu ta' rapportar 2023.

fjuwils ta' kwalità għolja fl-UE u li dawn jissodisfaw ir-rekwiżiti tad-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Karburanti.

Sal-2023, l-Istati Membri kienu wkoll meħtieġa jirrapportaw dwar il-mira ta' 6 % tal-intensità tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja għall-fjuwils tat-trasport bit-triq (imkejla mal-livelli tal-2010). Mill-2023, il-miri tad-dekarbonizzazzjoni ġew inkorporati fid-Direttiva riveduta dwar l-Enerġija Rinnovabbli. L-intensità medja tal-gassijiet serra tal-fjuwils fornuti fl-2023 kienet 6,3 % aktar baxxa milli kienet fl-2010.

Għal aktar informazzjoni dwar il-kwalità tal-fjuwil, ara l-Kapitolu 6 tad-dokument ta' ħidma tal-persunal ta' akkumpanjament.

Il-kombustjoni tal-fjuwil fit-trasport bit-triq se tkun ukoll soġġetta għal **sistema ġdida għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (ETS2)**. L-għan ta' din il-bidla huwa li l-emissjonijiet jitnaqqsu bi 42 % sal-2030 meta mqabbla mal-livelli tal-2005 (ara l-[Kapitolu 2](#) għal aktar dettalji).

## 4. Settur tal-użu tal-art

### Punti ewlenin

- L-assorbimenti tal-karbonju mis-settur tal-użu tal-art kienu qed jonqsu, b'titjib żgħir dan l-aħħar, li rriżulta f'bir tal-karbonju nett ta' -198 MtCO<sub>2</sub>-eq fl-2023.
- L-aħħar projezzjonijiet disponibbli tal-Istati Membri għadhom qed juru diskrepanza fil-livell tal-UE ta' 40-55 MtCO<sub>2</sub>-eq mill-mira tal-UE għall-2030.
- Hemm bżonn ta' aktar investiment fis-settur tal-użu tal-art u sistema ta' monitoraġġ aħjar sabiex tkun tista' tintlaħaq il-mira klimatika tas-settur tal-użu tal-art u jiġu żgurati ktajjen tal-valur tal-bijoekonomija reżiljenti.


Fl-UE, is-settur tal-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija (LULUCF) jassorbi aktar gassijiet serra milli jarmi, u b'hekk ineħħi volumi sinifikanti ta' karbonju mill-atmosfera. Għalhekk, is-settur għandu rwol ewlieni fl-ilħuq tal-għanijiet tal-politika tal-UE dwar il-klima, u b'hekk jgħin biex jissaħħu l-assorbimenti u tingħata spinta lir-reżiljenza tas-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija.

Bħala pilastru ewlieni għall-bijoekonomija tal-UE, is-settur għandu rwol daqstant importanti għat-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima u reżiljenti, pereżempju, fil-provvista ta' ikel u materjali li jissostitwixxu materjali fossili jew b'intensità ta' karbonju.

L-assorbimenti netti żdiedu b'15 Mt fl-2023 meta mqabbla mal-2022, u dan irriżulta f'bir nett totali ta' -198 MtCO<sub>2</sub>-eq fl-2023. Madankollu, minkejja dan it-titjib, il-bir għall-assorbiment tal-karbonju kien qed jonqos b'veloċità inkwetanti matul l-aħħar deċennju. Din ix-xejra hija prinċipalment xprunata minn żieda fil-ħsad u tkabbir aktar bil-mod tal-foresti. Dan imbagħad huwa dovut għat-tibdil fil-klima li kellu impatt dejjem akbar. Nirien fil-foresti aktar frekwenti u severi, ħsarat mir-riħ, nixfiet, u tifqigħat ta' insetti u fungi qed inaqqsu l-kapaċità tal-foresti li jassorbu l-karbonju. F'xi każijiet, il-foresti li qed jixjieħu huma wkoll fattur. Għalhekk, il-kapaċità futura tal-foresti tal-UE li jneħħu l-karbonju hija inċerta, u l-UE tista' tkun f'riskju li titef il-kapaċità tagħha li tibbilanċja l-emissjonijiet tal-karbonju minn sorsi oħrajn.

Bħalissa, l-art użata għal insedjamenti, ir-raba', l-artijiet mistagħdra u l-mergħat huma s-sorsi ewlenin tal-emissjonijiet tal-LULUCF (ara l-Illustrazzjoni 19).

Illustrazzjoni 19: Emissjonijiet u assorbimenti tas-settur tal-art fil-perjodu 1990-2023 skont il-kategorija ewlenija tal-użu tal-art (EU-27)



#### 4.1 Il-mira tal-LULUCF

Il-mira tal-LULUCF hija li jżiedu l-assorbimenti netti bbażati fuq l-art fl-UE b’-42 MtCO<sub>2</sub>-eq addizzjonali sal-2030 meta mqabbla mal-perjodu ta’ referenza 2016-2018<sup>40</sup>.

Għall-perjodu 2021-2025, japplikaw regoli kontabilistiċi speċifiċi għal kategoriji differenti tal-kontabbiltà tal-art, li jikkunsidraw parametri referenzjarji storiċi (bħal-livell ta’ referenza tal-foresti). L-Istati Membri għandhom isegwu r-regola ta’ “ebda debitu”, li jfisser li l-emissjonijiet “kontabbilizzati” ma għandhomx jaqbu l-assorbimenti “kontabbilizzati”.

Għall-perjodu 2026-2030, ir-rapportar huwa ssimplifikat, bir-regoli kontabilistiċi u l-parametri referenzjarji korrispondenti jitneħħew. Il-mira addizzjonali ta’ -42 MtCO<sub>2</sub>-eq tkopri l-kategoriji kollha ta’ rapportar tal-LULUCF u hija distribwita fost l-Istati Membri permezz ta’ miri individwali, abbażi tas-sehem tagħhom taż-żona totali tal-art ġestita. Il-miri nazzjonali għall-2030 jirrikjedu li kull Stat Membru jżid l-ambizzjoni klimatika tiegħu

<sup>40</sup> L-assorbimenti netti annwali medji għas-snin 2016, 2017 u 2018, kif irrapportati fis-sottomissjoni tal-inventarju tal-gassijiet serra tal-2020, flimkien mal-assorbimenti netti addizzjonali ta’ -42 MtCO<sub>2</sub>-eq, jirriżultaw f’assorbimenti netti totali ta’ -310 MtCO<sub>2</sub>-eq fil-livell tal-UE. Kwalunkwe aġġustament metodoloġiku minħabba titjib fir-rapportar tad-data tal-inventarju se jiġi kkunsidrat fil-kontroll tal-konformità mal-mira tal-2030.

u jimplimenta politiki addizzjonali dwar l-agrikoltura u l-forestrija. Għal aktar dettalji, ara l-Kapitolu 10 tad-dokument ta' ħidma tal-persunal ta' akkumpanjament.

## 4.2 Valutazzjoni tal-progress

Ix-xejra negattiva tat-tnaqqis fl-assorbimenti netti osservati fis-snin reċenti tippersisti. Kemm in-numri preliminari għall-perjodu ta' konformità 2021-2025 kif ukoll il-projezzjonijiet tal-Istati Membri għall-perjodu ta' konformità 2026-2030 jindikaw diskrepanza sal-mira.

Abbażi tas-sottomissjonijiet tal-inventarju tal-gassijiet serra tal-2025, il-bilanċ “kontabbilizzat” proviżorju għall-perjodu mill-2021 sal-2023 juri debitu totali tal-UE ta' 52 MtCO<sub>2</sub>-eq. Għalhekk, l-impenn ta' “ebda debitu” huwa previst li ma jiġix issodisfat fil-livell tal-UE, skont iċ-ċifri disponibbli bħalissa. Madankollu, dawn huma soġġetti għal bidliet fis-snin li ġejjin minħabba t-titjib metodoloġiku mistenni tal-inventarji tal-gassijiet serra. Dawn il-bidliet, u kwalunkwe flessibbiltà disponibbli għall-Istati Membri, imbagħad se jitqiesu qabel il-kontroll tal-konformità għall-perjodu 2021-2025 li se jitwettaq fl-2027<sup>41</sup>.

Abbażi tad-data għal 3 snin fil-perjodu ta' konformità (2021-2023) u esklużi l-flessibbiltajiet, 11-il Stat Membru wrew debiti kontabilistiċi. Għalhekk, jistgħu jiffaċċjaw sfidi li jissodisfaw l-impenn fl-2025, bil-Ġermanja, il-Finlandja u l-Portugall juru l-akbar debitu nett<sup>42</sup>. Min-naħa l-oħra, 16-il Stat Membru huma konformi mal-impenn ta' “ebda debitu”, minħabba li l-assorbimenti kontabbilizzati huma ogħla mill-emissjonijiet kontabbilizzati. L-Italja, ir-Rumanija u Spanja juru l-akbar kreditu nett<sup>43</sup>. Għal darb'oħra, huwa importanti li jiġi nnotat li dawn iċ-ċifri huma soġġetti għal bidla minħabba t-titjib metodoloġiku mistenni.

L-aħħar projezzjonijiet ipprovdu mill-Istati Membri juru li l-UE b'mod ġenerali ma hijiex fit-triq it-tajba biex tilħaq il-mira tagħha li tiġġenera assorbimenti netti addizzjonali ta' 42 MtCO<sub>2</sub>-eq sal-2030, u b'hekk qed titħalla diskrepanza ta' madwar 40-55 MtCO<sub>2</sub>-eq. L-Iżvezja, il-Finlandja u Spanja qed jipproġettaw l-akbar diskrepanza sal-miri nazzjonali tagħhom għall-2030, filwaqt li Franza, is-Slovenja u l-Portugall qed jipproġettaw li jkollhom l-akbar surplus meta mqabbel mal-miri rispettivi tagħhom għall-2030 (Illustrazzjoni 20).


---

<sup>41</sup> L-Istati Membri jtejbju kontinwament il-metodoloġiji tagħhom għar-rapportar tal-inventarju tal-gassijiet serra f'termini ta' akkuratizza tad-data. Il-kalkoli mill-ġdid ibbażati fuq data aħjar huma riflessi fl-inventarji maż-żmien. Konsegwentement, xi parametri referenzjarji storiċi użati għall-kontabilità, bħal-livelli ta' referenza għall-foresti, se jkollhom jiġu aġġornati kif xieraq. Barra minn hekk, hemm flessibbiltajiet speċifiċi disponibbli fir-Regolament LULUCF, bħal għal disturbi naturali, li jistgħu jintużaw mill-Istati Membri. Dawn l-aspetti se jkollhom jitqiesu qabel il-kontroll tal-konformità mal-impenn ta' “ebda debitu” għall-perjodu ta' konformità 2021-2025. Il-Kummissjoni waqqfet proċess biex tassisti lill-Istati Membri u tiffaċilita t-tnejjija ta' dawn l-aġġornamenti fix-xhur li ġejjin.

<sup>42</sup> L-Istati Membri b'debiti f'ordni ta' kobor li tonqos: Il-Ġermanja, il-Finlandja, il-Portugall, Franza, iċ-Ċekja, l-Awstrija, l-Iżvezja, l-Estonja, il-Latvja, il-Belġju, Ċipru.

<sup>43</sup> L-Istati Membri bi krediti f'ordni ta' kobor li tiżdied: Malta, il-Lussemburgu, is-Slovenja, il-Litwanja, in-Netherlands, il-Greċja, il-Kroazja, is-Slovakkja, il-Bulgarija, l-Irlanda, il-Polonja, l-Ungerija, id-Danimarka, Spanja, ir-Rumanija, l-Italja.

Illustrazzjoni 20: Diskrepanza pproġettata sal-miri nazzjonali tal-2030 b'miżuri addizzjonali, abbażi tal-projezzjonijiet tal-Istati Membri għall-2030 (MtCO<sub>2</sub>-eq)



Nota: Id-diskrepanzi sal-mira tal-LULUCF tal-2030 ġew ikkalkulati billi tqieset l-aktar data u projezzjonijiet reċenti tal-inventarji tal-gassijiet serra tal-Istati Membri (it-tnejn ippreżentati fl-2025), inkluż aġġustament mill-ġdid biex jitqiesu d-diskrepanzi possibbli bejn id-data tal-inventarju u l-projezzjonijiet. Hekk kif l-Istati Membri jtejbu kontinwament il-metodoloġiji tagħhom għad-data u l-projezzjonijiet tal-inventarju tal-gassijiet serra f'termini ta' akkuratezza, il-kalkoli tad-diskrepanza huma suxxettibbli għal bidliet fil-futur.

Huwa importanti ħafna li l-Istati Membri jfasslu u jimplementaw malajr politiki adegwati li jpoġġuhom fit-triq it-tajba biex jilhqqu l-miri klimatiċi tagħhom. Dan għandu jinkludi miżuri li jgħinu lill-bdiewa, lill-forestiera u lil gruppi oħrajn ikkonċernati fil-bini ta' mudelli ta' negozju sostenibbli f'konformità ma' dawn il-miri.

### 4.3 Azzjoni biex jiżdied il-monitoraġġ tal-art

Ir-Regolament LULUCF jirrikjedi li l-Istati Membri kollha jstabbilixxu sistemi biex jimmonitorjaw l-istokkijiet tal-karbonju tal-ħamrija u tal-bijomassa, fost affarijiet oħrajn.

L-inventarji tal-gassijiet serra tal-Istati Membri jirfdu l-azzjoni klimatika u huma soġġetti għal żvilupp kontinwu. Data aktar akkurata u f'waqtha dwar l-art, il-ħamrija u l-foresti se tgħin biex jiġu identifikati miżuri li jisfruttaw l-oġġla benefiċċji klimatiċi. Sistemi ta' monitoraġġ komprensivi u komparabbli għall-art, li jisfruttaw il-benefiċċji ta' teknoloġiji avvanzati bħall-immudellar u s-satelliti, huma essenzjali għat-teħid ta' deċiżjonijiet kosteffiċjenti u l-investment fis-settur tal-art, kemm fl-Istati Membri kif ukoll tul il-

ktajjen tal-valur tal-bijoekonomija. Il-Kummissjoni qed tgħin lill-Istati Membri f'dawn l-isforzi, b'hal permezz tal-programm Orizzont Ewropa u l-programm satellitari Copernicus.

#### 4.4 Inizjattivi relatati rilevanti għall-agrikoltura u l-forestrija

Ir-[Regolament tal-UE dwar l-Assorbimenti tal-Karbonju u l-Kultivazzjoni Karbonika](#) adottat fl-2024 huwa mfassal **biex jiffaċilita u jħaffef l-użu ta' assorbimenti tal-karbonju ta' kwalità għolja u tnaqqis tal-emissjonijiet**. Dan jinkludi tliet tipi distinti ta' attivitajiet:

- assorbimenti permanenti;
- kultivazzjoni karbonika; u
- ħżin tal-karbonju fi prodotti li jdumu fit-tul.

Billi jiċċertifika prodotti għall-ħżin tal-karbonju, b'ħall-kostruzzjoni bbażata fuq l-injam, ir-regolament se jipprovdi wkoll lill-manijers tal-art b'opportunitajiet ġodda ta' negozju u jappoġġa t-tkabbir tal-bijoekonomija ċirkolari sostenibbli. Dan se jappoġġa lill-Istati Membri biex jilħqu l-miri tagħhom tal-LULUCF.

#### 4.5 Inċentivi għall-assorbimenti tal-karbonju u Prattiki sostenibbli

Hemm ħafna mekkaniżmi u inċentivi ta' finanzjament disponibbli jew li qegħdin jiġu żviluppanti biex jinkoraġġixxu l-assorbimenti tal-karbonju, permezz ta' sorsi pubbliċi jew privati.

**L-UE tipprovdi finanzjament** taħt il-politika agrikola komuni, il-fondi tal-politika ta' koeżjoni, u programmi oħrajn tal-UE b'ħall LIFE jew Orizzont Ewropa (b'mod partikolari l-Missjoni dwar il-Ħamrija). Fl-2023, il-Kummissjoni adottat [gwida](#) dwar l-opportunitajiet ta' finanzjament tal-UE għal ħamrija b'saħħitha.

L-Istati Membri jistgħu jappoġġaw ukoll l-użu ta' Prattiki ta' ġestjoni sostenibbli skont ir-[regoli dwar L-għajjuna mill-Istat](#), li ġew riveduti u jippermettu li jiġu appoġġati servizzi tal-ekosistema tal-foresti b'ħall-regolazzjoni tal-klima u r-restawr tal-bijodiversità. Il-gwida tal-Kummissjoni dwar l-iskemi ta' ħlas għas-servizzi tal-ekosistema tal-foresti tipprovdi aktar informazzjoni għall-gruppi interessati. Il-politika agrikola komuni u l-għajjuna mill-Istat ikopru wkoll il-finanzjament għal investimenti u miżuri b'ħall-taħriġ, il-konsulenza jew il-kooperazzjoni, li jgħinu biex jiġu massimizzati l-effetti.

Inizjattivi tas-settur privat marbuta mas-swieq volontarji tal-karbonju, jew ma' taħlita ta' għażliet ta' finanzjament differenti jistgħu jissupplimentaw u jipromwovu aktar l-użu fuq skala kbira tal-kultivazzjoni karbonika.

## 5. Ġestjoni tal-karbonju industrijali

### Punti ewlenin


- Il-qbid u l-ħżin tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> b' mod permanenti huma meħtieġa biex tinkiseb in-newtralità klimatika sal-2050.
- Fl-2024, il-Kummissjoni Ewropea fasslet strateġija biex tippermetti l-ġestjoni industrijali tal-karbonju.
- L-UE għandha mira ta' kapaċità ta' injezzjoni tas-CO<sub>2</sub> għall-2030 u tobbliga lill-kumpaniji taż-żejt u tal-gass biex jilhqqu din il-mira.

Il-valutazzjoni tal-impatt tal-mira klimatika għall-2040 turi li sa 300 miljun tunnellata ta' CO<sub>2</sub> jeħtieġ li jinqabdu u madwar 200 miljun tunnellata ta' CO<sub>2</sub> jinħażnu sal-2040 biex tintlaħaq il-mira proposta għall-2040 li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra b'90 %. Madwar 450 miljun tunnellata ta' CO<sub>2</sub> jeħtieġ li jinqabdu u madwar 250 miljun tunnellata ta' CO<sub>2</sub> jinħażnu sa nofs is-seklu. [L-istrateġija tal-Ġestjoni Industrijali tal-Karbonju](#) tistabbilixxi viżjoni u tipproponi lista ta' azzjonijiet biex jintlaħqu dawn il-miri.

Is-CO<sub>2</sub> jista' jinqabad biex ma jitħallix jiġi rilaxxat fl-atmosfera, u mbagħad jinħażen jew jintuża. Dawn il-prattiki huma magħrufa bħala l-qbid u l-ħżin tal-karbonju (CCS, carbon capture and storage) u l-qbid u l-użu tal-karbonju (CCU, carbon capture and utilisation). Il-biċċa l-kbira tas-CO<sub>2</sub> li mistenni jinqabad għandu jiġi minn materja prima ta' proċessi industrijali (eż. impjanti tal-inċinerazzjoni tal-iskart jew tal-klinker).

Is-CO<sub>2</sub> maqbud jista' jkun ukoll ta' oriġini bijoġenika jew atmosferika. Is-CO<sub>2</sub> bijoġeniku jiġi prodott permezz ta' proċessi bijoloġiċi u jista' jinqabad minn impjanti tal-enerġija tal-bijomassa jew impjanti ta' rkupru enerġetiku, pereżempju. Is-CO<sub>2</sub> atmosferiku jinstab b' mod naturali fl-atmosfera. Il-qbid u l-ħżin permanenti tas-CO<sub>2</sub> ta' oriġini bijoġenika jew atmosferika huma Prattika magħrufa bħala assorbimenti permanenti tal-karbonju.

Illustrazzjoni 21: Skema ta' qbid, użu u ħżin tal-karbonju



L-istrategġija għall-Ġestjoni Industrijali tal-Karbonju hija pass importanti lejn użu aktar omoġenju tal-qbid u l-ħżin tal-karbonju (CCS), il-qbid u l-użu tal-karbonju (CCU) u l-assorbimenti permanenti tal-karbonju fl-Ewropa. L-istrategġija tappoġġa l-ħolqien ta' suq uniku għas-servizzi tat-trasport u l-ħżin tas-CO<sub>2</sub> madwar l-Ewropa kollha sal-2030.

Il-Qafas ta' Ċertifikazzjoni għall-Assorbiment tal-Karbonju, li ġie adottat fl-aħħar tal-2024, jistabbilixxi regoli tal-UE biex jitkejlu u jiġu vverifikati attivitajiet ta' assorbiment tal-karbonju ta' kwalità għolja. Dan huwa maħsub biex jappoġġa lis-suq volontarju u jista' jipprovdi bażi għall-integrazzjoni futura tal-assorbimenti permanenti domestiċi fl-EU ETS. Il-Patt għal Industrija Nadifa tal-2025 jorbot l-għanijiet klimatiċi mal-kompetittività industrijali, billi jipprioritizza l-qbid, l-użu u l-ħżin tal-karbonju għal setturi li huma diffiċli biex jitnaqqsu u jindika bidla possibbli fl-EU ETS biex jippremjha l-ħżin permanenti tas-CO<sub>2</sub>.

Minn Diċembru 2024, l-Istati Membri jridu jippreżentaw rapport ta' progress annwali dwar il-ħtiġijiet tal-qbid, it-trasport u l-ħżin tal-karbonju. Dan ir-rapport fih:

- proġetti li għaddejjin ta' qbid, ħżin u trasport tas-CO<sub>2</sub>,
- il-ħtiġijiet korrispondenti għall-kapaċitajiet ta' injezzjoni u ħżin,
- miżuri ta' appoġġ, strateġiji u miri nazzjonali dwar il-qbid tas-CO<sub>2</sub>.



Ir-rapporti annwali tal-Istati Membri kollha huma disponibbli fuq is-[sit web](#) [dwar il-mira tal-ħżin tal-karbonju](#).

L-UE għandha l-għan li toħloq suq tal-UE għas-servizzi ta' ħżin tas-CO<sub>2</sub>. Sabiex jinkiseb dan, l-[Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Zero Netti](#) jistabbilixxi mira ta' kapaċità ta' injezzjoni tas-CO<sub>2</sub> tal-UE ta' mill-inqas 50 miljun tunnellata fis-sena sal-2030 u jobbliga lil 44 produttur taż-żejt u tal-gass tal-UE biex jilħqu din il-mira. Dawn il-produtturi jridu jiżviluppaw il-kapaċità annwali ta' injezzjoni tas-CO<sub>2</sub> fl-UE sal-2030<sup>44</sup>. Mill-2025, il-Kummissjoni Ewropea se tippubblika rapport annwali dwar il-progress lejn l-ilħuq tal-mira.

Sat-30 ta' Ġunju 2025, il-produtturi kellhom jissottomettu pjan dettaljat lill-Kummissjoni li jispjega kif qed iħejju biex jikkontribwixxu għall-mira tal-kapaċità tal-injezzjoni tas-CO<sub>2</sub> tal-UE għall-2030. Dawn il-pjanijiet għandhom jikkonfermaw il-volum tal-kapaċità ġdida ta' ħżin u injezzjoni tas-CO<sub>2</sub> li jimmiraw li jkollhom lesta sal-2030 u jispeċifikaw il-metodi u l-miri intermedji li se jużaw biex jiksibu dan. Mit-30 ta' Ġunju 2026, il-produtturi taż-żejt u tal-gass iridu jirrapportaw kull sena lill-Kummissjoni, filwaqt li jagħtu dettalji dwar il-progress tagħhom lejn il-mira. Il-Kummissjoni se tagħmel dawn ir-rapporti disponibbli għall-pubbliku.

<sup>44</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1479 tat-22 ta' Mejju 2025 li tispeċifika l-kontribuzzjonijiet prorata għall-objettiv tal-kapaċità tal-injezzjoni tas-CO<sub>2</sub> tal-Unjoni sal-2030 mill-entitajiet li għandhom awtorizzazzjoni kif definita fl-Artikolu 1, il-punt 3, tad-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

## 6. Reżiljenza u adattament għat-tibdil fil-klima

### Punti ewlenin

- Il-perikli klimatiċi qed jimminaw il-kompetittività, is-sigurtà u l-prosperità tal-Ewropa. Ir-reżiljenza għall-klima għandha ssir b'mod urġenti parti integrali mill-politiki Ewropej kollha.
- Bħalissa għaddejja ħidma biex jinholq qafas integrat tal-UE għar-reżiljenza klimatika li għandu jiġi propost fl-2026.
- Ir-reżiljenza mid-disinn hija prinċipju ċentrali. Dan ifisser li l-investiment kollu vulnerabbli jew espost għall-impatti klimatiċi jrid ikun iddisinjat biex jiffaċċja u jkun jiflaħ għar-riskji klimatiċi li jistgħu jimmaterjalizzaw matul ħajjithom, mingħajr telf inaċċettabbli tal-valur jew tal-utilità tagħhom.
- L-Istati Membri tal-UE għamlu progress sinifikanti fl-iżvilupp tal-politika ta' reżiljenza u adattament matul l-aħħar sena, għalkemm għadhom ma laħqux il-bidliet trasformattivi meħtieġa.
- Hija meħtieġa aktar attenzjoni sinifikanti għat-tnejn u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet ta' adattament fis-setturi kollha.

L-impatti tat-tibdil fil-klima huma hawnhekk. Il-maltempati, il-mewġiet ta' sħana, in-nixfiet, in-nirien fis-selvaġġ u l-għargħar qed jagħmlu ħsara lid-djar, lit-toroq, lin-natura, lill-finanzi u lill-ekonomija usa' fil-pajjiżi kollha tal-UE. Id-dritt tal-Unjoni jirrikjedi li l-UE u l-Istati Membri tagħha jagħmlu progress fuq:

- **il-bini tal-kapaċità għall-adattament:** l-apprendiment ta' x'għej u l-ippjanar skont dan;
- **it-tiġid tar-reżiljenza:** l-għajnuna lin-nies, lill-postijiet u lis-sistemi biex ikunu jifilħu għat-tfixkil u jirkupraw malajr; u
- **it-tnaqqis tal-vulnerabbiltà:** t-tnaqqis tal-esponiment tal-komunitajiet u tal-assi għall-ħsara klimatika.

Għalkemm sar progress, il-miżuri tal-UE u dawk nazzjonali għadhom ma humiex biżżejjed għal dak li huwa meħtieġ f'dan l-istadju.

### 6.1 Perikli klimatiċi u telf ekonomiku

Fl-2024, l-EEA ppubblikat l-ewwel **Valutazzjoni tar-Riskju Klimatiku fl-Ewropa**. Din il-valutazzjoni żvelat li 34 mis-36 riskju klimatiku ewlenin f'ħames raggruppamenti ta' riskju (l-ekosistemi, is-saħħa, l-infrastruttura, l-ikel u l-ekonomija u l-finanzi) jistgħu jilħqu livelli kritiċi jew saħansitra katastrofiċi matul dan is-seklu f'xenarji ta' tiġid għoli. Ir-riżultati tar-[rapport dwar l-Istat tal-Klima fl-Ewropa tal-2024](#)<sup>45</sup> sabu wkoll li dawk ir-riskji qed jheddu l-ħajjiet, l-għajxien u l-benesseri ta' ħafna Ewropej.

<sup>45</sup> Sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor, id-data kollha f'din it-taqsimha hija bbażata fuq dan ir-rapport.

Mis-snin tmenin (1980s) 'il hawn, l-**Ewropa bdiet tisħon darbtejn aktar malajr mill-medja globali**, u b'hekk saret il-kontinent li qed jisħon bl-aktar rata mgħaġġla. L-2024 kienet l-aktar sena sħuna rreġistrata fl-Ewropa, kif traċċata fis-settijiet tad-data kollha, b'temperaturi annwali għoljin rekord fi kważi nofs (madwar 48 %) tal-kontinent. It-temperatura medja annwali ta' wiċċ il-baħar u l-lagi għall-Ewropa fl-2024 laħqet ukoll l-ogħla livell irreġistrat, ftit ogħla mir-rekord preċedenti stabbilit fl-2023. Il-glaċieri fl-Iskandinavja esperjenzaw l-ogħla telf ta' massa rreġistrat tagħhom u l-akbar globalment.

**Fl-Ewropa, is-sħana estrema tikkawża madwar 95 % tal-imwiet kollha relatati mal-klima** <sup>46</sup>. Matul dawn l-aħħar 20 sena, l-imwiet ikkawżati mis-sħana żdiedu b'madwar 30 %, fejn laqtu l-aġħar lin-nies li jgħixu fi bliet densi minħabba l-effett "gżira ta' sħana urbana" <sup>47</sup>.

**Fl-2024, in-nirien fis-selvaġġ ħarqu aktar minn 400 000 ettaru (4 000 km<sup>2</sup>)** f'21 minn 27 pajjiż tal-UE u affettwaw 42 000 persuna. Dan huwa kemxejn ogħla mill-medja matul il-perjodu 2006-2023, iżda inqas minn matul it-3 snin preċedenti <sup>48</sup>. Madankollu, in-nirien fis-selvaġġ serji seħħew kmieni fl-istaġun prinċipali, f'Lulju, f'diversi gżejjer Griegi u f'Madeira, il-Portugall. F'gimġha waħda biss, in-nirien fis-selvaġġ fil-Portugall ħarqu aktar minn 100 000 ettaru ta' art, madwar 32 % tas-superfiċe maħruq kollu fl-Ewropa <sup>49</sup>. Fil-Bulgarija, it-total taż-żona maħruqa rreġistrata kien l-ogħla għal aktar minn deċennju, b'256 nar li ħarqu 45 000 ettaru ta' art. Sal-aħħar ta' Awwissu 2025, kważi miljun ettaru kienu nħarqu mill-bidu tas-sena, aktar minn tliet darbiet ir-rata medja ta' 293 000 ettaru matul il-perjodu 2006-2024 <sup>50</sup>.

Flimkien ma' temperaturi aktar sħan mill-medja, in-**nuqqas fit-tul ta' xita** fil-biċċa l-kbira tal-Ewropa tax-Xlokk affettwa l-flussi tax-xmajjar u ħalla impatt fuq **l-agrikoltura, l-ekosistemi u l-produzzjoni tal-enerġija**. Bħala eżempju, l-informazzjoni minn diversi sorsi turi li, fi Sqallija, il-ġibjuni kienu taħt il-livelli ta' twissija fil-bidu ta' Lulju 2024, b'volumi 45 % inqas mis-sena ta' qabel <sup>51</sup>. Ħafna muniċipalitajiet ħarġu regolamenti dwar l-iffrankar tal-ilma minħabba li n-nixfa kkawżat telf għall-produzzjoni agrikola. Dan affettwa severament l-għelejjel tal-frott taċ-ċitru, tal-qamħ u tal-vinji, b'danni ekonomiċi stmati għal EUR 2,7 biljun <sup>52</sup>.

Fl-2024, filwaqt li x-Xlokk tal-Ewropa esperjenza l-aktar kundizzjonijiet nexfin severi u kellu l-aktar sajf niexef għal 12-il sena, Settembru ra l-aktar kundizzjonijiet imxarrbin fl-Ewropa ċentrali mill-1979, minħabba **preċipitazzjoni estrema** mill-Maltempata Boris li

---

<sup>46</sup> [It-telf ekonomiku minn avvenimenti estremi relatati mat-temp u mal-klima fl-Ewropa | Il-paġna prinċipali tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent](#)

<sup>47</sup> [It-temp estrem u s-saħħa tal-bniedem | Copernicus](#)

<sup>48</sup> Dan in-numru jirrappreżenta madwar 80 % tal-ammont irreġistrat fl-2023 u nofs biss it-total tal-2022. [Advance report on forest fires in Europe, Middle East and North Africa 2024 - l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-UE](#) (p. 10)

<sup>49</sup> [Wildfires | Copernicus](#)

<sup>50</sup> [EFFIS - Statistics Portal](#)

<sup>51</sup> [Persistent droughts: critical water shortages and crops threatened - il-Kummissjoni Ewropea](#)

<sup>52</sup> [Persistent droughts: critical water shortages and crops threatened - il-Kummissjoni Ewropea](#)

għamlet fuq tmien Stati Membri. L-għargħar sever mifrux li rriżulta affettwa madwar 413 000 persuna fl-2024, u rriżulta fit-telf ta' 335 ħajja jew aktar.

**Il-ħsara mill-maltempati u mill-għargħar madwar l-Ewropa fl-2024 hija stmata li swiet mill-inqas EUR 18-il biljun** u t-telf assigurat minħabba l-għargħar fl-2024 kien it-tieni l-ogħla li qatt sar <sup>53</sup>. **Mid-diżastri naturali kollha li laqtu lill-Ewropa fl-2024, l-aktar tlieta li ġabu magħhom spejjeż kienu kkawżati minn għargħar.** Ikklassifikat skont it-telf globali, l-għargħar għal għarrieda ta' Spanja kkawża EUR 10 biljun f'telf, b'inqas minn nofs l-assi assigurati. L-għargħar għal għarrieda fil-Ġermanja, fil-Polonja, fl-Italja, fl-Awstrija u fiċ-Ċekja kkawża telf globali ta' EUR 5 biljun, b'2 biljuni biss assigurati. L-għargħar ikkawżat mill-Maltempata Boris fiċ-Ċekja, fl-Awstrija, fil-Polonja, fl-Italja, fis-Slovakkja, fir-Rumanija u fl-Ungerija kkawża telf ta' EUR 4 biljun, li nofshom kienu assigurati <sup>54</sup>. It-tibdil fil-klima kien il-kawża ta' aktar minn terz tat-telf kollu tal-**assigurazzjoni relatat mat-temp** matul l-aħħar 20 sena <sup>55</sup>. Fl-2023, madwar kwart biss tat-telf ekonomiku fl-UE kien assigurat u s-sehem kien inqas minn 5 % f'xi pajjiżi tal-UE <sup>56</sup>.

Iż-żieda fil-frekwenza u l-intensità ta' ħafna minn dawn l-avvenimenti estremi tat-temp toħloq ukoll riskji akbar għall-**ambjent mibni u l-infrastruttura** fl-Ewropa, u għas-servizzi li jipprovdu. [Studju](#) tal-Kummissjoni juri li t-tibdil fil-klima se jaċċellera l-korrużjoni f'bini tal-konkrit rinforzat aktar antik, b'kostijiet tat-tiswija pproġettati għal EUR 76 biljun sa EUR 883 biljun sal-2100.

Mewġiet tas-sħana estremi u nirien, xita qawwija u għargħar, borra qawwija u maltempati bir-ragħad jittestjaw severament ir-reżiljenza tas-**sistema tat-trasport**, filwaqt li jħallu impatt fuq il-funzjonalità operazzjonali u ekonomika u li jirriżultaw f'aċċidenti, inċidenti u dewmien jew kanċellazzjoni tas-servizz tat-trasport bil-ferrovija<sup>57</sup>. Il-mewġiet tas-sħana tal-baħar għandhom ukoll konsegwenzi soċjoekonomiċi sinifikanti, b'mod partikolari għal industriji bħas-**sajd, l-akkwakultura u t-turiżmu**. It-tibdil fil-klima qed ikollu impatt ukoll fuq gruppi speċifiċi ta' nies u **kulturi** fl-Ewropa. Pereżempju, fit-Tramuntana tal-Ewropa, it-tibdil fil-klima qed ikollu impatti profondi fuq l-għajxien tal-[poplu Saami](#), u qed ikun ta' theddida għall-kultura u l-benesseri tal-komunitajiet indiġeni fl-Ewropa.

Il-firxa tat-telf ekonomiku futur se **tiddependi kemm fuq l-azzjoni meħuda biex jittaffew l-impatti klimatiċi, biex jiġu implimentati azzjonijiet ta' adattament għat-tibdil fil-klima, kif ukoll biex tiżdied ir-reżiljenza tal-assi esposti**. Fix-xenarji kollha, it-telf annwali tal-UE jista' jilħaq 2,2 % tal-PDG sal-2070, u kwart tar-reġjuni tal-UE jistgħu

---

<sup>53</sup> [Hurricanes, severe thunderstorms and floods drive insured losses above USD 100 billion for 5th consecutive year, says Swiss Re Institute | Swiss Re](#)

<sup>54</sup> [Munich Reinsurance Company 2024 Factsheet](#)

<sup>55</sup> [Climate change accounts for over a third of insured weather losses this century and rising - Insure Our Future Global](#)

<sup>56</sup> [Dokument konġunt tal-EIOPA u tal-BĊE: Towards a European system for natural catastrophe risk management - EIOPA](#)

<sup>57</sup> [2024 Rail Environmental Report | L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji](#) (p. 76)

jesperjenzaw telf tal-PDG ta' aktar minn 5 %<sup>58</sup>. Jekk it-tisħin globali jibqa' b'mod aktar permanenti ogħla mil-limitu ta' 1,5 grad stabbilit skont il-Ftehim ta' Pariġi, it-telf addizzjonali kumulattiv fil-PDG għall-UE jista' jammonta għal EUR 2,4 triljun mill-2031 sal-2050<sup>59</sup>.

Dan l-aħħar, il-Kummissjoni Ewropea wettqet studju dwar it-telf fil-produttività tax-xogħol ikkawżat minn żieda fl-istress termiku fir-reġjuni tal-UE. L-istudju juri li l-**istress termiku** mit-tibdil fil-klima se jnaqqas il-produttività tax-xogħol u l-PDG madwar l-Ewropa, bir-reġjuni tan-Nofsinhar u tax-Xlokk ikunu l-aktar affettwati. Sal-2050, it-telf fil-produttività jista' jilħaq madwar 0,9 %, u t-telf fil-PDG sa 0,7 % fir-reġjuni l-aktar affettwati, meta mqabbla ma' futur mingħajr impatti mill-istress termiku. Dan it-telf huwa pproġettat li jiggrava sal-2080, b'telf fil-produttività li jilħaq 2,5 % u telf fil-PDG li jaqbeż 1,5 %. Jekk ma titteħidx azzjoni ta' adattament u jispiċċaw jimmaterjalizzaw l-aġħar xenarji klimatiċi, it-telf fil-produttività tax-xogħol jista' jaqbeż 6 % fi ftit reġjuni, u t-telf fil-PDG jista' jaqbeż 4 %.

## 6.2 Azzjoni tal-UE biex tingħata spinta lir-reżiljenza għall-klima

Minħabba l-firxa wiesgħa ta' perikli klimatiċi, huwa essenzjali li tingħata spinta lir-reżiljenza għall-klima fl-ekonomija, is-soċjetà u l-infrastruttura tagħna biex jinżammu l-funzjonijiet ewlenin tas-soċjetà u jiġi żgurat il-benesseri tan-nies. Ir-reżiljenza għall-klima u l-ġestjoni tar-riskju huma vitali għal UE kompetittiva, sigura u prospera.

**L-istrateġija għal Unjoni tal-Preparatezza** għandha l-għan li ttejjeb it-tnejjija u l-prontezza ċivili u militari tal-UE għal kriżijiet futuri sabiex kulħadd ikun lest u kapaċi jirrispondi malajr u b'mod effettiv, jekk ikun meħtieġ. L-istrateġija se tgħin fl-azzjoni ta' tnejjija nazzjonali billi żżid il-koordinazzjoni u l-effiċjenza taħt l-istrateġiji eżistenti u billi trawwem kultura ta' reżiljenza għat-tipi kollha ta' kriżijiet futuri.

L-istrateġija tirrikonoxxi li r-riskji klimatiċi huma parti mix-xenarju ewlieni tal-kriżijiet. Hija tenfasizza l-importanza tal-antiċipazzjoni u l-prevenzjoni, u l-ħtieġa li jiġu indirizzati r-riskji u t-theddid b'mod komprensiv, filwaqt li jitqies kif dawn jinteraġixxu u jipproduċu effetti kaskata. B'dan l-għan ewlieni, l-istrateġija timpenja ruħha li tiżviluppa valutazzjoni komprensiva tar-riskju u tat-theddid transsettorjali fil-livell tal-UE. L-istrateġija għandha wkoll l-għan espliċitu li tinkorpora **“r-reżiljenza għall-klima mid-disinn”** u **“l-preparatezza mit-tfassil” fil-politiki u l-azzjonijiet kollha tal-UE**. Bl-użu ta' xenarji ta' referenza komuni għall-klima, dan jiżgura verifika aħjar tal-politiki tar-reżistenza klimatika sabiex jiġu evitati kriżijiet futuri u tissaħħaħ il-ġestjoni proattiva tar-riskju tal-klima, tal-ambjent u tal-ilma madwar l-UE.

Fl-2024, l-enfasi kienet fuq it-tnedija ta' ħidma fuq **qafas integrat għar-reżiljenza għall-klima**, inkluża sejħa pubblika għall-evidenza. L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent mexxiet it-tnejjija tat-tieni Valutazzjoni tar-Riskju Klimatiku fl-Ewropa. Il-qafas integrat se

<sup>58</sup> Grupp tal-Bank Dinji, 2024. Climate Adaptation Costing in a Changing World. Economics for Disaster Prevention and Preparedness

<sup>59</sup> KE. 2024. Il-mira klimatika tal-Ewropa għall-2040 u l-perkors għan-newtralità klimatika sal-2050 aħna u nibnu soċjetà sostenibbli, prospera u ġusta

jfitteż li jiżgura li l-investimenti kollha vulnerabbli għall-impatti tat-tibdil fil-klima jiffaslu biex jindirizzaw ir-riskji klimatiċi li jistgħu jimmaterjalizzaw matul ħajjithom (“reżiljenza mid-disinn”).

Allinjata bis-siġħ mal-politiki ta’ hawn fuq, il-**Boxxla għall-Kompetittività** titlob lill-UE u lill-Istati Membri jaġġornaw regolarment il-valutazzjonijiet tar-riskju klimatiku u jtejbu l-infrastruttura kritika abbażi tal-prinċipju tar-reżiljenza mid-disinn. Il-Boxxla għall-Kompetittività tistabbilixxi l-għażliet biex jiġi evitat li l-ktajjen tal-provvista u s-siti tal-produzzjoni jiġu kompromessi minn avvenimenti perikolużi, inkluża azzjoni biex ir-reżiljenza għall-klima tiġi integrata fl-ippjanar urban, jiġu skjerati soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura, u jiġu żviluppjati krediti tan-natura u adattament fl-agrikoltura, filwaqt li tiġi ppreservata s-sigurtà alimentari.

**Il-Viżjoni għall-Agricoltura u l-Ikel tal-UE** turi l-impatti ta’ avvenimenti estremi tat-temp u x-xejriet tal-preċipitazzjoni li qed jinbidlu għall-bdiewa. Sabiex jitnaqqsu l-vulnerabbiltà u l-esponiment tagħhom għar-riskji, se jiżdiedu l-inċentivi biex jiġi ffinanzjat l-adattament fil-livell tal-azjendi agrikoli u għall-kondiviżjoni tar-riskju permezz ta’ organizzazzjonijiet tal-produtturi jew kooperattivi. Taħt l-istrateġija, il-politika agrikola komuni futura se tipprovdi miżuri u investimenti aktar immirati li jagħmlu s-settur agrikolu aktar reżiljenti għall-kundizzjonijiet li qed jinbidlu. Se jkunu meħtieġa bidliet trasformattivi aktar ambizzjużi f’postijiet fejn il-produzzjoni kurrenti ma tkunx sostenibbli fuq perjodu ta’ żmien itwal, li jinvolvu, pereżempju, strateġiji lokali ġodda, riċerka u innovazzjoni.

Kif enfasizzat fl-**istrateġija tar-reżiljenza tal-ilma**, aspekt importanti ieħor tat-tiġħ tar-reżiljenza tal-UE huwa l-appoġġ għall-awtoritajiet pubbliċi, għan-negozji u għall-pubbliku fit-tnejn għal riskji klimatiċi futuri. Dan jista’ jinkludi appoġġ għall-użu ta’ għodod diġitali għas-sistemi ta’ twissija bikrija u monitoraġġ f’ħin reali tal-UE. L-istrateġija titlob azzjoni biex in-nies u l-komunitajiet jingħataw is-setgħa li jadattaw u jiproteġu lilhom infushom mir-riskji. L-ewwel pass lejn il-bini tar-reżiljenza tas-soċjetà huwa li jiġi żgurat li tkun disponibbli b’mod wiesa’ informazzjoni dwar ir-riskji speċifiċi li jiffaċċjaw in-nies, in-negozji, l-art u l-infrastruttura. Għalkemm diġà jista’ jkun hemm ħafna għodod biex il-popolazzjoni tiġi protetta minn diżastri relatati mal-klima jew biex jittaffa l-impatt, dawn mhux dejjem ikunu magħrufa jew użati biżżejjed. Għalhekk, l-UE u l-Istati Membri jridu jsaħħu r-rabtiet bejn l-għodod eżistenti għall-ġestjoni tar-riskju fil-livell Ewropew (bħall-għodod ta’ twissija bikrija tas-Servizz ta’ Ġestjoni ta’ Emerġenzi ta’ Copernicus) u l-għodod disponibbli fil-livelli lokali u nazzjonali.

L-inkorporazzjoni tar-riskji relatati mal-klima fil-politika fiskali hija wkoll essenzjali għat-tiġħ tar-reżiljenza. Hekk kif il-kostijiet ekonomiċi u fiskali tat-tibdil fil-klima qed jiżdiedu u l-isforzi ta’ tranżizzjoni qed jaċċelleraw, qed isir essenzjali li jiġu vvalutati l-impatti makro-fiskali tat-tibdil fil-klima u jiġu integrati fl-oqfsa baġitarji nazzjonali. Fl-2024 sar progress sinifikanti b’emendi għad-**Direttiva dwar ir-rekwiżiti għall-oqfsa baġitarji tal-Istati Membri**, adottata bħala parti mill-Qafas ta’ Governanza Ekonomika rivedut tal-UE. Mill-2026, l-Istati Membri kollha tal-UE huma meħtieġa jivvalutaw u jirrapportaw fid-dokumenti tal-baġit tagħhom, sa fejn ikun possibbli, dwar kif ir-riskji

makrofiskali mit-tibdil fil-klima jistgħu jaffettwaw is-sostenibbiltà fuq perjodu ta' żmien medju u twil tal-finanzi pubbliċi, dwar obbligazzjonijiet kontinġenti relatati mad-diżastri u mal-klima u dwar il-kostijiet fiskali mgħarrba minħabba diżastri u xokkijiet relatati mal-klima. Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom l-għan li jsaħħu l-fehim u l-ġestjoni tal-impatti fiskali relatati mal-klima, irawmu prattiki ta' bbaġitjar aktar proattivi u konxji mir-riskji, u jappoġġaw deċiżjonijiet ta' politika u investiment ibbażati fuq l-evidenza.

### 6.3 Progress fl-Istati Membri dwar il-politiki u l-leġiżlazzjoni dwar ir-reżiljenza u l-adattament għat-tibdil fil-klima

**Ix-xenarju u l-oqfsa ġenerali tal-politika dwar ir-reżiljenza u l-adattament għat-tibdil fil-klima huma stabbiliti sew madwar l-Ewropa** <sup>60</sup>. L-Istati Membri jużaw firxa ta' politiki biex jindirizzaw ir-riskji klimatiċi u għandhom l-għan li jagħtu spinta lill-azzjoni ta' reżiljenza u adattament għat-tibdil fil-klima, bħal:

- liġijiet iddedikati dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima;
- liġijiet nazzjonali dwar il-klima u atti leġiżlattivi oħrajn b'regoli ta' adattament;
- strateġiji u pjanijiet ta' adattament nazzjonali; u
- pjanijiet ta' adattament speċifiċi għas-settur u reġjonali.

Il-Ġermanja adottat **liġi speċifika u awtonoma dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima**, u l-Litwanja bħalissa qed tfejji waħda. Għadd dejjem jikber ta' pajjiżi qegħdin idaħħlu **regoli ta' adattament** fil-liġijiet nazzjonali tagħhom dwar il-klima biex jagħtu forza legali akbar lill-azzjoni ta' adattament. 13-il Stat Membru jagħtu forza legali sħiħa lill-adattament b'dan il-mod.

L-ippjanar nazzjonali tal-adattament u l-valutazzjonijiet aġġornati tar-riskju klimatiku huma prerekwiżit għall-implimentazzjoni tal-politika. Id-dritt tal-Unjoni jirrikjedi li l-Istati Membri jadottaw u jimplimentaw strateġiji u pjanijiet nazzjonali ta' adattament. Sar progress f'dan il-qasam. **Fl-2025, il-pajjiżi kollha tal-UE għandhom strateġija jew pjan ta' adattament fis-seħħ** (ara l-Illustrazzjoni 22). Bejn l-2023 u l-2025, 11-il Stat Membru adottaw jew aġġornaw l-istrateġija jew il-pjan tagħhom.

Il-pajjiżi tal-UE qed jagħmlu progress fl-iżvilupp tal-**valutazzjonijiet nazzjonali tagħhom tar-riskju klimatiku**. Huma qed jieħdu azzjoni biex jiġġeneraw u jaġġornaw l-għarfien dwar il-perikli relatati mal-klima, il-vulnerabbiltajiet, l-impatti u r-riskji, filwaqt li jsaħħu l-isforzi għat-tfassil ta' politika dwar l-adattament abbażi tal-evidenza. Kważi l-Istati Membri kollha jindirizzaw ir-riskji klimatiċi f'xi forma, li jvarjaw minn analiżijiet tematiċi jew speċifiċi għas-settur għal valutazzjonijiet komprensivi tar-riskju klimatiku b'ħafna riskji u multisettorjali.

Sitt Stati Membri rrapportaw li lestew il-valutazzjoni nazzjonali ġdida jew aġġornata tar-riskju klimatiku tagħhom mill-2023 sal-2025. L-għadd ta' Stati Membri b'valutazzjoni komprensiva u nazzjonali disponibbli żdied għal 21. 13-il Stat Membru jirrapportaw

---

<sup>60</sup> [From adaptation to action: insights into progress and challenges across Europe](#). EEA 2025.

valutazzjonijiet nazzjonali u komprensivi ġodda kif ippjanati jew li jinsabu għaddejjin bħalissa.

Mill-inqas terz tal-Istati Membri lestew **valutazzjonijiet tematiċi jew settorjali ġodda tar-riskju klimatiku. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri għandhom mill-inqas xi forma ta' valutazzjoni settorjali jew tematika tar-riskju klimatiku jew tal-vulnerabbiltà klimatika disponibbli.**

Anki jekk il-livell ta' tħejjija għall-politika tal-Istati Membri żdied b'mod kostanti fil-livell nazzjonali, **huma meħtieġa oqfsa ta' politika u monitoraġġ, rapportar u evalwazzjoni aktar koerenti** fil-livelli kollha. Bħalissa, ma hemm l-ebda data koerenti disponibbli dwar l-implimentazzjoni tal-politiki ta' adattament fl-Istati Membri kollha, iżda [evalwazzjonijiet](#) reċenti juru li l-implimentazzjoni u l-metodi għall-evalwazzjoni tal-effiċjenza u l-effettività tal-adattament għadhom lura. Huwa kruċjali li **l-adattament jiġi integrat fil-politika settorjali**. Minkejja x-xejra dejjem tikber ta' politiki ta' adattament settorjali u tematiċi fil-livell nazzjonali, hija meħtieġa aktar azzjoni dwar il-politiki settorjali, eż. fis-settur tas-saħħa.


Il-gvernijiet nazzjonali, reġjonali u lokali qed jinkorporaw dejjem aktar il-ġustizzja fit-fassil tal-politika u l-ippjanar tagħhom dwar l-adattament. Bl-istess mod, fil-livell reġjonali u lokali, il-ġustizzja tqieset dejjem aktar fl-ippjanar tal-adattament urban. B'ħafna eżempji madwar l-Ewropa, qed jintużaw proċessi parteċipattivi biex jinformat il-politika. Madankollu, l-inklużjoni ta' gruppi vulnerabbli u l-ġustizzja għadhom jeħtieġu attenzjoni (ara l-Kapitolu 11 tad-dokument ta' ħidma tal-persunal ta' akkumpanjament għal aktar dettalji).

L-iżvilupp deskritt hawn fuq huwa allinjat mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni u mat-tweġibiet mogħtija lilhom mill-Istati Membri. Fil-valutazzjoni tagħha, f'Settembru 2023, il-Kummissjoni sabet li l-miżuri tal-Istati Membri spiss kienu jeħtieġu titjib biex isiru aktar konsistenti mal-oġettivi tal-UE u tal-ftehimiet internazzjonali biex jiġi żgurat progress kontinwu fit-titjib tal-kapaċità adattiva, fit-tisħiħ tar-reżiljenza u fit-tnaqqis tal-vulnerabbiltà għat-tibdil fil-klima. Wara l-[valutazzjoni](#), il-Kummissjoni ħarġet rakkomandazzjonijiet imfassla apposta għal 26 Stat Membru, li jindirizzaw firxa wiesgħa ta' aspetti fiċ-ċiklu ta' politika (ara l-Kapitolu 11 tad-dokument ta' ħidma tal-persunal ta' akkumpanjament għal aktar dettalji).



Tista' ssib aktar informazzjoni dwar ir-reżiljenza u l-adattament għat-tibdil fil-klima, inklużi profili tal-pajjiżi, studji ta' każijiet, gwida, data u pubblikazzjonijiet fuq il-[portal ta' Climate-ADAPT](#).

Illustrazzjoni 22: Strateġiji u pjanijiet ta' adattament u liġijiet dwar il-klima b'regoli dwar dispożizzjonijiet ta' adattament fl-UE



Didaskalija: ● Strateġija ta' adattament nazzjonali ● Pjan ta' adattament nazzjonali ● Liġi nazzjonali jew federali dwar il-klima b'regoli ta' adattament

## 6.4 Azzjoni reġjonali u lokali <sup>61</sup>

Madwar l-UE, ir-reġjuni u l-bliet qed iżidu l-ħidma ta' reżiljenza u adattament għat-tibdil fil-klima. Dawn qed jagħmlu progress fuq żewġ binarji:

- **Rekwiżiti legali.** Għadd dejjem akbar ta' Stati Membri issa jobbligaw lill-awtoritajiet reġjonali u lokali biex iħejju u jimplimentaw pjanijiet ta' adattament għat-tibdil fil-klima. Il-pajjiżi li għandhom dawn ir-rekwiżiti legali spiss ikollhom strateġiji fis-seħħ jew qed jintegraw ir-reżiljenza u l-adattament fi programmi, politiki u regolamenti settorjali u qed iniedu miżuri permezz ta' koordinazzjoni f'diversi livelli.

<sup>61</sup> Valutazzjoni preliminari tas-sett ta' data / adattament subnazzjonali tar-Regolament dwar il-Governanza tal-2025

- **Azzjoni volontarja.** F'pajjiżi mingħajr rekwiżiti legali, ir-reġjuni u l-bliet qed jieħdu dejjem aktar azzjoni volontarja, ħafna drabi skont pjanijiet ta' adattament nazzjonali jew programmi transfruntieri tal-UE. Il-gvernijiet ta' spiss jappoġġaw dan b'inċentivi, gwida u inizjattivi konġunti.

In-networks istituzzjonalizzati f'diversi livelli qed isiru aktar komuni, u qed jappoġġaw lill-korpi lokali, reġjonali u nazzjonali fil-kondiviżjoni tal-għarfien u fl-allinjament tal-politiki. Il-fondi tal-UE qed jgħinu lir-reġjuni u lill-muniċipalitajiet jiffinanzjaw proġetti ta' reżiljenza u adattament għat-tibdil fil-klima. (Għal aktar informazzjoni, ara l-[Kapitolu 7](#)).

**L-inizjattiva tal-Patt tas-Sindki**, maħluqa fl-2008 u appoġġata mill-Kummissjoni Ewropea, tlaqqa' flimkien eluf ta' gvernijiet lokali li jfittxu li jggarantixxu futur aħjar għaċ-ċittadini tagħhom. Billi jissieħbu fl-inizjattiva, il-gvernijiet lokali jimpenjaw ruħhom volontarjament li jimplimentaw l-oġettivi tal-UE dwar il-klima u l-enerġija. L-inizjattiva hija faċilitatur ewlieni tal-ippjanar tal-adattament lokali madwar l-Ewropa billi tipprovdi għodod, networks u appoġġ bejn il-pari. Aktar minn 10 000 gvern lokali impenjaw ruħhom li jieħdu azzjoni taħt it-tliet pilastri tal-patt, inklużi t-tiżiħ tar-reżiljenza u t-tnaqqis tal-faqar enerġetiku.

## 7. Investimenti fl-azzjoni klimatika

### Punti ewlenin

- Li tinvesti issa jfisser li tiffranka għada. Bejn l-1980 u l-2023, l-avvenimenti estremi relatati mal-klima kkawżaw telf ekonomiku ta' EUR 738 biljun fl-UE, b'EUR 162 biljun fis-snin 2021–2023 biss. L-aċċellerazzjoni tal-investment ekoloġiku tnaqqas il-kostijiet futuri, toħloq l-impjiegi u ssaħħaħ ir-reżiljenza u s-sigurtà tal-enerġija tal-Ewropa.
- Huma meħtieġa investimenti sinifikanti biex jintlaħqu l-miri tal-UE dwar il-klima u l-enerġija. L-investment annwali fis-sistema tal-enerġija tal-UE jrid jiżdied b'aktar mid-doppju għal madwar EUR 565 biljun fis-sena fil-perjodu 2021–2030 meta mqabbel mal-perjodu 2011–2020.
- Il-kapital privat huwa essenzjali għat-tranżizzjoni. Il-Qafas ta' Finanzjament Sostenibbli tal-UE qed jimmobilizza investment privat sinifikanti għal attivitajiet sostenibbli, bil-ħruġ ta' bonds ekoloġiċi fl-UE jilħaq rekord ta' EUR 314 biljun fl-2024.
- Il-baġit tal-UE jintegra l-azzjoni klimatika fil-programmi kollha. Madwar EUR 662 biljun (34 % tal-baġit tal-2021–2027) huma allokatu għall-oġettivi klimatiċi permezz ta' programmi bħall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, il-politika ta' koeżjoni, InvestEU u Orizzont Ewropa.

### 7.1 Ftigijiet ta' investment

Bejn l-1980 u l-2023, l-avvenimenti estremi relatati mal-klima kkawżaw madwar EUR 738 biljun f'telf ekonomiku madwar l-UE. Huwa notevoli li bejn l-2021 u l-2023 biss kien hemm EUR 162 biljun (22 % tat-telf kollu)<sup>62</sup>. Dawn il-kostijiet dejjem jiżdiedu juru l-urġenza u l-importanza li tittieħed azzjoni biex jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima, biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u biex isiru l-preparamenti għal impatti klimatiċi dejjem akbar. Minbarra li tnaqqas l-impatti klimatiċi, l-azzjoni klimatika għib benefiċċji ekonomiċi u soċjali usa'. Dawn il-benefiċċji jinkludu arja aktar nadifa, saħħa pubblika aħjar u kostijiet aktar baxxi tal-kura tas-saħħa. Dan huwa wkoll investment fl-indipendenza strateġika tal-UE – mhux biss jiffranka l-flus, iżda jnaqqas ukoll id-dipendenza tal-UE fuq l-enerġija importata u l-esponiment għax-xokkijiet. Billi taqleb għall-enerġija rinnovabbli, l-UE tista' tnaqqas il-kost li jintefaq fuq l-importazzjoni tal-fjuwils fossili bi EUR 2,8 triljun bejn l-2031 u l-2050, meta mqabbel mal-medja tal-perjodu 2011-2020<sup>63</sup>.

<sup>62</sup> L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (2024). It-telf ekonomiku minn avvenimenti estremi relatati mat-temp u mal-klima fl-Ewropa.

<sup>63</sup> Valutazzjoni tal-impatt fil-mira għall-2040 ([SWD\(2024\) 63 final](#))

## Ħtiġijiet futuri

Huwa importanti li ninvestu kemm f'azzjoni biex jittaffew l-emissjonijiet ta' gassijiet serra kif ukoll fil-bini tar-reżiljenza tagħna biex niġġestixxu l-impatti klimatiċi li qed jikbru.

Sabiex jiġi limitat it-tibdil fil-klima u jintlaħqu l-miri tal-UE dwar il-klima u l-enerġija għall-2030, l-investiment fis-sistema tal-enerġija tal-UE jrid jiżdied b'mod sinifikanti biex jilħaq madwar EUR 565 biljun fis-sena bejn l-2021 u l-2030, żieda mill-EUR 250 biljun investiti fis-sena fid-deċennju preċedenti<sup>64</sup>. Dan ma jinkludix investimenti għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport.

Il-qalba lil hinn mill-fjuwils fossili u l-issodisfar tad-domanda dejjem tikber għall-elettriku se jeħtieġu investimenti kbar f'sistemi tal-elettriku b'emissjonijiet baxxi msafha u modernizzati. L-investiment fil-ġenerazzjoni tal-enerġija ġdida, prinċipalment mir-riħ u mix-xemx, u l-aġġornament tal-impjanti tal-enerġija eżistenti se jkollhom bżonn jiżdiedu b'aktar mid-doppju, minn madwar EUR 45 biljun għal EUR 90 biljun fis-sena.

L-akbar żieda meħtieġa min-naħa tal-provvista hija fil-grilji elettriċi. L-investiment fl-infrastruttura tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni jrid jittrippla biex tiġi żgurata konsenja affidabbli u effiċjenti tal-elettriku.

Min-naħa tad-domanda, l-investimenti jridu wkoll jiżdiedu b'aktar mid-doppju. Is-settur residenzjali għandu l-ogħla ħtiġijiet assoluti, bi ħtiġijiet stmati ta' EUR 215-il biljun fis-sena għar-rinnovazzjoni tal-bini u s-sostituzzjoni tas-sistemi u l-apparati tat-tisħin. Dan huwa kważi d-doppju tal-investiment medju li sar fis-sinjuri 2011-2020.

L-aktar żieda relattiva qawwija hija meħtieġa fl-industrija. Għalkemm il-ħtiġijiet annwali huma aktar baxxi f'termini assoluti, stmati għal madwar EUR 40 biljun, dawn jirrappreżentaw żieda b'sitt darbiet meta mqabbla mad-deċennju preċedenti. L-investimenti huma meħtieġa b'mod speċjali biex jiġu mmodernizzati u dekarbonizzati setturi intensivi fl-enerġija bħall-azzar, is-siment u s-sustanzi kimiċi.

L-istima tad-diskrepanza fl-investiment fl-adattament għat-tibdil fil-klima teħtieġ aktar xogħol. Bħalissa, ħafna investimenti jassumu li l-kundizzjonijiet klimatiċi storiċi se jkomplu fil-futur. Huwa meħtieġ approċċ li jikkunsidra kif suppost l-iżviluppi klimatiċi futuri mistennija għall-investimenti kollha esposti għal riskji fiżiċi (il-prinċipju tar-reżiljenza għall-klima mid-disinn, kif spjegat fit-[Taqsimha 6.2](#)).

**Tabella 3: Ħtiġijiet medji ta' investiment annwali fis-sistema tal-enerġija (EUR 2023 biljun)**

Settur	2011-2020	2021-30
In-naħa tal-provvista tal-enerġija	80	200
Grilja elettrika	20	60


<sup>64</sup> In-numri kollha huma bbażati fuq valutazzjoni tal-impatt fil-mira għall-2040 ([SWD\(2024\) 63 final](#)) u valutazzjoni tal-impatt tal-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti ([SWD\(2023\) 68 final](#)).

Impjanti tal-enerġija	45	90
Oħra	20	45
In-naħa tad-domanda għall-enerġija	170	365
Settur industrijali	5	40
Residenzjali	115	215
Servizzi	30	80
Agrikoltura	15	30
<b>Total</b>	<b>250</b>	<b>565</b>

## Progress li sar

**Xejriet reċenti juru sinjali inkoraġġanti li l-investiment fit-tranżizzjoni tal-klima u l-enerġija qed jiżdied.** Il-kapaċità installata totali tal-ġenerazzjoni tal-enerġija mir-riħ u mix-xemx żdiedet bi kważi ħames darbiet bejn l-2010 u l-2024 u b'70 % bejn l-2020 u l-2024. Il-kost tal-pannelli solari li qed jonqos b'mod rapidu wassal għal żieda annwali fil-kapaċità installata ta' aktar minn 20 % fl-2022-2024, u żieda annwali ta' 15 % fl-enerġija mir-riħ matul l-istess perjodu. Fl-2024, il-kapaċità installata kkombinata tal-ġenerazzjoni tal-enerġija mir-riħ u mix-xemx kienet tammonta għal 535 gigawatt, madwar 47 % tal-kapaċità installata totali.


**Illustrazzjoni 23: Kapaċità tal-ġenerazzjoni tal-enerġija mir-riħ u mix-xemx**



Sors: Eurostat (Aġenzija Internazzjonali għall-Enerġija Rinnovabbli (IRENA, International Renewable Energy Agency) għall-2024)


Ir-reġistrazzjonijiet ġodda ta' **karożżi elettriċi bil-batterija u ibridi plug-in** żdiedu wkoll **b'mod sinifikanti f'dawn l-aħħar snin**, sabiex laħqu 1,5 miljun u 0,8 miljuni, rispettivament, fl-2024. L-investiment fil-pompi tas-sħana akkumula wkoll momentum matul dawn l-aħħar ftit snin, għalkemm mhux żieda rapida daqs dik għall-ġenerazzjoni tal-enerġija mir-riħ u mix-xemx, minħabba li għad fadal ostakli f'termini tal-aċċettazzjoni tal-konsumatur u tal-kapaċità tal-installazzjoni, fost l-oħrajn.

Illustrazzjoni 24: Reġistrazzjonijiet ta' karożżi ġodda (karożżi elettriċi bil-batterija u ibridi plug-in)



Sors: Eurostat

Illustrazzjoni 25: Kapaċità installata tal-pompi tas-sħana



Sors: Eurostat

## 7.2 Mobilizzazzjoni tal-investiment tas-settur privat


Minħabba l-iskala tal-ħtiġijiet ta' investiment, il-kontribuzzjonijiet tas-settur privat għall-finanzjament kemm tar-reżiljenza klimatika kif ukoll tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima jeħtieġ li jkunu sostanzjali. Din hija r-raġuni għaliex **L-UE ħejjiet qafas ta' politika li għandu l-għan li jiffaċilita l-investimenti tas-settur privat f'attivitajiet sostenibbli**. Il-Qafas ta' Finanzjament Sostenibbli jipprova lill-investituri b'definizzjonijiet robusti ta' attivitajiet sostenibbli (it-[Tassonomija tal-UE](#)) u jirrikjedi li l-kumpaniji u l-banek jiddivulgaw l-impatt tagħhom fuq l-ambjent u l-klima (id-[Direttiva dwar ir-Rapportar Korporattiv dwar is-Sostenibbiltà](#), ir-[Regolament dwar id-Divulgazzjonijiet relatati mas-Sostenibbiltà Finanzjarja](#)). **Ir-regoli li jirregolaw il-finanzi sostenibbli bħalissa qed jiġu ssimplifikati** biex jitnaqqas il-piż amministrattiv tagħhom fuq il-kumpaniji, filwaqt li l-qafas isir aktar fattibbli u jħalli impatt. Fi Frar 2025, il-Kummissjoni ressqet [proposti leġiżlattivi](#) biex jitnaqqsu l-volum tar-rapporti dwar is-sostenibbiltà u l-għadd ta'

kumpaniji li jeħtieġ li jirrapportaw din l-informazzjoni. Il-Kummissjoni qed tikkunsidra wkoll miżuri oħrajn ta' simplifikazzjoni.

Matul dawn l-aħħar snin, is-setturi korporattivi u finanzjarji ddirizzjonaw riżorsi sinifikanti lejn objettivi ekoloġiċi fl-UE. Pereżempju, skont l-aħħar rapport mill-Pjattaforma dwar il-Finanzi Sostenibbli, **in-nefqa kapitali allinjata mat-Tassonomija minn kumpaniji Ewropej kbar elenkati laħqet EUR 250 biljun fl-2023**<sup>65</sup>.

Fis-settur finanzjarju, ċerti strumenti ħarġu bħala għodda fundamentali għall-mobilizzazzjoni tal-kapital privat. L-Illustrazzjoni 26 tippreżenta l-ammonti annwali ta' **bonds ambjentali, soċjali jew governanza korporattiva (ESG, environmental, social or corporate governance) fl-UE**, sal-ewwel nofs ta' Ġunju 2025. Il-bonds ekoloġiċi (jiġifieri bonds li jiffinanzjaw proġetti ekoloġiċi) għadhom jiddominaw is-suq tal-ESG. Il-volum ta' **ħruġ ta' bonds ekoloġiċi ġodda** ammonta għal **EUR 314-il biljun fl-2024**, l-oġħla livell tiegħu mill-ewwel ħruġ ta' bond ekoloġiku fl-2007. B'kuntrast ma' dan, il-bonds marbuta mas-sostenibbiltà (jiġifieri bonds li għalihom l-emittenti jħallsu mgħax oġħla jekk ma jissodisfawx l-objettivi ta' "sostenibbiltà" definiti minn qabel tagħhom) ikomplu jonqsu, u jammontaw biss għal EUR 26 biljun fl-2024, imqabbla ma' EUR 66 biljun fl-2021 u EUR 45 biljun fl-2022. Dan it-tnaqqis jirrifletti l-aktar approċċ rigoruż għas-sostenibbiltà meħud mill-investituri. Bl-istess mod, kemm il-bonds soċjali (jiġifieri bonds li jiffinanzjaw proġetti soċjali) kif ukoll il-bonds ta' sostenibbiltà (jiġifieri bonds li jiffinanzjaw taħlita ta' proġetti ekoloġiċi u soċjali) raw tnaqqis, u dan saħħaħ il-prevalenza tal-bonds ekoloġiċi.

**Illustrazzjoni 26: Volumi annwali maħruġa fl-UE – bonds ESG**



Sors: LSEG, kalkoli taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC, Joint Research Centre). Data fil-15 ta' Ġunju 2025.


L-UE hija mexxejja globali fis-suq tal-**bonds ekoloġiċi** (ara l-Illustrazzjoni 27). F'kull sena bejn l-2021 u l-2024 dawn ammontaw għal aktar minn 3 % tal-ħruġ kollu tal-bonds

<sup>65</sup> [Rapport tal-Pjattaforma dwar il-Finanzi Sostenibbli: Monitoring capital flows to sustainable investments](#)

(li laħqu 2,7 % f'nofs l-2025), notevolment ogħla mis-sehem mhux tal-UE ta' bonds ekoloġiċi ta' inqas minn 0,5 %.

Sabiex iġġib trasparenza u kredibbiltà akbar għal dawn l-istrumenti finanzjarji, minn Diċembru 2024, l-UE adottat ir-Regolament dwar il-Bonds Ekoloġiċi Ewropej, qafas volontarju għall-emittenti li jixtiequ jittikkettaw il-bonds tagħhom bħala Bonds Ekoloġiċi Ewropej. Dan l-istandard huwa bbażat fuq il-kriterji dettaljati tat-tassonomija tal-UE biex jiġu definiti attivitajiet ekonomiċi ekoloġiċi, filwaqt li jiġu żgurati livelli ta' trasparenza li jallinjaw mal-aħjar prattiki tas-suq. Dan jintroduċi wkoll superviżjoni għall-kumpaniji li jwettqu rieżamijiet ta' qabel u wara l-ħruġ fil-livell Ewropew.


**Illustrazzjoni 27: Volumi annwali maħruġa u sehem ta' bonds ekoloġiċi – it-tipi kollha ta' bonds**



Sors: LSEG, kalkoli tal-JRC. Data fil-15 ta' Ġunju 2025.

Is-suq għas-**self ESG** (definit bħala ftehim ta' klabb, sindakazzjoni jew tranżazzjoni bilaterali) huwa tradizzjonalment inqas definit sew mis-suq tal-bonds ESG, mingħajr regolamentazzjoni tal-UE. Il-ħruġ ta' self ekoloġiku żdied b'mod kostanti mill-2016, tant li laħaq **EUR 71 biljun fl-2024**, żieda minn EUR 53 biljun fl-2023 (ara l-Illustrazzjoni 28).

## Illustrazzjoni 28: Frug annwali ta' self ESG fl-UE



Sors: LSEG, kalkoli tal-JRC. Data fis-16 ta' Ġunju 2025

Sabiex tiffaċilita u tħaffef it-tranżizzjoni korporattiva lejn żero nett, il-Kummissjoni se tiżviluppa wkoll perkorsi ta' tranżizzjoni speċifiċi għas-settur, bl-involviment dirett ta' industriji ewlenin. Dawn il-perkorsi għandhom jippermettu deċiżjonijiet ta' investiment aktar infurmati u jgħinu fil-mobilizzazzjoni ta' aktar kapital għat-tranżizzjoni.

Il-qafas integrat li jmiss għar-reżiljenza għall-klima se jinkludi azzjoni biex jiġi mobilizzat il-finanzjament għar-reżiljenza għall-klima biex jiġi żgurat li l-investimenti kollha vulnerabbli għall-impatti tat-tibdil fil-klima jkunu mfasla biex jiffaċċjaw riskji klimatiċi li jistgħu jimmaterjalizzaw matul haġjithom (“reżiljenza mid-disinn”).

### 7.3 Finanzjament mis-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet

Tliet fondi jużaw id-dħul mis-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet biex jappoġġaw it-teknoloġiji nodfa, l-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika:

- Il-Fond għall-Innovazzjoni;
- il-Fond għall-Modernizzazzjoni; u
- l-Fond Soċjali għall-Klima.

Barra minn hekk, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza hija parzjalment iffinanzjata mid-dħul tal-ETS.

#### Fond għall-Innovazzjoni

Il-Fond għall-Innovazzjoni huwa wieħed mill-akbar programmi ta' finanzjament fid-dinja għall-użu ta' teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. L-għan huwa li jitqiegħdu fis-suq teknoloġiji ġodda tal-enerġija nadifa u industrijali sabiex l-UE tkun tista' tnaqqas l-emissjonijiet, tilħaq in-newtralità klimatika u tibqa' kompetittiva. Il-fond għandu baġit stmat ta' **EUR 40 biljun** bejn l-2020 u l-2030 (ibbażat fuq prezz tal-

karbonju ta' EUR 75 għal kull tunnellata). Proġetti mill-UE, mill-Iżlanda, mil-Liechtenstein u min-Norveġja jistgħu japplikaw għal appoġġ mill-fond.

Mill-2020, il-Kummissjoni nediet 11-il sejħa għal proposti, inklużi żewġ irkantijiet taħt il-Bank Ewropew tal-Idroġenu. Il-Fond għall-Innovazzjoni issa qed jappoġġa madwar 190 proġett fuq skala żgħira u kbira li għaddejjin b'finanzjament li jammonta għal madwar EUR 10,8 biljun.

### *Sejħiet għal proposti fl-2024*

Il-Kummissjoni fetħet tliet sejħiet għal proposti f'Diċembru 2024 b'baġit ta' EUR 4,6 biljun.

- **Teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti.** Din is-sejħa għal proposti kellha baġit ta' EUR 2,4 biljun u rċeviet 359 proposta minn 28 pajjiż meta għalqet f'April 2025. Il-Kummissjoni għadha kif [ippubblikat](#) ir-riżultati tal-evalwazzjoni u l-lista ta' proġetti magħżula minn qabel għat-tnejn tal-ftehim ta' għotja.
- **Batteriji.** Għall-ewwel darba, din is-sejħa għal proposti se tappoġġa l-manifattura ta' ċelloli tal-batteriji tal-vetturi elettriċi. Is-sejħa kellha baġit ta' EUR 1 biljun u rċeviet 14-il proposta minn 8 pajjiżi f'April 2025. F'Lulju 2025, tħabbar li **sitt proġetti ngħataw finanzjament: tnejn minn Franza u mill-Ġermanja u wieħed mill-Iżvezja u mill-Polonja li rċevew EUR 852 miljun ta' appoġġ flimkien.** Dawn il-proġetti se jkollhom kapaċità kkombinata tal-manifattura tal-batteriji ta' madwar 56 gigawatt-sigħat (GWh) ta' ċelloli tal-batteriji ta' vetturi elettriċi fis-sena.
- **Irkant tal-idroġenu.** Din is-sejħa għal proposti kienet għat-tieni sessjoni tal-irkant tal-Bank Ewropew tal-Idroġenu għall-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli. Il-baġit kien ta' EUR 1,2 biljun, inkluża allokazzjoni ġdida ta' EUR 200 miljun speċifikament allokata għal proġetti fis-settur marittimu. L-irkant għalaq fi Frar 2025 b'66 offerta minn 11-il pajjiż u 15-il proġett f'5 pajjiżi differenti li jirċievu appoġġ. Dawn il-proġetti huma **mistennija li jipproduċu kważi 2,2 miljun tunnellata ta' idroġenu rinnovabbli** fuq 10 snin, u b'hekk jevitaw aktar minn 15-il miljun tunnellata ta' emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub>.

Kif imħabbar fil-komunikazzjoni dwar il-Patt għal Industrija Nadifa, il-Fond għall-Innovazzjoni se jniedi sejħa ġdida għal proposti biex jappoġġa t-teknoloġija nadifa, il-manifattura tal-batteriji u l-idroġenu rinnovabbli fi tmiem l-2025. Dan se jniedi wkoll irkant ġdid għad-dekarbonizzazzjoni tas-sħana fil-proċessi industrijali.



Il-proġetti, l-iskedi informattivi tal-pajjiżi u d-dashboards interattivi kollha huma disponibbli fil-[Portafoll tal-Proġetti tal-Fond għall-Innovazzjoni](#).

## Servizzi tal-Fond għall-Innovazzjoni

Il-Fond għall-Innovazzjoni jipprovdi diversi servizzi li jippermettu li proġetti addizzjonali jirċievu finanzjament anke wara li jkun ġie allokat il-baġit inizjali ta' sejħa għal proposti.

Il-Ġermanja, l-Awstrija u Spanja kollha għamlu kontribuzzjonijiet taħt il-mekkaniżmu **“irkantijiet bħala servizz”**, billi skjeraw sa EUR 836 miljun biex jappoġġaw proġetti promettenti li ma rċevewx finanzjament fl-aħħar irkant tal-idroġenu.

Il-Kummissjoni qed taħdem biex tistabbilixxi karatteristika simili għas-sejħa regolari għal proposti, imsejħa **“għotjiet bħala servizz”**.

Iż-żewġ karatteristiċi jippermettu lill-Istati Membri jużaw il-proċeduri ta' evalwazzjoni tal-Fond għall-Innovazzjoni u jevitaw piżijiet amministrattivi u finanzjarji bla bżonn biex jiżviluppaw u jmexxu skemi ġodda ta' appoġġ għall-istess teknoloġiji.

L-appoġġ mill-Fond għall-Innovazzjoni jmur lil hinn mill-finanzjament pubbliku. B'mod partikolari, proġetti fuq skala żgħira jew proġetti minn pajjiżi b'introjtu aktar baxx jistgħu jirċievu **Assistenza għall-Iżvilupp tal-Proġetti**. Il-Bank Ewropew tal-Investment joffri konsulenza teknika u finanzjarja mfassla apposta biex tittejjeb il-maturità ta' proġetti innovattivi u tiġi żgurata firxa bilanċjata tal-appoġġ tal-Fond għall-Innovazzjoni fir-reġjuni u fis-setturi kollha.

## Fond għall-Modernizzazzjoni

Il-Fond għall-Modernizzazzjoni juża d-dħul mill-EU ETS biex jgħin lill-Istati Membri b'introjtu aktar baxx jilħqu l-miri tagħhom għall-klima u l-enerġija għall-2030. 13-il Stat Membru: Il-Bulgarija, il-Kroazja, iċ-Ċekja, l-Estonja, il-Greċja, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja u s-Slovenja jistgħu jibbenefikaw minn dan l-appoġġ.

Il-Fond jiffinanzja s-sorsi tal-enerġija rinnovabbli, il-modernizzazzjoni tan-networks tal-enerġija u l-effiċjenza enerġetika fil-bini u fl-industrija. Dawn l-investimenti jħaffu t-tranżizzjoni nadifa u jżommu l-UE kollha kompetittiva.

Il-Fond għall-Modernizzazzjoni għandu baġit stmat ta' EUR 57 biljun mill-2021 sal-2030, jekk wieħed jassumi prezz medju tal-karbonju ta' EUR 75/tCO<sub>2</sub>. Mill-2021 'il hawn, diġà ġew żborżati EUR 19,1 biljun lil 12-il Stat Membru benefiċjarju.

L-aħħar żborżi jinkludu EUR 2,7 biljun f'Diċembru 2024 u EUR 3,7 biljun f'Ġunju 2025. Dan tal-aħħar huwa l-akbar żborż minn meta nħoloq il-Fond. Dawn l-iżborżi reċenti raw l-ewwel fondi li qatt ġew investiti fis-Slovenja (Diċembru 2024) u fil-Greċja (Ġunju 2025).

## Fond Soċjali għall-Klima

Il-Fond Soċjali għall-Klima ġie stabbilit flimkien mal-ETS2 (ara l-[Kapitolu 2](#)), is-sistema tal-UE għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għall-fjuwil użat fil-bini, fit-trasport bit-triq u fl-industrija żgħira. L-għan ewlieni tiegħu huwa li jgħin biex jitnaqqas l-impatt soċjali u ekonomiku ta' din is-sistema ġdida billi jipprovdi għajjnuna lill-aktar persuni

affettwati, speċjalment unitajiet domestiċi u mikrointrapriżi li qed iħabbtu wiċċhom ma' kostijiet oġhla tal-enerġija u tat-trasport. Flimkien ma' kontribuzzjoni obbligatorja mill-Istati Membri, dan għandu jipprovdi mill-inqas EUR 87 biljun f' appoġġ pubbliku mill-2026 sal-2032, u b'hekk jiżgura li ħadd ma jitħalla lura hekk kif nimxu lejn ekonomija aktar nadifa.

Deskrizzjoni ta' kif se jintnefaq il-finanzjament mill-Fond Soċjali għall-Klima tinsab fil-Pjanijiet Soċjali għall-Klima li għandhom jiġu adottati mill-Istati Membri u li jeħtieġ li jiġu vvalutati b'mod pożittiv mill-Kummissjoni. Dawn il-pjanijiet iridu jidentifikaw l-aktar gruppi vulnerabbli b'rabta mal-faqar enerġetiku u tat-trasport, kif ukoll l-impatti tal-ETS2, u jiddeskrivu l-miżuri u l-investimenti biex jappoġġawhom. Fit-tfassil tal-pjanijiet tagħhom, l-Istati Membri jridu jwettqu konsultazzjoni pubblika, li tinvolvi firxa ta' partijiet ikkonċernati definiti b'mod wiesa': l-awtoritajiet reġjonali u lokali, ir-rappreżentanti tas-sħab ekonomiċi u soċjali, l-organizzazzjonijiet rilevanti tas-soċjetà ċivili, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh, eċċ. Fil-pjan għandu jiġi inkluż ukoll sommarju tal-konsultazzjoni, kif ukoll spjegazzjoni ta' kif ġie integrat il-kontribut. L-involviment tal-atturi reġjonali u lokali jkompli fl-implimentazzjoni tal-investimenti fil-prattika u matul id-durata tal-fond, sabiex tiġi żgurata azzjoni mfasla apposta u effettiva.

Sa issa, l-Iżvezja u l-Latvja ssottomettew l-abbozzi tal-Pjanijiet Soċjali għall-Klima tagħhom lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni Ewropea bdiet tirrieżamina l-pjanijiet u deċiżjoni finali hija mistennija fi żmien l-iskadenza legali ta' 5 xhur wara s-sottomissjoni tagħhom. Il-Kummissjoni tinsab ukoll f'kuntatt mill-qrib mal-Istati Membri li fadal biex tgħin fil-finalizzazzjoni u s-sottomissjoni tal-pjanijiet kollha.


Jekk il-pjan ta' Stat Membru jiġi vvalutat b'mod pożittiv, il-finanzjament ikun jista' jibda fl-1 ta' Jannar 2026. Madankollu, huma biss il-pajjiżi li jikkonvertu bis-sħiħ l-ETS2 fil-liġi nazzjonali tagħhom li se jkunu jistgħu jaċċessaw il-fond.

## **7.4 In-nefqa fuq il-klima fil-baġit tal-UE**

Il-baġit tal-UE – kemm il-“qafas finanzjarju pluriennali” tal-UE li jkopri l-perjodu 2021-2027 kif ukoll l-istrument ta' rkupru ta' wara l-Covid *NextGenerationEU* – huwa xprunatur ewlieni tat-tranżizzjoni ekoloġika.

L-impenji baġitarji kurrenti jissuġġerixxu li fil-perjodu 2021-2027 l-UE se tonfoq madwar EUR 662 biljun fuq azzjoni klimatika. Dan huwa 34 % tal-baġit kollu tal-UE u oġhla mill-mira ta' 30 %.

Bi 78 % tal-baġit tagħha jmur għall-klima, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) għandha wieħed mill-oġhla ishma ta' nfiq fuq il-klima ta' kwalunkwe programm tal-UE. Il-programm LIFE u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF, Recovery and Resilience Facility) jonfqu wkoll sehem kbir mill-baġits tagħhom fuq proġetti klimatiċi (ara l-Illustrazzjoni 29).



**Illustrazzjoni 29: Sehem mistenni tal-baġit tal-UE u ta' fondi u politiki magħżula li jintnefqu fuq il-klima (% , 2021-2027)**

Sors: Impenji baġitarji dwar il-klima. [Climate mainstreaming - il-Kummissjoni Ewropea](#)

Dawn il-fondi kollha jagħtu riżultati tanġibbli. Pereżempju:

- 45 gigawatt-siegħa ta' ffrankar stmat fl-effiċjenza enerġetika fis-sena minn bini privat u pubbliku;
- 98 miljun tonnellata ta' ekwivalenti ta' diossidu tal-karbonju evitati fis-sena, li aktar minn nofshom kienu permezz tal-investiment tal-bonds ekoloġiċi ta' Next Generation EU. Barra minn hekk, huwa mistenni tnaqqis ta' 452 miljun tonnellata ta' diossidu tal-karbonju mill-Fond għall-Innovazzjoni matul l-ewwel 10 snin ta' tħaddim.
- 543 gigawatt-siegħa addizzjonali ta' kapaċità tal-enerġija rinnovabbli installata.

Il-proposti tal-Kummissjoni ta' Lulju 2025 għall-[qafas finanzjarju pluriennali 2028-2034](#) jinkludu mira ta' nfiq ta' 35 % fuq l-oġġettivi klimatiki u ambjentali. Dan jimmobilizza aktar minn EUR 700 biljun biex jappoġġa investimenti ekoloġiċi. Il-proposta tipprevedi wkoll l-applikazzjoni tal-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti” fil-baġit kollu biex jiġi żgurat li l-finanzjament tal-UE ma jmurx kontra l-oġġettivi klimatiki u ambjentali tal-UE. Il-proposta tinkludi wkoll prinċipju ta' “reżiljenza għall-klima mid-disinn”, li jiġi applikat għall-ewwel darba għall-finanzjament tal-UE.

### Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa

Il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) hija l-iskema ta' finanzjament tal-UE għat-trasport, l-enerġija u l-infrastruttura diġitali. Il-faċilità għandha baġit totali ta' EUR 33 biljun, li minnhom 60 % huma allokatati għall-azzjoni klimatika. Hija taqbeż dik il-mira b'mod komdu, bi 78 % tal-baġit, kważi EUR 26 biljun, imorru għal investimenti relatati mal-klima, bħal aġġornamenti fit-trażmissjoni tal-elettriku, punti tal-provvista ta' fjuwil alternattiv u linji ferrovjarji ġodda jew imtejbja.

### Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza

Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza hija fond temporanju u l-parti ewlenija ta' NextGenerationEU, il-pjan tal-UE biex tirkupra wara l-kriżijiet reċenti: il-pandemija tal-COVID-19 u l-kriżi tal-enerġija kkawżata mill-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja. Hija

għandha baġit sa EUR 650 biljun u tippermetti lill-Istati Membri jżidu b'mod sinifikanti l-investimenti relatati mal-klima <sup>66</sup>.

L-Istati Membri kollha impenjaw ruħhom li jonfqu aktar mis-37 % meħtieġa fuq il-klima, b'xi Stati Membri pproġettati li jonfqu ferm aktar minn nofs l-allokazzjoni tagħhom fuq azzjoni klimatika. Kollettivament, l-Istati Membri qed jippjanaw li jonfqu 42,5 % tal-allokazzjonijiet tagħhom fuq il-klima (EUR 276 biljun). Sa Settembru 2025, l-iżborżi relatati mal-klima kienu laħqu EUR 62 biljun.

Sar progress sostanzjali u diversi stejjer ta' suċċess seħħew fil-prattika. Madankollu, billi l-RRF tistabilixxi skadenzi għall-infiq ta' dan il-fond temporanju (il-pagamenti kollha li għandhom isiru sa tmiem l-2026), se jkun essenzjali li [l-implimentazzjoni](#) tiġi aċċellerata u ffinalizzata matul is-sena li ġejja.

## InvestEU

L-InvestEU juża garanzija baġitarja tal-UE biex jgħin lill-banek promozzjonali nazzjonali u internazzjonali jiffinanzjaw l-investment sostenibbli, l-innovazzjoni u l-ħolqien tal-impjiegi. Waħda mill-erba' "twieqi" ta' prijorità hija l-infrastruttura sostenibbli, li tappoġġa t-trasport nadif, l-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza enerġetika u teknoloġiji nodfa oħrajn.

Il-programm għandu l-għan li jiskatta EUR 372 biljun f'investment, b'mill-inqas 30 % imorru għal azzjoni klimatika. Sa tmiem l-2024, dan kien diġà mmobilizza EUR 300 biljun, li 38 % minnhom kienu relatati mal-klima. Għas-snin 2021-2027, dan qed jistenna li jinvesti EUR 110 biljun fi proġetti klimatiċi, madwar 35 % tal-investimenti kollha.

## Programm Orizzont Ewropa

Il-programm qafas Orizzont Ewropa huwa l-programm ta' finanzjament ewlieni tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni. Dan jindirizza t-tibdil fil-klima, jgħin biex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU u jagħti spinta lill-kompetittività u t-tkabbir tal-UE.

Il-programm Orizzont Ewropa għandu baġit totali ta' EUR 95,5 biljun għall-perjodu ta' żmien kollu 2021-2027. Il-programm irid jikkontribwixxi mill-inqas 35 % tan-nefqa għall-oġġettivi klimatiċi – ekwivalenti għal EUR 34,8 biljun f'finanzjament matul il-perjodu ta' żmien 2021-2027.

---

<sup>66</sup> Fl-2023 u l-2024, l-Istati Membri kkomplementaw il-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza tagħhom b'kapitoli ġodda dwar *REPowerEU* b'reazzjoni għall-kriżi tal-enerġija kkawżata mill-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja. Ir-riformi u l-investimenti ġodda jew imsaħħa fl-Istati Membri biex jgħinu fl-eliminazzjoni gradwali tad-dipendenza tal-UE fuq il-fjuwils fossili Russi u fl-aċċellerazzjoni tat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa huma appoġġati minn poter finanzjarju addizzjonali (EUR 19-il biljun ta' għotjiet ġodda, trasferimenti minn fondi oħrajn u l-użu tas-self li jifdal ta' Next Generation EU).

Minħabba l-baġit allokat għall-klima għas-snin 2021-2024, u l-istimi għas-snin 2025-2027, il-programm jinsab fit-triq it-tajba biex jissodisfa l-impenn ġenerali ta' 35 %. Sa tmiem l-2024, diġà ġew allokat i kważi EUR 20 biljun għal attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni li jappoġġaw l-azzjoni klimatika<sup>67</sup>. Dan juri l-impenn tal-programm li jindirizza t-tibdil fil-klima u jipromwovi l-għanijiet ta' sostenibbiltà.

Orizzont Ewropa jappoġġa l-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni dwar il-klima f'oqsma bħax-xjenza klimatika u l-adattament għall-klima, l-enerġija rinnovabbli u l-ħżin tal-enerġija, id-dekarbonizzazzjoni tal-industrija, iċ-ċirkolarità, il-mobbiltà sostenibbli, l-aġġornamenti tal-bini u s-soluzzjonijiet b'bażi bijoloġika.

Orizzont Ewropa jinkludi diversi "missjonijiet" marbutin mal-ħin li jimmiraw lejn sfidi ewlenin bħall-adattament għat-tibdil fil-klima, it-titjib tas-saħħa tal-ħamrija u l-ħolqien ta' bliet newtrali għall-klima. Missjoni waħda bħal din, l-adattament għat-tibdil fil-klima, għandha l-għan li tagħmel mill-inqas 150 reġjun u komunità Ewropej reżiljenti għall-klima sal-2030. Sa issa tat EUR 517-il miljun lil 61 proġett. Billi tgħaddi r-riżorsi u d-deċiżjonijiet lill-korpi lokali u reġjonali, il-missjoni tħaffef l-azzjoni u tistimula l-innovazzjoni u soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura, diġitali u sistemiċi oħrajn. Il-missjoni dwar bliet newtrali għall-klima appoġġat 92 belt permezz ta' kuntratti li jinkludu impenn kif ukoll pjan ta' azzjoni u investiment.

### **Programm LIFE**

Il-programm LIFE huwa l-fond tal-UE għall-ambjent, l-enerġija u l-klima. Il-proġetti LIFE jiffokaw fuq soluzzjonijiet industrijali innovattivi biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, l-assorbimenti tal-karbonju fl-agrikoltura u l-foresti, l-adattament għat-tibdil fil-klima f'żoni urbani u rurali u tfejjiha akbar għal avvenimenti ta' temp estrem. B'baġit ġenerali ta' EUR 5,4 biljun għall-perjodu 2021-2027, il-programm LIFE għandu subprogramm speċifiku dwar il-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima.

61 % tal-baġit totali għandu jintefaq fuq azzjoni klimatika. Il-programm huwa kemxejn taħt din il-mira b'59 %.

Mill-bidu taċ-ċiklu ta' programmazzjoni fl-2021, is-subprogramm dwar il-klima ffinanzja 117-il proġett li jipprovdu EUR 367 miljun. Taħt is-sejħiet għal proposti tal-2024, is-subprogramm ta 23 proġett, inklużi żewġ proġetti integrati strateġiċi, għal total ta' EUR 25 miljun.

### **Politika ta' koeżjoni**

Il-politika ta' koeżjoni hija l-pedament ta' żvilupp bilanċjat u ġust madwar ir-reġjuni tal-UE. L-għan ewlieni tagħha huwa li tiżgura li kulħadd, irrispettivament minn fejn jgħix, ikollu l-istess ċans li jirnexxi. Dan huwa importanti minħabba li tgħin biex jinħolqu opportunitajiet ġusti u tnaqqas l-inugwaljanzi madwar l-UE.


---

<sup>67</sup> Ċifri preliminari

Il-politika ta' koeżjoni tixpruna wkoll l-azzjoni klimatika. Hija tiffinanzja proġetti li jnaqqsu l-konsum tal-enerġija, jagħtu spinta lill-enerġija rinnovabbli, itejbu t-trasport pubbliku, jipproteġu n-natura u jsaħħu r-reżiljenza lokali u reġjonali għat-temp estrem. Billi torbot it-tkabbir reġjonali ma' soluzzjonijiet nodfa u ekoloġiċi, il-politika ta' koeżjoni tgħin lill-UE tilħaq l-għanijiet klimatiċi tagħha, filwaqt li tiżgura li l-ebda reġjun ma jitħalla lura.

F'Settembru 2025, abbażi tar-[rieżami ta' nofs it-terminu](#) tal-Kummissjoni, ġew [adottati](#) regoli ġodda li jagħmluha aktar faċli għall-Istati Membri biex jappoġġaw il-prijoritajiet strateġiċi tal-UE. Pereżempju, regoli ġodda jippermettu lill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali jiffinanzja negozji kbar f'oqsma ewlenin bħad-dekarbonizzazzjoni jew it-teknoloġiji strateġiċi.

**Illustrazzjoni 30: Is-sehem tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni allokatu għall-azzjoni klimatika skont il-qasam tematiku**





Id-data, iċ-ċarts interattivi u l-istejjer illustrattivi kollha dwar il-politika ta' koeżjoni huma disponibbli fuq il-[Pjattaforma tad-Data Miftuħa ta' Koeżjoni](#).

### *Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, Fond ta' Koeżjoni u Interreg*

L-Istati Membri allokaw madwar 57 % (EUR 22,29 biljun) tal-Fond ta' Koeżjoni tagħhom u 33 % (EUR 70,63 biljun) tal-allokkazzjonijiet tagħhom mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali għall-azzjoni klimatika. Barra minn hekk, madwar 24,5 % mill-EUR 10,7 biljun ta' programmi ffokati fuq il-kooperazzjoni reġjonali Ewropea (fondi Interreg) iffinanzjati mill-UE huma mistennija li jappoġġaw miżuri rilevanti għall-klima. Flimkien, dawn l-investimenti mhux biss se jnaqqsu b'mod sinifikanti l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u se jagħtu spinta lill-adattament għat-tibdil fil-klima, iżda wkoll se jgħolqu l-impjiegi, iżidu l-kompetittività, itejbu l-mobbiltà u jżommu żvilupp reġjonali bilanċjat madwar l-UE. L-Illustrazzjoni 30 turi l-finanzjament allokati għall-oqsma ta' politika rilevanti għall-klima bħala sehem mill-infiq totali mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, mill-Fond ta' Koeżjoni u mill-Interreg fuq l-azzjoni klimatika.

Sat-30 ta' Ġunju 2025, madwar 45 % tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u 61 % tal-Fond ta' Koeżjoni għall-perjodu 2021-2027 kienu ġew allokati għal proġetti speċifiċi.

### *Fond għal Tranżizzjoni Ġusta*

Il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta jipprovdi EUR 19,7 biljun biex jgħin lin-nies u lir-reġjuni l-aktar affettwati mit-tranżizzjoni għan-newtralità klimatika, bħal żoni fejn il-minjieri tal-faħam qed jingħalqu jew fejn l-industrija peżanti qed tittrasforma ruħha. Bħalissa, dan qed jappoġġa 96 reġjun b'intensità ta' faħam u karbonju bi pjanijiet ta' tranżizzjoni ġusta mfassla apposta, pereżempju billi jappoġġa d-diversifikazzjoni tal-ekonomija lokali, u jgħin lin-nies jakkwistaw ħiliet ġodda. Sa 120 000 persuna qiegħda se jibbenefikaw mill-miżura u kważi 200 000 persuna se jiksbu ħiliet ġodda.

Il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta qed jimxi 'l quddiem: 47 % tal-fond kien diġà ġie assenjat għal proġetti sa Ġunju 2025, iżda minn 22 % sena qabel. Hemm differenzi notevoli fil-progress. L-Estonja u Malta għażlu l-proġetti kollha u l-Lussemburgu, l-Iżvezja u n-Netherlands għażlu kważi l-proġetti kollha li għandhom jiġu ffinanzjati. Min-naħa l-oħra, il-Belġju, l-Ungerija u l-Bulgarija assenjaw inqas minn 10 % tal-baġit totali.

### *Fond Soċjali Ewropew*

Fil-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027, il-Fond Soċjali Ewropew Plus qed jinvesti EUR 5,7 biljun f'ħiliet u impjiegi ekoloġiċi u f'miżuri u riformi li jappoġġaw l-ekonomija ekoloġika. Dan jinkludi t-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema, l-appoġġ lil ħaddiema spostati jew ħaddiema li jaħdmu għal intrapriżi affettwati mit-tranżizzjoni ekoloġika jew it-taħriġ ta' persuni impjegati u qiegħda f'ħiliet ekoloġiċi.

## 8. Azzjoni internazzjonali dwar il-klima

### Punti ewlenin

- L-UE kellha rwol importanti fil-COP29 fl-Azerbajġan biex tilħaq ftehim dwar l-għan kollettiv ġdid kwantifikat dwar il-finanzjament għall-klima wara l-2025 u dwar il-finalizzazzjoni tar-regoli tal-ftehim ta' Pariġi għas-swieq internazzjonali tal-karbonju.
- L-UE ppreżentat l-ewwel rapport biennali tagħha dwar it-trasparenza f'Novembru 2024, li jipprovdi eżempju ewlieni skont il-Qafas ta' Trasparenza Msaħħaħ tal-Ftehim ta' Pariġi u dwar l-implimentazzjoni ta' azzjoni klimatika ambizzjuża.
- Il-Ministri għall-klima qablu fuq kontribuzzjoni tal-UE ddeterminata fil-livell nazzjonali qabel il-COP30, b'mira indikattiva għall-2035 ta' tnaqqis fl-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra ta' bejn 66,25 % u 72,5 % meta mqabbel mal-livelli tal-1990.
- L-UE saħħet id-djalogu tagħha dwar il-klima ma' pajjiżi ewlenin madwar id-dinja, inklużi ċ-Ċina, il-Brażil, l-Indja, l-Afrika t'Isfel u l-Kanada.
- Fl-2024, il-Kummissjoni impenjat ruħha li tipprovdi EUR 4,6 biljun f'finanzjament għall-klima. Minn dan l-ammont, 27 % ġew impenjati għall-adattament, 46 % għall-mitigazzjoni, u 27 % għal azzjonijiet trażversali li jindirizzaw kemm il-prijoritajiet ta' mitigazzjoni kif ukoll dawk ta' adattament.

L-UE għandha rwol sinifikanti fl-avvanz tal-azzjoni globali biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi billi taħdem kemm fil-livell internazzjonali kif ukoll f'dak bilaterali. L-impatt ta' dan jinkludi l-appoġġ finanzjarju, in-negozjati skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) u l-Ftehim ta' Pariġi, l-impenn diplomatiku, il-bini tal-kapaċitajiet, u t-tmexxija regolatorja.

### 8.1 Impenn multilaterali

Is-sena li għaddiet rat lill-UE timpenja ruħha f'diversi **laqgħat internazzjonali tekniċi u ta' livell għoli** biex timbotta għal livell oġġla ta' ambizzjoni fil-livell globali fin-negozjati dwar il-klima, biex iżżid it-trasparenza, timmobilizza r-riżorsi u taqsam l-għarfien dwar l-azzjoni klimatika f'kuntast ġeopolitiku dejjem aktar volatili.

F'Ottubru 2025, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli ppreżentaw strateġija internazzjonali biex jiggarrantixxu l-post tal-Ewropa fis-swieq globali. Il-[viżjoni globali l-ġdida tal-UE dwar il-klima u l-enerġija](#) tippreżenta l-offerta tal-UE lid-dinja: l-użu tad-diplomazija biex niproteġu l-interessi ewlenin tagħna, il-promozzjoni ta' standards għal tranżizzjoni ġusta billi ngħinu lis-sħab tagħna jiżviluppaw tagħhom, u l-indirizzar tat-treddid u l-isfidi ġodda għas-sigurtà li jipperikolaw kemm l-interessi Ewropej kif ukoll dawk tas-sħab tagħna.

## Implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi

L-UE impenjat ruħha b'mod kostruttiv fil-COP29 fl-Azerbajġan biex tikseb il-mandati ewlenin stabbiliti għall-konferenza. Il-partijiet qablu fuq **għan kollettiv ġdid kwantifikat** dwar il-finanzjament għall-klima wara l-2025, li jiddeskrivi li l-pajjiżi żviluppatti se jkunu minn ta' quddiem biex jipprovdu u jimmobilizzaw mill-inqas USD 300 biljun fis-sena sal-2035 għal azzjoni klimatika għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw, minn varjetà wiesgħa ta' sorsi, bil-pajjiżi li qed jiżviluppaw imħeġġa jagħmlu kontribuzzjonijiet fuq bażi volontarja. L-għan il-ġdid huwa kkomplementat minn sejħa lill-atturi kollha biex jaħdmu flimkien biex jippermettu ż-żieda fil-finanzjament għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw mis-sorsi pubbliċi u privati kollha, għal mill-inqas USD 1,3 triljun fis-sena.

Eżitu ewlieni ieħor kien il-finalizzazzjoni tal-**ġabra ta' regoli għas-swieq tal-karbonju** (skont l-Artikolu 6 tal-Ftehim ta' Pariġi). Fil-promozzjoni ta' kooperazzjonijiet trasparenti u ta' integrità għolja, dawn ir-regoli se jgħinu lill-pajjiżi jżidu u jilħqu l-miri klimatiċi tagħhom.

Fil-21 ta' Novembru 2024, l-UE ssottomettiet l-**ewwel rapport biennali tagħha dwar it-trasparenza**. Ir-rapport jagħti dettalji dwar il-progress li sar biex tintlaħaq il-mira għall-2030 u l-progress fil-valutazzjoni tal-effetti tal-politiki u l-miżuri tal-UE dwar il-klima fit-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u fil-bini tar-reżiljenza għat-tibdil fil-klima. Huwa jagħti wkoll dettalji dwar il-kontribuzzjonijiet li saru għall-bini tal-kapaċità internazzjonali u l-finanzjament għall-klima. Ara l-Kapitolu 5 tad-dokument ta' ħidma tal-persunal ta' akkumpanjament għal aktar dettalji.



Ir-Rapport Biennali dwar it-Trasparenza huwa disponibbli fuq is-[sit web tal-UNFCCC](#).

Taħt il-**programm ta' ħidma ta' mitigazzjoni** tal-UNFCCC, l-UE qasmet l-aħjar prattiki u soluzzjonijiet ta' mitigazzjoni għall-bini u s-sistemi urbani (ir-raba' Djalogu Globali u Avvenimenti ffokati fuq l-Investment f'Ottubru 2024) u għas-settur tal-foresti (il-ħames Djalogu Globali u Avvenimenti ffokati fuq l-Investment f'Mejju 2025). Bħala parti mill-**programm ta' ħidma dwar it-Tranżizzjoni Ġusta**, l-UE pparteċipat f'żewġ Djalogi dwar it-Tranżizzjoni Ġusta biex taqsam l-esperjenzi u l-prattiki tajbin dwar ir-reżiljenza klimatika ġusta u l-perkorsi ta' tranżizzjoni tal-enerġija ġusta.

Fir-rigward tal-adattament għat-tibdil fil-klima, l-UE impenjat ruħha b'mod attiv ma' pajjiżi oħrajn biex tagħmel progress taħt il-programm ta' ħidma UAE-Belém dwar l-indikaturi tal-adattament. Dan huwa meħtieġ biex jiġi implimentat il-**“Qafas tal-UAE għar-Reżiljenza Klimatika Globali”** adottat fil-COP28 fl-2023 u biex jintlaħaq l-Għan Globali dwar l-Adattament.

Sabiex tħejji għat-30 Konferenza tal-Partijiet (COP30) f'Belém f'Novembru 2025, l-UE tippromwovi b'mod kostruttiv in-negozjati għal deċiżjonijiet ta' suċċess dwar l-eżiti deskritti fil-mandati. Dawn jinkludu t-twettiq tal-indikaturi biex jiġi segwit il-progress lejn l-**Għan Globali dwar l-Adattament**, l-ilhug ta' ftehim dwar il-**pjan ta' azzjoni dwar l-**

**ugwaljanza bejn is-sessi** u l-parteċipazzjoni attiva fid-diskussjonijiet dwar **il-Pjan Direzzjonali minn Baku sa Belém** għal USD 1,3 triljun, li għandu l-għan li jżid il-flussi ta' finanzjament għall-klima lejn pajjiżi li qed jiżviluppaw. L-UE tkompli tipparteċipa wkoll fil-korpi kostitwiti stabbiliti biex jappoġġaw lill-partijiet u l-proċess intergovernattiv skont il-UNFCCC, bil-ħsieb li jinkisbu l-eżiti ddikjarati fil-mandati.

### **Implimentazzjoni tal-ewwel Eżiti tar-Rendikont Globali u l-kontribuzzjoni tal-UE ddeterminata fil-livell nazzjonali**

Filwaqt li bniet fuq l-eżiti tal-ewwel [rendikont globali](#), u biex iżżomm il-momentum tal-ftehim kollettiv importanti dwar it-tranżizzjoni enerġetika, l-UE mexxiet it-tnedija tal-**Forum Globali dwar it-Tranżizzjonijiet tal-Enerġija** f'Jannar 2025. Il-forum jgħaqqad mexxejja, ministri u gruppi ta' partijiet ikkonċernati u għandu l-għan li jiżgura li l-impenji biex tithaffew it-tranżizzjoni tal-enerġija nadifa billi tiġi triplikata l-kapaċità tal-enerġija rinnovabbli u tiġi rdoppjata l-effiċjenza enerġetika jiġu integrati fiċ-ċiklu li jmiss ta' kontribuzzjoni ddeterminata fil-livell nazzjonali.

L-UE qablet ukoll li tissottometti l-kontribuzzjoni tagħha ddeterminata fil-livell nazzjonali, qabel il-COP30, b'mira indikattiva għall-2035 ta' tnaqqis ta' bejn 66,25 % u 72,5 % fl-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra meta mqabbla mal-livelli tal-1990.

### **Involviment f'fora multilaterali u plurilaterali oħrajn**

Il-ħidma tal-UE man-Nazzjonijiet Uniti u l-aġenziji tagħha tkompli tippromwovi tranżizzjoni nadifa u ambizzjoni klimatika għolja. **L-adozzjoni tal-Patt għall-Futur** fid-79 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti affermat mill-ġdid il-ħtieġa għal azzjoni aktar b'saħħitha kontra t-tibdil fil-klima. Fit-80 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, l-UE enfasizzat l-impenji u l-ambizzjoni tagħha dwar il-klima fl-avveniment ta' livell għoli tal-mexxejja dwar l-Azzjoni Klimatika u kkondividiet il-viżjoni tagħha dwar l-iskjerament tal-enerġija rinnovabbli fis-Summit Globali dwar l-Enerġija Rinnovabbli.

L-UE tibqa' parteċipant ewlieni fil-**G7 u fil-G20**, bil-ħsieb ta' aktar azzjoni klimatika. Minkejja l-pressjonijiet ġeopolitiċi, matul l-aħħar sena sar progress f'dawn il-fora. Il-G7 talab tnaqqis rapidu u profund tal-emissjonijiet minn ekonomiji ewlenin, inkluż permezz tat-tneħħija gradwali tal-enerġija mill-faħam b'emissjonijiet mhux imnaqqsa fl-ewwel nofs tal-2030, filwaqt li l-G20 approva "**aġenda ta' ambizzjoni msaħħa**" sabiex il-mira ta' 1.5c tkun tista' tintlaħaq. L-UE ħeġġet liż-żewġ fora biex jaqblu fuq passi konkreti biex iwettqu l-Ftehim ta' Pariġi u r-Rendikont Globali.

L-UE tibqa' attiva fil-**Klabb għall-Klima**, forum ta' livell għoli għad-dekarbonizzazzjoni tal-industrija. L-attivitajiet tal-Klabb jiffokaw prinċipalment fuq id-dekarbonizzazzjoni tal-produzzjoni tal-azzar u tas-siment. Fl-2024, il-klabb nieda Pjattaforma ta' Tqabbil Globali mfasla biex thaffew id-dekarbonizzazzjoni tal-industriji b'emissjonijiet kbar fl-ekonomiji emerġenti u li qed jiżviluppaw billi jgħaqqad ma' soluzzjonijiet tekniċi u finanzjarji.

L-UE ħadmet ukoll mal-**Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD, Organisation for Economic Co-operation and Development)** biex tkompli l-azzjoni klimatika fil-pajjiżi membri u kandidati. Hija pparteċipat fil-ħidma fuq it-tibdil fil-klima ta' diversi korpi bħall-Kumitat għall-Politika Ambjentali u l-Gruppi ta' Ħidma dwar it-Tibdil fil-Klima u dwar il-Finanzi u l-Investment għall-Għanijiet Ambjentali. Hija involviet ruħha wkoll fil-Forum Inklużiv dwar l-Approċċi ta' Mitigazzjoni tal-Karbonju u fil-Pjattaforma tas-Suq tal-Karbonju, immedija mill-OECD bħala fora biex il-politiki dwar il-mitigazzjoni u l-politiki dwar l-ipprezzar u s-swieq tal-karbonju jiġu diskussi b'mod liberu.

Bħala parti mill-Forum Ministerjali dwar l-Enerġija Nadifa, il-Kummissjoni nediet kampanja li tippromwovi stili ta' ħajja sostenibbli u ġustizzja biex jitnaqqsu l-emissjonijiet, li tinkludi dikjarazzjoni ta' livell għoli approvata minn diversi pajjiżi, bħaċ-Ċina, l-Indja u l-Brażil.

L-UE tkompli tinvesti f'inizjattivi biex tindirizza l-effetti tat-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali li jaċċentwaw it-theddid għall-paċi, l-istabbiltà, is-sigurtà u r-riskji li jimminaw id-difiża Ewropea. Fl-2025, l-UE ppubblikat rapport ta' progress dwar l-implimentazzjoni tal-komunikazzjoni konġunta dwar il-klima u s-sigurtà. Ir-rapport jenfasizza kif, fost l-oħrajn, l-impatt tad-degradazzjoni ambjentali u t-tibdil fil-klima fuq il-paċi u s-sigurtà u d-difiża issa jidher b'mod prominenti fi skambji ma' pajjiżi mhux tal-UE, organizzazzjonijiet reġjonali u organizzazzjonijiet bħan-NATO – u kif din l-enfasi ġdida qed twassal għal inizjattivi tanġibbli.

## 8.2 Impenn bilaterali

L-impenn bilaterali joħloq opportunitajiet għall-iskambju ma' pajjiżi terzi dwar kif aħna kollettivament nilħqu l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi, naqsmu l-għarfien u l-esperjenzi dwar il-mitigazzjoni u l-adattament u nipprovdu għarfien tekniku meħud mill-esperjenza estensiva tal-UE bil-politika dwar il-klima, inkluż l-ipprezzar tal-karbonju. It-tħassib dwar is-sigurtà tal-klima huwa wkoll parti mill-impenn bilaterali tal-UE u mill-kuntatti regolari mas-sħab reġjonali u tas-soċjetà ċivili.

Fl-2024 u l-2025, l-impenn bilaterali ma' pajjiżi mhux tal-UE ffoka fuq it-twassil ta' **kontribuzzjonijiet ambizzjużi ġodda ddeterminati fil-livell nazzjonali mill-COP30**, li seħħet f'Novembru 2025. Ġew organizzati diversi avvenimenti fl-Amerika Latina, fl-Asja u fl-Afrika biex isir skambju mal-partijiet ikkonċernati u l-gvernijiet tal-pajjiżi dwar l-immudellar u l-ambizzjoni tal-NDC.

**L-ipprezzar tal-karbonju** huwa pedament tal-politika tal-UE dwar il-klima u fil-qalba tad-diplomazija tal-UE dwar il-klima. Filwaqt li tibni fuq l-esperjenza tagħha, l-UE taħdem mas-sħab biex ittejjeb il-politiki tal-ipprezzar tal-karbonju, bħal sistemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet jew taxxi fuq il-karbonju.

Wara l-finalizzazzjoni tal-**ġabra ta' regoli għas-swieq tal-karbonju** fil-COP29, l-UE għandha wkoll l-għan li taħdem mill-qrib mal-pajjiżi sħab biex tisfrutta l-benefiċċji tas-swieq internazzjonali tal-karbonju ta' integrità għolja.

L-UE bdiet kooperazzjoni ma' pajjiżi bħall-**Brażil**, li adotta l-leġiżlazzjoni tiegħu dwar is-suq tal-karbonju f'Diċembru 2024, l-Indja, pajjiżi fl-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja, eċċ. Din tikkomplementa l-impenn eżistenti ma' pajjiżi bħaċ-Ċina u l-Kanada, fejn diġà hemm stabbiliti skemi ta' pprezzar tal-karbonju.

L-UE qed timpenja ruħha wkoll mal-**pajjiżi li huma kandidati biex jissieħbu fl-UE** biex tiżgura li dawn jallinjaw malajr mal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-klima. Issir enfasi partikolari fuq il-progress fuq l-ipprezzar tal-karbonju u l-allinjament mar-regoli tas-sistema tal-UE għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet. Il-proċess ta' tkabbir miexi aktar malajr minn fi kwalunkwe punt fl-aħħar 15-il sena. F'Settembru 2025, l-UE fetħet formalment negozjati ta' adeżjoni mal-Albanija dwar politiki ta' konnettività ekoloġiċi u sostenibbli, inklużi l-ambjent u l-klima. Matul il-perjodu ta' rapportar, l-UE eżaminat ukoll il-leġiżlazzjonijiet tal-Moldova u tal-Ukrajna biex tivverifika kemm huma lesti li jsegwu l-liġijiet tal-UE dwar il-klima.

Sar ukoll progress fl-implimentazzjoni tal-**Alleanzi Ekoloġiċi eżistenti** (il-Ġappun, in-Norveġja u l-Kanada) u tas-**Sħubijiet Ekoloġiċi** (il-Marokk u l-Korea t'Isfel) bi djalogu u kooperazzjoni msaħħa f'oqsma ta' rilevanza għat-tranżizzjoni ekoloġika. F'Jannar 2024, tnedja Programm ta' Sħubija Ekoloġika bejn l-UE u l-Korea ta' 4 snin fil-Korea t'Isfel. L-għan tal-programm huwa li jsaħħaħ id-diplomazija ekoloġika tal-UE, jippromwovi l-kooperazzjoni bilaterali, filwaqt li jappoġġa l-implimentazzjoni tas-Sħubija Ekoloġika. Programm simili, il-faċilità tal-Alleanza Ekoloġika, ilu għaddej ukoll fil-Ġappun minn Lulju 2024.

Fil-kuntest tad-Djalogu ta' Livell Għoli bejn l-UE u ċ-Ċina dwar l-Ambjent u l-Klima, l-UE skambjat maċ-**Ċina** dwar diversi politiki biex titħaffef it-tranżizzjoni ekoloġika, inkluż dwar is-sistema taċ-Ċina għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (ispirata mis-sistema tal-UE), dwar l-immudellar tal-emissjonijiet u l-impatt tat-tibdil fil-klima, il-kejl u l-kontroll tal-emissjonijiet tal-metan u l-istimulazzjoni tal-finanzjament għar-reżiljenza. Permezz tad-diplomazija dwar il-klima tagħha, mill-ogħla livelli politiċi għal-livelli tekniċi, l-UE hegġget liċ-Ċina biex tikkontribwixxi s-sehem tagħha biex tappoġġa l-azzjoni klimatika globali. Wara s-Summit bejn l-UE u ċ-Ċina f'Lulju 2025 ġiet ippubblikata dikjarazzjoni konġunta dwar il-klima.

L-UE tat spinta lir-relazzjonijiet mal-**Indja** permezz ta' żjara tal-Kulleġġ fir-rebbiegħa tal-2025. Din wasslet għall-pubblikazzjoni ta' **aġenda strateġika ġdida bejn l-UE u l-Indja** f'Settembru 2025 li, fost affarijiet oħrajn, tiffoka fuq it-tranżizzjoni ekoloġika, it-teknoloġiji nodfa u r-reżiljenza għall-klima. Il-kooperazzjoni teknika dwar l-ipprezzar tal-karbonju u l-immudellar tal-klima qed tikber ukoll.

F'Settembru 2025, sar l-ewwel djalogu **ministerjali** dwar il-klima u l-ambjent bejn l-UE u l-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja. Id-djalogu kkonferma impenn konġunt għall-aġenda multilaterali dwar il-klima u impenn politiku qawwi għall-kooperazzjoni għal azzjoni klimatika ambizzjuża.

Mekkaniżmu ta' kooperazzjoni fil-finanzjament, jiġifieri s-**Sħubijiet għal Tranżizzjoni tal-Enerġija Ġusta**, qed jikseb momentum pożittiv fl-Indoneżja. Is-sħubija tiegħu l-forma

ta' ftehim ta' USD 20 biljun għad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija tal-Indoneżja li taħdem bil-faħam. Sa issa, diġà ġew approvati madwar USD 1,2 biljun f'self u għotjiet, inkluż appoġġ għal impjant tal-enerġija solari galleġġanti ta' 60 MW fil-Punent ta' Java.

L-UE għandha l-istess sħubija mas-Senegal, l-Afrika t'Isfel u l-Vjetnam. Taħt is-sħubija tagħha ta' USD 15-il biljun, il-Vjetnam qed jagħmel ukoll progress fuq l-azzjoni klimatika u proġetti rinnovabbli ewlenin huma qrib l-istadju tal-approvazzjoni.

Taħt l-**istrateġija Global Gateway** tal-UE, il-klima u l-enerġija huma prijoritajiet ewlenin fl-Afrika. L-approċċ tal-UE diġà qed jagħti riżultati konkreti. F'Marzu 2025, l-UE nediet pakkett ta' investiment ta' EUR 4,4 biljun biex tappoġġa proġetti tal-enerġija nadifa fl-Afrika t'Isfel. L-UE fetħet ukoll negozjati dwar tip ġdid ta' ftehim kummerċjali u klimatiku mal-Afrika t'Isfel - is-**sħubija għal kummerċ u investimenti nodfa**. Dawn l-inizjattivi se jgħinu lill-kumpaniji tal-UE jiddiversifikaw il-ktajjen tal-provvista ekoloġiċi tagħhom, isaħħu l-kompetittività tal-UE u jappoġġaw lill-Afrika t'Isfel fit-tnaqqis tal-emissjonijiet tagħha.

F'Settembru 2025, it-**tieni Summit dwar il-Klima tal-Afrika** wera l-impenn tal-UE li taħdem mas-sħab Afrikani biex issegwi l-oġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi u l-appoġġ tal-UE għat-tranżizzjoni ekoloġika u r-reżiljenza għall-klima tal-Afrika. Dan witta wkoll it-triq għas-Summit bejn l-UE u l-Unjoni Afrikana, li se jsir f'Novembru 2025 fl-Angola.

Sejħiet għal aktar kooperazzjoni biex tiżdied l-azzjoni klimatika jidhru fl-aġenda u l-eżiti tas-Summits bilaterali kollha tal-UE ma' pajjiżi terzi, bħas-Summits bejn l-UE u l-Kanada, l-UE u l-Ġappun u l-UE u l-Asja Ċentrali fl-2025.

Il-**programm tal-UE ta' Djalogi dwar il-Klima** huwa strument ewlieni biex jixpruna d-djalogu dwar il-politika u l-kooperazzjoni dwar il-politika klimatika bejn l-UE u rappreżentanti minn gvernijiet, negozji, akkademiċi, u organizzazzjonijiet soċjali u ekonomiċi f'pajjiżi mhux tal-UE, bil-għan aħħari li jiġu implimentati l-impenji skont il-Ftehim ta' Pariġi. F'Jannar 2025 bdiet fażi ġdida ta' EUR 30 miljun, li se tibqa' għaddejja sa nofs l-2029, u se tappoġġa t-taħditiet dwar il-politika dwar il-klima f'26 pajjiż prijoritarju.

### 8.3 Finanzjament għall-klima u kooperazzjoni internazzjonali

Flimkien mal-finanzjament għall-klima minn sorsi privati, il-finanzjament pubbliku internazzjonali għall-klima għandu rwol importanti fl-għajjnuna lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jimplimentaw il-Ftehim ta' Pariġi.

B'mod ġenerali, l-UE, l-Istati Membri tagħha u l-istituzzjonijiet finanzjarji, huma l-kontributor ewlieni tal-assistenza għall-iżvilupp u l-akbar kontributor ta' finanzjament għall-klima fid-dinja, u jirrapreżentaw madwar terz tal-finanzjament pubbliku globali għall-klima. Fl-2024, l-UE u l-Istati Membri tagħha kkontribwew EUR 31,7 biljun f'finanzjament għall-klima minn sorsi pubbliċi u mmobilizzaw EUR 11-il biljun addizzjonali ta' finanzjament privat biex jappoġġaw lil pajjiżi li qed jiżviluppaw biex inaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom u jadattaw għall-impatti tat-tibdil fil-klima (b'sehem ta' 50/50 bejn il-mitigazzjoni u l-adattament). Żewġ terzi tal-appoġġ

finanzjarju li l-UE pprovdiet direttament lil pajjiżi oħrajn ġew b'termini speċjali u aktar favorevoli, bi kważi kwart tiegħu jappoġġa lill-pajjiżi l-inqas żviluppati.

Fl-2024, il-Kummissjoni impenjat ruħha li tipprovidi EUR 4,6 biljun f'finanzjament għall-klima. Minn dan l-ammont, 27 % ġew impenjati għall-adattament, 46 % għall-mitigazzjoni, u 27 % għal azzjonijiet trażversali li jindirizzaw kemm il-prijoritajiet ta' mitigazzjoni kif ukoll dawk ta' adattament (ara t-Tabella 4).

**Tabella 4: Finanzjament għall-klima impenjat (2024)**

	Somma tal-finanzjament impenjat (EUR miljun)	% tat-total impenjat
Adattament	1 221	27 %
Trażversali	1 252	27 %
Mitigazzjoni	2 087	46 %
<b>Total</b>	<b>4 560</b>	<b>100 %</b>

Il-Kummissjoni tkompli tappoġġa lill-pajjiżi sħab permezz tal-istrumenti ta' finanzjament tagħha. Pereżempju, mill-inqas 30 % tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI – Ewropa Globali) huwa ddedikat għal azzjoni klimatika. Dan jinkludi azzjonijiet f'ambjenti fraġli u affettwati minn kunflitti b'rikonnoxximent tal-interdipendenzi kumplessi bejn it-tibdil fil-klima, id-degradazzjoni ambjentali, il-fraġilità u l-kunflitt.

Il-**Global Gateway** hija strateġija ta' EUR 300 biljun maħsuba biex tagħti spinta lill-infrastruttura intelliġenti, nadifa u sigura f'pajjiżi sħab, b'enfasi fuq l-infrastruttura diġitali, il-klima, l-enerġija u t-trasport. Hija tinvesti wkoll fin-nies, fl-edukazzjoni, fir-riċerka u fis-saħħa. Eżempju konkret wieħed huwa EUROCLIMA, parti mill-Global Gateway, li tibni sħubijiet bejn l-UE u l-Amerika Latina u l-Karibew biex tixpruna tranżizzjoni ekoloġika u ġusta.

L-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III) jistabbilixxi wkoll mira ta' nfiq fuq it-tibdil fil-klima ta' 18 %, li tiżdied għal 20 % sal-2027. Dan huwa investment mingħajr preċedent ta' EUR 4 biljun fit-tnaqqis tal-emissjonijiet u fl-għajnuna lill-pajjiżi kandidati tal-UE biex jibnu reżiljenza għall-effetti tat-tibdil fil-klima.

Sabiex tindirizza t-tħassib tal-Istati Gżejjer Żgħar li qed Jiżviluppaw u tal-Pajjiżi l-Inqas Żviluppati dwar il-finanzjament għall-klima, il-Kummissjoni Ewropea, flimkien mar-Renju Unit, Franza, l-Irlanda u Spanja, organizzat djalogu ministerjali matul ir-Raba' Konferenza dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp f'Sevilja (it-30 ta' Ġunju – l-4 ta' Lulju 2025). Ministri, uffiċjali għoljin u sħab ewlenin identifikaw il-pedamenti ta' sħubija fit-tul

biex itejbu kemm il-volum kif ukoll l-aċċessibbiltà tal-finanzjament għall-klima għal dawn il-pajjiżi vulnerabbli.

L-UE u l-Istati Membri tagħha jibqgħu wkoll attivi fuq l-appoġġ għat-telf u l-ħsara, billi wegħdu aktar minn USD 400 miljun għall-**Fond għat-Telf u l-Ħsara**, b'aktar minn USD 25 miljun ġejjin mill-Kummissjoni Ewropea. L-UE tipparteċipa wkoll b'mod attiv fl-operazzjonalizzazzjoni tal-fond, bħala membru tal-bord.

Qed isiru wkoll sforzi kontinwi biex fl-azzjoni klimatika jiġi promoss l-involvement tas-settur privat permezz tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli Plus (EFSD+, European Fund for Sustainable Development Plus). L-EFSD+ jipprovdi sett komprensiv ta' għodod, inklużi garanziji, għotjiet u assistenza teknika, biex jiġu mmobilizzati l-investimenti tas-settur privat għall-iżvilupp sostenibbli fil-pajjiżi sħab. Dan jikkontribwixxi, fost l-oħrajn, għall-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima, u l-protezzjoni u l-ġestjoni ambjentali. Billi joffri varjetà ta' strumenti għall-kondiviżjoni tar-riskju sa EUR 40 biljun, l-EFSD+ għandu l-potenzjal li jimmobilizza aktar minn nofs triljun euro f'investimenti għas-snin 2021-2027, l-aktar mis-settur privat.

Il-Kummissjoni tkompli l-kooperazzjoni fuq l-avjazzjoni sostenibbli permezz ta' appoġġ iddedikat għall-istudji ta' fattibbiltà u implimentazzjoni tan-negozju għall-fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli f'diversi pajjiżi Afrikani u fl-Indja. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tkompli tappoġġa lil ħafna pajjiżi fl-Afrika u fl-Amerika Latina dwar il-mobbiltà urbana nadifa avvanzata, inkluża l-promozzjoni ta' teknoloġiji tat-trasport nodfa u effiċjenti (ferroviji u xarabanks). L-UE tappoġġa wkoll il-bini tal-kapaċitajiet fit-trasport marittimu taħt il-Qafas tal-Emissjonijiet Żero Netti tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali u tappoġġa t-twaqqif ta' kurituri marittimi ekoloġiċi u tesplora opportunitajiet dwar il-produzzjoni u l-użu ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fis-settur.